# IL-ĦAJJA f'Għawdex

€2

Ottubru 2009 * LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 64 SENA * Nru. 911




# “Sa ma l-mewt tifridna ?”


Qed taħseb biex tħalli
tifkira sabiħa ta'
l-għeżież tiegħek?
Julian Sultana & Co. Ltd.
jaf jaħsiblek biex twaqqaf
monument dekoruż u dejjiemi
ta' l-irħam jew tal-granit,
bi prezzijiet moderati
fuq il-qabar tal-familja tiegħek.
FAMILJA SULTANA
GANNI
1891-1972
ANGELA
1893-1977
DUN SALV
1918-1984
Meta f'Novembru
żżur iċ-ċimiterji t'Għawdex,
waqt li titlob għall-mejtin,
ara wkoll ix-xogħol sabiħ
fuq ħafna oqbra
magħmula minn
JS
Julian Sultana
& Co. Ltd.
Marsalforn Street, Xagħra, XRA 2705, Gozo.
Tel: 2155 7136 Fax: 2156 3743 Mob: 9949 3442
email: julians@vol.net.mt

# IL-ĦAJJA f'Għawdex

L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 911*
*Ottubru 2009*
Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 2579
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860

*e-mail:* gozopress@onvol.net

Abbonament: €10 (Lm 4.30)
Benefattur: €20 (Lm 8.60)

Issettjata u Stampata:
*"Gozo Press" Tel.21551534*

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 6
Kummentarju (1) • 7
Appell Ġurnata Missjunarja • 8
X'għadda minn għalina • 9
Riflessi • 15
Għawdex fil-Ġurnali • 16
Għawdex fil-Parlament • 17
Kummentarju (2) • 18
Anniversarji • 19
Attwalità • 22
Kummentarju (3) • 24
Kotba minn Għawdex • 25
Dawl għall-Ħajja • 26
**DOKUMENTAZZJONI**
Solidarjetà Nisranija (3) • 28
Snajja Qodma (23) • 30
Esperjenza • 32
Mil-Lenti tat-Telekamera (3) • 35
Apprezzament • 37
Passiġġata Biblika (49) • 38
Għawdex Qabel ir-Ritratti (18) • 40
Għawdex 300 sena ilu (176) • 41
Xhieda Nisranija • 42
Għawdex "On-Line" (12) • 43
Tieqa fuq l-Ambjent (11) • 44
Letteratura Għawdxija • 46
Profili Letterarji (3) • 47
Mix-Xena Sportiva • 49
Għawdex max-Xhur • 50


**Ritratti:** *Hajr lil Dun Anton Sultana, Joe Zammit, Charles Spiteri, Alvin Scicluna, John Cordina, Max Xuereb, Richard Grech, Parroċċi u Kunsilli Lokali t'Għawdex, u Ministeru għal Għawdex.*




# *Il-Kultura tad-Divorzju*

*Quddiem l-argument tal-ġid komuni, kif ukoll quddiem l-esperjenza, imsaħħa minn statistika li torbot fuqha ta' dak li ġara f'pajjiżi oħra, l-argument favur id-divorzju ma jreġix.*

*Għaldaqstant min jargumenta favur id-divorzju, ħafna drabi jirrikorri għal xi mistoqsija bħal: "La darba tnejn ma jibqgħux jaqblu, għaliex m'għandhomx jinħallu miż-żwieġ u jingħataw ċans li jfasslu ħajjithom mill-ġdid?" Hija mistoqsija li tappella aktar għas-sentimenti milli għar-raġuni u ħafna drabi, l-aktar ġo familja fejn ikun hemm iż-żgħar, tista' sservi bħala maskra għall-egoiżmu. Hu argument li jmesken lill-kbar u ma jagħtix kas taż-żgħar.*

*Wieħed student li jgħix f'soċjetà miftuħa għad-divorzju ddeskriva l-familja, jew il-familji tiegħu, b'dan il-mod: "Jiena ngħix ma' missieri. Suppost ngħid li jiena ngħix ma' missieri, ma' ħija (li għandu l-istess omm u missier tiegħi), ma' oħti, (half sister, li missieri hu missierha, u ommha hi l-aħħar mara ta' missieri), u ma' żewġ ħuti oħra (step brothers, ulied dik li bħalissa hi l-mara ta' missieri). Il-mara attwali ta' missieri, step mother, (ma nafx jekk it-tieni mara tiegħu għadhiex tikkwalifika bħala step mother tiegħi), hi fit-tqala u dalwaqt inżidu tarbija oħra fil-familja... Ma nafx fissirtx is-sitwazzjoni sewwa. Fil-Milied nitħawdu ma' min se noqogħdu u lil min se nixtri r-rigali." (Henslin J.A., "Sociology: A Down-to-Earth Approach")*

*Xenarju ta' kummiedja għal fuq palk, kieku ma kinitx traġedja fir-realtà tal-ħajja. Naturalment, issib min jgħidlek: "Imma aħna Maltin u Għawdxin; ma tarax, aħna se naslu s'hemm?"*

*Ħaġa waħda hi ċerta. Ix-xejriet tas-soċjetà moderna lid-divorzju jrewħulu u jagħtuh fejn jimraħ. Madankollu m'għandniex nirrassenjaw ruħna għall-forzi ta' dawn ix-xejriet. Is-soċjetà Maltija messha qiegħda iżjed tiddiskuti x'inhuma r-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li minħabba fihom għadd ta' żwiġijiet ma humiex jirnexxu. Messha qiegħda tiddiskuti wkoll fuq livelli nazzjonali x'inizjattivi tista' tieħu biex dan it-tifrik jonqos. Insaħħu jeħtieġ, mhux inkomplu nfarrku!*

*Kieku dan isir b'mod kif għandu jkun, kieku mbagħad nagħrfu li l-kultura tad-divorzju hija marbuta mal-valuri l-oħra fis-soċjetà. Għandha x'taqsam direttament, per eżempju, man-nuqqas ta' responsabbiltà – dak il-valur ewlieni li hu neċessarju f'kull impenn, u wisq aktar f'impenn li jtul ħajja sħiħa, kif kien imwiegħed!*

*Imma fejn u meta qegħdin it-tfal u ż-żgħażagħ tagħna jieħdu trawwim fir-responsabbiltà tagħhom infushom u għal ħaddieħor? S'issa, dak li għall-edukazzjoni akkademika nagħmlu b'metodi studjati u programmati, għall-edukazzjoni fil-valuri nagħmluh biss b'modi aċċidentali. Hemm l-għerq tal-problema...*

**Joseph W. Psaila**





L-Għajnselmiżi miġbura għal mument ta' talb

### *Maħtur il-Kappillan il-Ġdid tal-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù, Fontana, Għawdex*



**Nhar it-Tlieta, 8 ta' Settembru 2009, Festa tat-Twelid tal-Madonna, Mons Isqof Mario Grech ħatar lil Dun Joseph Bajada, saċerdot mix-Xagħra, bħala l-Kappillan il-ġdid tal-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù, Fontana, Għawdex.**

Dun Joseph Bajada twieled ix-Xagħra nhar it-30 ta' Lulju 1970, l-iżgħar fost ħamest aħwa. Wara li ffrekwenta l-iskola primarja tax-Xagħra, huwa beda l-iskola sekondarja fil-Kumpless Ninu Cremona, ir-Rabat, Għawdex. Mill-Form 2 'il quddiem Dun Joseph iffrekwenta s-Seminarju Minuri, fejn kompla anke s-Sixth Form.

Dun Joseph beda l-formazzjoni saċerdotali tiegħu fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù fl-1988. Huwa wettaq l-esperjenza tas-Sena Intermedjarja fi New Jersey, USA. Dun Joseph ġie ordnat djaknu fl-1994 u, wara esperjenza ta' sena djakonat fil-Parroċċa tan-Natività f'Ruma, ġie ordnat saċerdot fil-21 ta' Ġunju 1996.

Wara l-ordinazzjoni tiegħu Dun Joseph wettaq seba' snin ta' ħidma pastorali f'Ruma, l-Italja – erba' snin fil-parroċċa tan-Natività u tliet snin fil-parroċċa ta' San Ruman. Matul dan iż-żmien huwa ffrekwenta kors ta' teoloġija sagramentarja u kiseb diploma fil-Liturġija u l-Arti Sagra fl-Università ta' Sant'Anselmu, Ruma.

Lura Għawdex Dun Joseph ġie maħtur Viċi-Rettur fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, fejn dam sitt snin. Dun Joseph huwa Direttur Spiritwali tal-*Gozo Aid for the Visually Impaired (GAVI)* u huwa ċ-*Chairperson* tal-Kummissjoni Djoċesana għall-Persuni b'Diżabbiltà (KDPD) tad-Djoċesi ta' Għawdex.

### *Velja Marjana*

Fil-Misraħ tal-Knisja Arċipretali tal-Madonna ta' Loreto, f'Għajnsielem, saret Velja Marjana.

Bdiet b'mumenti ta' talb u kant f'riġlejn Marija. Wara ttellgħet preżentazzjoni permezz ta' *Power Point* fuq diversi qaddisin li kienu devoti kbar ta' Marija kif ukoll saru riflessjonijiet dwar Loreto u l-ħajja ta' Marija.


Il-Kor Lauretana waqt il-Velja ta' Talb

Dun Manwel Magro fisser u ħareġ tagħlim mill-bibbja dwar it-Tieġ ta' Kana.

Ma naqsux kelmtejn qosra mill-Arċipriet il-Kanonku Frankie Bajada.

Il-Velja spiċċat bil-Barka Sagramentali. Ħa sehem ukoll il-Kor Lauretana taħt id-direzzjoni tad-direttur tiegħu, Lelio Spiteri.


Swor Maria Giustina Bonello tingħata tifkira tal-okkażjoni mill-Arċipriet Carmelo Refalo

### *Tfakkar il-Ġublew tad-Deheb*

Fl-okkażjoni ta' Jum il-Ħajja Kkonsagrata, ċċelebrat fil-Parroċċa Bażilika ta' Marija Bambina, fix-Xagħra, nhar it-Tnejn 31 t'Awwissu, l-Arċipriet Mons. Carmelo Refalo, mexxa quddiesa sollenni biex ifakkar il-Ġublew tad-Deheb ta' Swor Maria Giustina Bonello O.S.B. tas-Sorijiet Klawstrali Benedittini.

Swor Maria Giustina Bonello, li hi mir-raħal tax-Xagħra, hi l-Badessa tas-Sorijiet Klawstrali Benedittini, fil-Monasteru ta' Santa Marija Maddalena fil-provinċja ta' Umbria, l-Italja.

Lejn tmiem il-quddiesa, li għaliha b'mod partikulari attendew bi ħġarhom ix-Xagħrin fosthom il-Komunità tas-Sorijiet Franġiskani, membri tal-Istitut Sekulari, il-Komunità *Spigolatrici della Chiesa* u lajċi kkonsagrati, l-Arċipriet Refalo, ippreżentalha platt tal-fidda bl-imaġni ta' Marija Bambina bħala tifkira.

***Quddiesa ta' Radd ta' Ħajr***

Dun Anthony Bajada nhar il-Ħadd 16 t'Awwissu, 2009, fl-10.00 ta' filgħodu, mexxa quddiesa konċelebrata fil-Knisja Arċipretali tal-Madonna ta' Loreto f'Għajnsielem, b'radd il-ħajr lil Alla għad-don kbir tas-saċerdozju li tah.



*Dun Anthony Bajada imdawwar minn Għajnselmiżi jaqsam il-kejk waqt festin żgħir fuq iz-zuntier tal-Knisja Arċipretali t'Għajnsielem. Jidhru wkoll missier u ommu Dun Anthony*

Anthony, li hu mir-raħal tax-Xagħra, kien ġie ordnat Djaknu minn idejn l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech nhar il-Ġimgħa 27 ta' Ġunju 2008. Matul is-sena tad-Djakonat, li hija l-aħħar waħda qabel il-Presbiterat, huwa għamel esperjenza ta' ħidma pastorali f'kollaborazzjoni ma' l-Arċipriet il-Kanonku Dun Frankie Bajada fil-parroċċa tal-Madonna ta' Loreto f'Għajnsielem.

Id-Djaknu Dun Anthony ġie ordnat saċerdot waqt Pontifikal Solenni fil-Knisja Katidrali li tmexxa mill-E.T. Mons. Isqof Grech bis-sehem ta' diversi presbiteri Għawdxin, nhar is-Sibt 13 ta' Ġunju 2009.

Wara ċ-ċelebrazzjoni fil-Knisja Arċipretali t'Għajnsielem, Dun Anthony flimkien ma' għadd t'Għajnselmiżi qasam kejk tal-okkażjoni fuq iz-zuntier tal-Knisja.

Preżenti kien hemm ukoll missier u omm Dun Anthony, Grezzio u Josephine.

***L-Isqof Mario Grech fil-Brażil***

F'Settembru l-Isqof t'Għawdex Mons. Mario Grech mar fuq żjara pastorali lill-missjunarji Għawdxin fil-Brażil. Rapport dwar din iż-żjara jidher fil-ħarġa li jmiss.




**SMUGGLER'S CAVE**

**BAR • RESTAURANT • PIZZERIA**

**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**

**Tel: 21 551005 - 21 551983**

**Fax 21 559959**

Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.

**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**






**NOVEMBRU MAGĦNA!**

***Naħsbu fil-Mejtin Tagħna...***



*Nistiednu l-qarrejja tagħna biex jieħdu sehem f'kuruna ta' talb b'suffraġju għall-għeżież mejtin tagħhom, mill-Ħadd 8 sas-Sibt 14 ta' Novembru. Ser issir* ***Ġimgħa Quddies (5.30 a.m.) u Adorazzjoni Perpetwa (6.00 a.m. - 5.00 p.m.)*** *fil-Knisja ta' Savina, Victoria, Għawdex, bħala suffraġji għall-mejtin miktuba fil-lista u għall-bżonnijiet tal-benefatturi ħajjin tar-rivista. Imla l-formola li ssib f'din il-ħarġa u ibgħatha flimkien ma' offerta libera lid-***Direzzjoni, "Il-Ħajja f'Għawdex", Victoria***, mhux aktar tard mis-Sibt, 7 ta' Novembru. Il-formoli jitqiegħdu taħt l-artal tal-Knisja ta' Savina matul il-ġimgħa tas-suffraġji għall-għeżież mejtin tagħkom.*

***ID-DIREZZJONI***

*X'jgħidilna Mons. Isqof Mario Grech:*

# QED NIFTAQRU UMANAMENT?



***Sintesi tal-omelija li għamel l-Isqof Mario Grech waqt il-quddiesa pontifikali fil-Katidral t'Għawdex fil-festa ta' Santa Marija (15 ta' Awwissu 2009)***

***Marija mtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem tagħtina dawl dwar kemm għandu valur dak kollu li huwa uman.***

Minkejja li għandna diversi li jitilgħu fuq il-katedra u jitkellmu f'isem l-umaniżmu, **qed niftaqru umanament**. Infatti ħafna mir-relazzjonijiet ta' bejnietna mhumiex sinċieri imma mibnija fuq interessi personali. Qed jiżdiedu t-tfal orfni għax jitwieldu barra miż-żwieġ jew għax il-ġenituri tagħhom infirdu. Id-diskriminazzjoni fuq ix-xogħol issir kemm ma' dawk ta' ġilda bajda u iktar ma' dawk ta' ġilda skura. Peress li kollox jitmexxa skont kif tiddetta l-liġi tal-profitt, ħafna valuri umani qed jiġu ssagrifikati!

**Umaniżmu li jeskludi lil Alla, huwa umaniżmu diżuman.** Huwa biss umaniżmu miftuħ għall-Assolut li jista' jgħinna nġibu 'l quddiem u nibnu forom ta' ħajja soċjali u ċivili, - bħalma huma l-istrutturi, l-istituzzjonijiet, il-kultura u l-*ethos*, - li ma jittradixxux lill-bniedem. Għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi neħtieġu dak li Jacques Maritain sejjaħlu "umaniżmu integrali" jew "umaniżmu Kristjan". Mhux għaliex il-fidi Nisranija ser iżżid xi ħaġa ma' dak li huwa naturalment uman; imma bil-kelma u bl-għajnuna ta' Kristu, l-Iben t'Alla li sar bniedem, il-bniedem jagħraf aħjar lilu nnifsu u jagħraf jirrispetta d-dinjità umana tiegħu.

### *Żwieġ u familja aktar umani*

Nara li hemm bżonn aktar rispett lejn id-dinjità taż-żwieġ u l-familja bħala istituzzjonijiet umani. **Ċerti proposti li qed isiru dwar iż-żwieġ ma jirrispettawx in-natura umana taż-żwieġ u l-familja. Kull familja suppost hija skola ta' valuri umani; imma bl-istil ta' ħajja mgħaġġla li qed tgħix illum il-familja qed tissagrifika din il-funzjoni li mhix delegabbli. Il-vjolenza domestika hija mġiba diżumana li tkisser il-persuni.** Anke jekk ma nisimgħux spiss dwarha, in-numru tal-vittmi tal-vjolenza domestika mhux żgħir – ħafna drabi dawn jibqgħu jbatu fis-skiet biex isalvaw iż-żwieġ u l-familja.

### *Id-dinjità tal-ħaddiema*

Rispett lejn id-dinjità tal-persuna jfisser ukoll l-għarfien tad-dritt naturali għax-xogħol li għandu kull bniedem. **Hija tal-mistħija li llum l-ġurnata hawn min isostni sistema inumana ta' klijenteliżmu fejn wieħed jittallab biex xi ħadd jaqbeż għalih biex jikseb ix-xogħol.** Għalkemm saru avanzi dwar id-drittijiet kemm tal-ħaddiema kif ukoll ta' min iħaddem, għad fadal ħafna x'isir biex il-ħaddiem jaħdem b'kundizzjonijiet umani. Għandu joħloq tħassib serju x-xogħol tal-minuri, speċjalment f'dawn ix-xhur tas-sajf.

### *Id-dinjità tal-marid*

Is-sistema tas-saħħa hija waħda delikata għax tinteressa lill-bniedem meta jkun milqut mill-mard. Nibża' li meta l-bniedem ikun fraġli minħabba l-mard, ikun hemm min jabbuża minnu. **Fis-soċjetà tagħna l-Istat jipprovdi servizzi ta' saħħa u fostna hemm min jabbuża minn dan is-servizz. Dan huwa ħażin għax jaħdem kontra l-istess sistema.** Però naħseb li tajjeb nistħarrġu jekk is-sistema hijiex qed taqdi lill-marid fil-mument li jkollu bżonn l-għajnuna. Għax x'jiswa li pazjent jitniżżel f'lista u jkollu jistenna ġimgħat u xhur biex jinqeda? F'każijiet bħal dawn, l-istess sistema twassal lill-pazjent biex ifittex alternattivi oħra. X'jiġri minn min ma għandux mezzi? **Nixtieq li fil-kamp tas-saħħa jkollna sistema li verament ikollha *ethos* favur il-ħajja; altrimenti sistema sanitarja li fil-prinċipju ma tiddefendix il-ħajja, tkun sistema diżumana.**

### *Missjoni tal-lajċi Nsara*

Billi l-Knisja għandha l-missjoni li tiġġenera era ta' umaniżmu ġdid, bil-Bxara t-Tajba ta' Kristu f'idejha hija ddawwal l-intelliġenza tal-bniedem u tidderieġi l-kuxjenzi tal-bnedmin **biex kull bniedem ikun aktar bniedem.** Nagħmel sejħa lill-membri kollha tal-Knisja, partikularment lil-lajċi li għandhom xi uffiċċju fis-soċjetà, bħal fil-każ tal-politiċi u dawk impenjati fl-edukazzjoni, u lill-ġenituri biex jissieħbu mal-Knisja f'ħidma **biex b'intelliġenza mdawla u b'kuxjenza ffurmata nibnu soċjetà aktar umana.**



*Kummentarju (1)*



# Għaliex id-Divorzju m'għandu qatt ikun aċċettat



*kitba ta'* DUN JOSEPH MIZZI, Direttur tal-Moviment ta' Kana

**Jingħad li "l-akbar trux hu min ma jridx jisma' u l-akbar għama min ma jridx jara". Ħafna jaħsbu li meta l-Knisja titkellem favur il-valuri għeżież, din hi fundamentalista u tuża biss argumenti ta' fidi li japplikaw biss għalmin hu mgħammed. Il-Knisja ovvjament tuża l-argument reliġjuż għax dan hu essenzjali għaliha, iżda ma tiqafx hemm. Hija tuża wkoll argumenti mix-xjenzi umani għax dawn kollha jkomplu jikkollaboraw mal-pożizzjoni tagħha. Barra minn hekk il-messaġġ tagħha huwa miftuħ għall-bnedmin kollha.**

M'hemmx dubju li ż-żwieġ "huwa diffiċli f'kull żmien, iżda impossibbli f'ebda żmien". Mela allura għaliex qed naqtgħu qalbna daqshekk malajr, propju llum meta tant għandna mezzi u għajnuna? Għaliex bħala soċjetà ma nistudjawx x'nistgħu nagħmlu iżjed u aħjar biex insaħħu ż-żwieġ flok ma nidħlu f'ħafna korijiet biex inkissruh? Għaliex qed ninħakmu minn tendenzi li qegħdin naraw biss l-immedjat u qed ninsew il-viżjoni ħolistika u tal-ġenerazzjonijiet futuri?



**Nibqa' nsostni li d-divorzju hu soluzzjoni finta u kosmetika, għax mhux vera li jsolvi d-diffikultajiet anzi joħloq iżjed. Bla tlaqliq irridu ngħidu li d-divorzju jkisser l-idea ta' permanenza taż-żwieġ. Jekk tneħħi l-indissolubbiltà ma jibqax tifsir fiż-żwieġ. Id-divorzju jmur kontra l-liġi naturali li ma tammettix li ż-żwieġ jista' jinħall.** Hawn isfel ser nippreżenta, ħafif ħafif, sitt argumenti bażiċi li juruna għaliex id-divorzju m'għandu qatt ikun aċċettat.

1. **L-ewwel argument kontra d-divorzju, għalmin jemmen, huwa dak reliġjuż. Ġesù nnifsu qalilna li "dak li għaqqad Alla m'għandux jifirdu l-bniedem". Mela ż-żwieġ ma jinħallx.** Għalxejn wieħed jipprova joqgħod jiffilosofizza dwar il-kelma Griega *porneia*, għax il-Knisja dejjem għallmitna fl-għerf bimillinarju tagħha, li dik il-kelma tirreferi għal żwieġ ħażin, żwieġ null sa mill-bidu. **Il-ħsieb tal-Mulej kien dak li jurina x'kien il-pjan ta' Alla sa mill-bidu, jiġifieri li raġel iħalli lil missieru u jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed, moħħ wieħed u qalb waħda għal dejjem.**
2. It-tieni hemm l-argument filosofiku li huwa bbażat fuq il-ġid komuni. Dan mhux kwistjoni ta' maġġoranza u minoranza. Ħafna jħobbu jmorru fuq il-każ singolu u pjetuż u jistaqsu imma dan/din il-persuna m'għandhiex raġun j/tiddivorzja ladarba ż-żwieġ tagħhom ma rnexxiex? Però tajjeb niftakru li l-ġid komuni ma jirraġunax hekk, **għax huwa l-ġid u t-tajjeb ta' kulħadd b'mod kollettiv u universali li ser isalva l-ġid u t-tajjeb ta' kull individwu b'mod partikolari.**
3. Argument ieħor hu dak ekonomiku. Il-familja bid-divorzju tbati tassew il-faqar pekunarju. **Bosta familji jsibu ruħhom f'sitwazzjoni kerha u miżera. Lill-Istat din tiġi tiswieh ġmielu wkoll**, biżżejjed insemmu li l-Ingilterra tonfoq madwar 24 biljun lira sterlina fis-sena għat-tkissir taż-żwieġ waqt li l-Istati Uniti tal-Amerika tonfoq madwar 112-il biljun dollaru fis-sena.
4. L-argument ambjentali. Illum saret moda titkellem fuq l-ambjent iżda qajla narawh fir-rabta mad-divorzju. **Id-divorzju jikkawża bżonn ta' djar alternattivi li jfissru iżjed ħela ta' spazju, iktar konsum ta' art u iżjed konsum ta' enerġija.**
5. Argument ieħor hu dak soċjali. Bid-divorzju l-familja jkollha tbati, iżda **ħafna drabi huma t-tfal l-iżjed li jbatu.** Dawn mhux biss hemm probabbiltà kbira li jmorru lura fl-iskola, iżda wkoll li **d-divorzju jħalli effett ħażin fuq saħħithom.** Dawn it-tfal huma suxxettibbli għal ħajja anti-soċjali bħall-vjolenza u kriminalità, abbużi mid-droga, rata ogħla ta' tqala fl-età tal-adolexxenza u aktar użu tas-servizzi soċjali.
6. Fl-aħħarnett, hemm l-argument psikoloġiku. L-istress, it-trawma u d-dwejjaq li joħloq fuq it-tfal kif ukoll fuq il-parti li tkun għadha tħobb huma enormi. **Ħafna min-nies milquta mid-divorzju jkollhom tendenzi ta' suwiċidju, isofru minn dipressjoni, nuqqas ta' stima tagħhom infushom u nuqqas ta' kuntentizza bil-ħajja tagħhom.**

Dawn l-argumenti kollha jkomplu juru biċ-ċar kemm għandna nkunu għaqlin u m'għandna qatt inħallu min jilludina li d-divorzju huwa xi ħaġa li l-Knisja ma tridhiex għax ma tridx titlef il-fidili. **Il-Knisja ma tridux għax bla dubju ta' xejn huwa ta' ħsara għall-bniedem u għas-soċjetà.**

*Appell għall-Ġurnata Missjunarja*

# Sehmek jagħmel differenza b'risq Dinja aktar Ġusta ma' min hu agħar Minnek!



*messaġġ ta'* **DUN KARM PORTELLI**, Direttur tal-Opri Missjunarji f'Għawdex

**L-Opri Missjunarji Pontifiċji għandhom l-għan li jgħinu lill-Papa biex ixerred kuxjenza missjunarja fost is-saċerdoti, reliġjużi, adulti u anke fit-tfal.**

L-Opri Missjunarji Pontifiċji huma maqsuma f'erba' soċjetajiet.

1. **L-Opra tal-Propagazzjoni tal-Fidi** twaqqfet biex tħeġġeġ lin-nes jitolbu għall-bżonnijiet tal-foqra u tal-Missjunarji, kif ukoll biex tinkoraġixxi għajnuna finanzjarja għal ħlas ta' katekisti, għalliema, bini ta' knejjes u ċentri fejn tixxandar il-Kelma ta'Alla.
2. **L-Opra ta' San Pietru Appostlu** twaqqfet biex tgħin lis-seminarji ħalli jagħtu l-formazzjoni lil mijiet ta' żgħażagħ biex isiru saċerdoti. Permezz ta' din l-opra eluf ta' Maltin u Għawdxin ħallsu boroż ta' studju lil seminaristi li llum qed iservu ta' missjunarji f'pajjiżi foqra.
3. **L-Opra tas-Santa Infanzja** (*Children Helping Children*) twaqqfet biex tqajjem kuxjenza missjunarja fost it-tfal u tħeġġiġhom biex jitolbu, joffru sagrifiċċji u jagħtu ftit mil-*pocket money* tagħhom għall-bżonnijiet ta' tfal oħra bħalhom fil-missjoni.
4. **L-Unjoni Missjunarja** twaqqfet biex tħeġġeġ fis-saċerdoti u r-reliġjużi spirtu missjunarju filwaqt li tħajjarhom ikomplu x-xogħol tagħhom fil-missjoni. Bħalma Ġesù kien l-ewwel Missjunarju hekk ukoll is-saċerdot u r-reliġjuż ikun fejn ikun jaġixxi ta' missjunarju.

**F'Għawdex l-Uffiċċju Missjunarju li jinsab f'7 Triq l-Imgħallem, ir-Rabat jikkoordina x-xogħol mal-Uffiċċju Missjunarju f'Malta, billi jqassam materjal ippubblikat dwar il-Missjoni, l-aktar ir-rivista ta' kull xahar "Il-Malta Missjunarja" li titqassam bl-idejn u bil-posta.** Għal dan ix-xogħol hemm diversi żelatriċi li l-għajnuna tagħhom hija imprezzabbli. **Tiġi organizzata l-Ġurnata Misjunarja fix-xahar ta' Ottubru fejn jitqassmu envelops biex wieħed ikun jista' jagħti l-offerta tiegħu... u tabilħaqq kbira tkun kull sena l-ġenerożità tal-Għawdxin.**

Issir ħidma ta' tagħlim l-aktar fost it-tfal biex jifhmu li hemm tfal oħra bħalhom u huma nieqsa kemm mit-tagħlim u kemm mill-ikel.



**L-Uffiċċju huwa responsabbli jiġbor fondi għall-Missjoni u għall-missjunarji, per eżempju Boroż ta' Studju, fundazzjonijiet ta' quddies, quddies, bolli, *telecards*, u donazzjonijiet.** Biċċa xogħol ta' interess hija li nikkorrispondu regolarment ma' diversi seminaristi li l-benefatturi Għawdxin ikunu ħallsu l-Borża ta' Studju għalihom.

**Jalla bil-ħidma li titwettaq flimkien favur il-missjoni tikber is-saltna ta' Alla mad-dinja kollha.**



# X'għadda minn għalina



Kronaka Għawdxija
minn Charles Spiteri

## *Laqgħa f'Għawdex għall-istudenti universitarji ġodda*



Fis-sala tal-wirjiet tal-Ministeru għal Għawdex ġiet organizzata laqgħa introduttorja għal studenti Għawdxin li din is-sena ser jibdew korsijiet fl-Università ta' Malta. Din il-laqgħa ġiet imtellgħa fuq inizjattiva tal-Kunsill Studenti Universitarji (KSU) u l-Grupp Universitarji Għawdxin (GUG), bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex u matulha rappreżentanti taż-żewġ għaqdiet Universitarji taw tagħrif dwar uħud mill-aspetti relatati mal-ħajja universitarja li dawn l-istudenti ser jibdew fil-ġimgħat li ġejjin.

Minbarra tagħrif dwar l-għan li għalih ġew imwaqqfa l-għaqdiet rispettivi, u x-xogħol li dawn iwettqu matul is-sena b'risq il-membri u l-istudenti li huma jirrappreżentaw, il-kelliema spjegaw ukoll il-funzjoni ta' għaqdiet oħra fi ħdan id-diversi fakultajiet u ħeġġu lill-istudenti ġodda biex isiru jafu aktar dwarhom matul l-attivitajiet tal-*Freshers' Week* li ser ikunu organizzati hekk kif jibda l-ewwel simestru. Il-kelliema ffukaw ukoll fuq aspetti speċifiċi li jolqtu lill-istudenti Għawdxin aktar mill-qrib partikolarment dawk marbuta ma' tiftix ta' akkomodazzjoni, traġitti bejn iż-żewġ gżejjer u spejjeż relatati magħhom. Il-GUG permezz tas-sit elettroniku tagħha toffri informazzjoni dwar postijiet ta' akkomodazzjoni qrib l-Università fejn studenti Għawdxin ikunu jistgħu jalloġġjaw flimkien ma' studenti oħra sħabhom.



Għal din il-laqgħa attendew aktar minn mitt student u studenta li ser jibdew il-korsijiet Universitarji tagħhom din is-sena. Dawn ser jingħaqdu ma' mijiet ta' studenti Għawdxin oħra li ser ikomplu bl-istudji li huma bdew f'dawn l-aħħar snin. Il-kelliema tal-GUG spjegat kif in-numru ta' studenti Għawdxin fl-Università ta' Malta żdied b'mod regolari biex illum kważi jlaħħaq għaxra fil-mija tal-popolazzjoni universitarja. Hija aċċennat ukoll għall-ħidma mwettqa mill-GUG fir-rigward ta' studenti Għawdxin u kif dawn huma mgħejjuna minn sussidji speċjali biex ikopru spejjeż ta' akkomodazzjoni u trasport bil-baħar.

Il-Ministru għal Għawdex, l-Onor Giovanna Debono, indirizzat lil dawk li attendew u fissret is-sodisfazzjon tagħha għall-fatt li kull ma jmur bosta studenti Għawdxin qed jagħżlu li jkomplu bl-istudji terzjarji tagħhom. Hija spjegat l-impenn tal-Ministeru għal Għawdex b'risq it-tisħiħ ta' l-edukazzjoni li jinkludi l-koordinazzjoni ta' għajnuna finanzjarja li matul l-aħħar sena skolastika kienet tammonta għal aktar minn 800,000 ewro. Il-Ministru fissret kif din l-għajnuna żdiedet minn 35 ewro għal 116 ewro kull erba' ġimgħat u kif din ġiet estiża wkoll għal studenti Għawdxin oħrajn li jattendu istituzzjonijiet edukattivi post sekondarji oħra f'Malta. Dan minbarra għajnuna oħra li tkopri spejjeż tat-trasport bil-vapur li tingħata fuq bażi ta' tliet xhur.

Aktar informazzjoni dwar din l-għajnuna tista' tinkiseb mill-Ministeru għal Għawdex jew minn fuq l-i*stand* tal-GUG matul l-attivitajiet imtellgħa fuq il-Kampus ta' l-Università fl-ewwel ġimgħa tas-sena skolastika li ser tibda fil-jiem li ġejjin.

## Festival tal-Inbid fin-Nadur



Fuq firxa ta' 3 ijiem, (fl-4, l-5 u s-6 ta' Settembru) fi Ġnien il-Kunsill fit-Triq ta' Fatima, in-Nadur, laqa' mijiet t'Għawdxin, Maltin u barranin, għal festival tal-inbid organizzat minn *Delicata Classic Wine* flimkien mal-Kunsill Lokali Nadur li għażlu li jqattgħu lejla għall-frisk iduqu diversi tipi ta' inbejjed Maltin u jgawdu l-veduta spettakolari tal-Port tal-Mġarr bil-Gżejjer ta' Kemmuna u fil-bogħod Malta. Dis-sena l-festival kellu element aktar tradizzjonali, b'ikel tipiku Malti li kompla jżid mal atmosfera Mediterranja u b'għażla ta' aktar minn 20 tip ta' inbejjed differenti.Il-festival, kien imżewwaq bi spettaklu ta' divertiment għall-gosti ta' kulħadd.

## Varjetà tas-Sajf fl-Oratorju Don Bosco

Fl-Oratorju Don Bosco, fir-Rabat, Għawdex, nhar l-Erbgħa 26 t'Awwissu, ittellgħet varjetà minn il-fuq minn mitejn tifel u tifla biex jiġi ċċelebrat tmiem il-kamp tas-Sajf li attendew għalih b'tant entużjażmu u ħeġġa.

L-attività kienet tinkludi drama, żfin u logħob ieħor. L-istess attività ttellgħet ukoll fil-bajja ta' Marsalforn. F'kelmtejn tal-okkażjoni, id-Direttur tal-Oratorju Don Bosco, Dun Effie Masini, irringrazzja lil dawk kollha li matul il-ġranet tas-sajf taw il-kontribut siewi u volontarju tagħhom biex setgħet għal darb'oħra issir din l-iskola sajf. Ringrazzjament xieraq mar ukoll lejn il-liders studenti u żgħażagħ li d-dedikazzjoni u l-ħidma tagħhom kienet indispensabbli biex setgħet issir ukoll din l-attività.



*It-tfal kollha ferħanin ikantaw flimkien fuq il-Palk tal-Oratorju Don Bosco fi tmiem il-varjetà*

## Inawgurat xogħol ta' restawr fil-Bażilika tax-Xagħra



*Il-Kappella tal-Martri San Mawrizju hekk kif issa ġiet restawrata*

F'Jum is-Sollennità tas-36 Anniversarju mill-Inkurunazzjoni tal-Istatwa Titulari ta' Marija Bambina, Jum ta' għaqda intima tax-Xagħrin mal-Bambina, fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina fir-raħal tax-Xagħra, nhar l-Erbgħa 2 ta' Settembru, l-E.T. Mons. Isqof Nikol G. Cauchi, Isqof Emeritu tad-Djoċesi Għawdxija, mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali Sollenni, flimkien mal-W.R.mu Kapitlu Kolleġġjali u l-Kleru tal-Parroċċa li fiha niseġ il-panenġierku tal-okkażjoni. Ġiet esegwita l-quddiesa *San Antonio*, b'erba' vuċijiet, tas-Surmast Nazzarenu Refalo bis-sehem tas-solisti u l-kor Marija Bambina. L-orkestra kienet taħt id-direzzjoni ta' Ronald Camilleri. Fi tmiem din iċ-ċelebrazzjoni l-E.T. Mons. Isqof Nikol G. Cauchi inawgura uffiċjalment ix-xogħol ta' restawr estensiv li sar fil-Kappella ta' San Mawrizju.

Ir-restawr ġie afdat f'idejn ir-restawratur magħruf Żejtuni, Emmanuel Zammit waqt illi diversi xogħlijiet oħra, saru minn nies tal-lokal taħt is-sorveljanza tas-Sur Zammit.

Il-pittura ta' Virgilio Monti saret fl-1930 u tħallset mill-kappillan ta' dak iż-żmien Mons. Maurice Cauchi.

## Wirja tal-Ħut fl-Akkwarji minn dilettanti Għawdxin



*Il-Ministru Debono tidher tifli akkwarji fil-wirja. Jidhru wkoll Charles Pisani li rebaħ bl-Oscars, is-Sindku tal-Belt Kapitali Għawdxija l-Avukat Samuel Azzopardi u l-president tal-Għaqda Charles Grima*

Għas-sitt sena konsekuttiva l-Għaqda Trobbija tal-Ħut tgħellet il-wirja annwali tagħha fis-sala tal-Liceo Ninu Cremona fir-Rabat Għawdex. Fiha ħadu sehem erbatax-il membru u ddaħlu tlieta u għoxrin akkwarju u vaska żgħira.

Il-Wirja tbierket minn Dun Gerard Buhagiar, mix-Xagħra u Rettur tas-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu u infetħet uffiċjalment mill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono flimkien mas-Sindku tar-Rabat, l-Avukat Samuel Azzopardi. Saru diskorsi tal-okkażjoni minn diversi, fosthom is Segretarju tal Għaqda Martin Vassallo, il-President Charles Grima, mill-Ministru Giovanna Debono u mis-Sindku l-Avukat Samuel Azzopardi.

L-ewwel post fl-għażla għall-aħjar akkwarju ġie *Black Moscow Guppies* ta' Sean Said min-Nadur li ngħata 47 minn massimu ta' 50 punt. Din is-sena żewġ akkwarji ħadu t-tieni post minħabba li ġabu l-istess ammont ta' punti. Dawn kienu x-*Shubunkin* ta' Robert Bajada minn Sannat u akkwarju bl-*Angelfish* ta' Joe Cefai mix-Xewkija. It-tielet premju wkoll inqasam bejn tnejn. Charles Pisani rebaħ bl-*Oscars* u Dun Gerard Buhagiar rebaħ bil-*Congo tetras*. Il-*President's Award* ingħata lil Leon Muscat u lil Kristina Scerri li kellhom għall-wiri *Blue Dolphin Moorii* u *Black Moor Goldfish* rispettivament.



*Il-president tal-Għaqda Trobbija tal-Hut Charles Grima jidher jippreżenta tifkira tal-okkażjoni lill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono*

Xi ħaġa ġdida għal din is-sena kienet il-kompetizzjoni fotografika li saret bejn il-membri. Dawn setgħu jdaħħlu ritratti meħudha minnhom u li juru d-delizzju tat-trobbija tal-ħut. 87 ritratt iddaħħlu għal din il-kompetizzjoni. L-għażla għall-isbaħ tlett ritratti saret min-nies li marru jaraw il-wirja, permezz ta' votazzjoni. L-iktar ritratt ivvutat kien dak ta' Dun Gerard Buhagiar u kien juri *Koi*. Rebaħ ukoll it-tielet premju b'ritratt ta' *congo tetras*. It-tieni l-iktar ritratt ivvutat juri *Discus* ta' Charles Pisani.

Waqt il-wirja ittella' ukoll akkwarju bħala lotterija u dan intrebaħ minn Chris Farrugia min-Nadur. Żewġ *vouchers* ta' 40 ewro u 20 ewro intrebħu minn Sean Said u Leon Muscat rispettivament.

## Wirja ta' Mapep Storiċi

Aktar minn disgħin mappa minjatura ta' Malta u Għawdex kienu jinsabu għall-wiri fis-Sala tal-Wirjiet fi Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, f'wirja mtella' minn *Heritage Malta* bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex.



*Ray Bondin jispjega fid-dettall dak esebit fil-wirja tal-mapep lil Maġistrat Paul Coppini*

Il-wirja kienet tinkludi kollezzjoni unika fid-dinja ta' mapep żgħar ta' Malta u Għawdex, flimkien ma' pjanti tal-Belt Valletta u t-tliet ibliet, li ġew stampati bejn is-sekli sbatax u għoxrin u li ġew ippubblikati f'diversi kotba rari madwar id-dinja. Il-mapep kollha għandhom qies ta' mhux aktar minn għaxar bi ħmistax-il ċentimetru. Il-parti l-kbira ta' dawn il-mapep ġejjin mill-Kollezzjoni tal-Mapep Albert Ganado li għaddiet taħt ir-responsabbiltà tal-Mużew Nazzjonali ta' l-Arti minn Lulju tas-sena l-oħra iżda kienet tinkludi wkoll mapep u kotba mill-Kollezzjoni Nazzjonali kif ukoll minn kollezzjonijiet privati.

Din hija l-ewwel darba li numru daqstant kbir ta' mapep ta' qies żgħir ta' l-istess pajjiż kienu għall-wiri taħt saqaf wieħed f'wirja li ġiet deskritta bħala l-ewwel waħda tat-tip tagħha fid-dinja. L-importanza ta' din il-wirja joħroġ ukoll mill-fatt li bosta mill-mapep li kienu għall-wiri huma rari ħafna u ġew stampati f'kotba rari u li ġew esibiti għall-ewwel darba.

Il-wirja ġiet inawgurata minn Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex li qalet li din il-wirja hija oħra minn sensiela ta' wirjiet prestiġjużi li ttellgħu f'Għawdex bil-kollaborazzjoni ta' *Heritage Malta* bil-għan li jikber u jitkattar l-interess tal-pubbliku fil-wirt kbir li għandu pajjiżna.

Fil-ftuħ tal-wirja tkellem ukoll Joe Said *Chairman* ta' *Heritage Malta* li qal li *Heritage Malta* taħdem fil-qrib mal-Ministeru għal Għawdex fuq diversi inizjattivi u proġetti favur il-wirt storiku tal-gżira. Dr Albert Ganado qal li din il-wirja għandha tnissel aktar interess u apprezzament lejn l-istudju tal-kartografija ta' pajjiżna.

Il-wirja ġiet ikkurata minn Bernadine Scicluna mill-Mużew Nazzjonali ta' l-Arti u Joseph Schiro' miċ-Ċentru tar-Restawr ta' *Heritage Malta* flimkien ma' Dr Albert Ganado. Għall-okkażjoni ġie ppubblikat ukoll katalogu.

## *Donazzjoni għall-Fundazzjoni Arka minn "Tal-Muturi"*

Michael Saliba għan-nom tal-organizzaturi dilettanti tal-muturi, ippreżenta s-somma ta' 2167 ewro lill-Monsinjur Emanuel Curmi, Direttur tal-Fundazzjoni Arka, f'Għajnsielem. Il-flus inġabru minn *BBQ Night* li saret dan l-aħħar fil-parkeġġ tar-Rabat fejn aktar minn mitejn mutur minn dilettanti Maltin u Għawdxin kienu għall-wiri.

F'kelmtejn tal-okkażjoni, Mons. Curmi rringrazzja lil dawk kollha li taw xi kontribuzzjoni għal dan l-għan qaddis.



*Waqt il-preżentazzjoni tal-flus lill-Monsinjur Emanuel Curmi, Direttur tal-Fundazzjoni Arka. Jidhru, mix-xellug għal-lemin Anthony Buttigieg, George Bonnici, Jason Portelli, Michael Saliba, Monsinjur Curmi, Victor Cefai (Viċi Sindku tal-Lokalità tal-Fontana) u Josmar Spiteri*

## *Studenti Ewropej iżuru Għawdex*



*Is-Segretarju Parlamentari l-Avukat Chris Said jiddjaloga mal-parteċipanti fil-Lukanda* Grand

L-Università tas-Sajf ta' AEGEE-Valletta laqqgħet 45 student minn 19-il pajjiż Ewropew sabiex jiġu "Maħtura Kavallieri" wara dik li ġiet imsejħa bħala "Il-Kruċjata Finali", li seħħet matul perijodu indimentikabbli ta' ġimgħatejn ġewwa Malta.

L-Universitajiet tas-Sajf huma organizzati mill-istudenti għall-istudenti bil-għan li tinfetaħ perspettiva ġdida għall-parteċipanti dwar id-dimensjoni multikulturali tal-kontinent Ewropew. Il-45 parteċipant ittieħdu lura mill-organizzaturi ta' AEGEE-Valletta għaż-żminijiet meta l-Kavallieri kienu jaħkmu l-gżejjer Maltin, meta l-Granmastri kienu jgawdu rispett kbir, u meta Malta saret magħrufa mad-dinja kollha. Il-parteċipanti esperjenzaw integrazzjoni kulturali sħiħa tad-tradizzjonijiet, l-istorja u l-ħajja soċjali ta' Malta. AEGEE-Valletta għamlet ċert illi kull teżor moħbi jiġi misjub u dan kien ivarja minn mixjiet madwar it-toroq tal-belt kapitali meraviljuża ta' Malta, għawm fil-baħar ċar tal-*Blue Lagoon* u l-esperjenza tal-kċina Maltija fost affarijiet oħra. Il-parteċipanti tal-Università tas-Sajf tal-AEGEE għaddew ġurnata f'Għawdex, fejn ammiraw il-veduta panoramika li toffri ċ-Ċittadella. Barra minn dan esploraw ukoll id-Dwejra u r-Ramla l-Ħamra sabiex igawdu dawn it-teżori Għawdxin. Fi tmiem il-ġurnata, is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u l-Informazzjoni, l-Avukat Chris Said iltaqa' ma' kull parteċipant fil-Lukanda *Grand*, fl-Mġarr, Għawdex, fejn sar ukoll riċeviment żgħir li bih l-istudenti ħassewhom milqugħa ħafna.



*L-Istudenti Ewropej flimkien mas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u l-Informazzjoni, l-Avukat Chris Said, quddiem il-*Grand Hotel

F'kelmtejn tal-okkażjoni s-Segretarju Parlamentari l-Avukat Said enfasizza l-validità tal-Għaqdiet mhux Governattivi li jorganizzaw attivitajiet simili u qal li dawn għandhom jiġu inkoraġġuti. Huwa ddjaloga wkoll entużjastikament mal-parteċipanti sabiex isir jaf dwarhom u dwar l-interess tagħhom f'Malta.

## *'Give Peace a Chance' - Gozo International Celebration*



Nhar l-Erbgħa, 29 ta' Lulju 2009 il-parroċċa tal-Qala organizzat ir-raba' edizzjoni tal-Festa tal-avveniment ekumeniku għar-residenti barranin li jgħixu u jżuru lil Għawdex, msejħa *Gozo International Celebration* (GIC). Din kienet it-tnax-il edizzjoni tal-GIC fejn attendew mijiet ta' residenti barranin minn pajjiżi differenti, diversi Maltin u Għawdxin li mlew Pjazza San Ġużepp fil-Qala. It-tema kienet "Give Peace a Chance".

Il-programm kien varjat ħafna fejn inkluda: messaġġ b'xejra spiritwali mill-Arċipriet tal-Qala u Ċerman tal-GIC, il-Kanonku Dr Joseph Zammit; programm mużikali mtella' mill-Banda tal-Qala, *Ite ad Joseph* fejn ukoll ingħata Premju Marija Assunta Mifsud għall-aħjar bandist fis-sena 2008; żfin mill-*Menħir Qala Folk Group* u mużika mis-*Sunnyside Folk Ensemble*. Il-vjolinista Dr Joseph Chetcuti u l-pjanista Annamarie Chetcuti saħħru l-pjazza bil-mużika tagħhom, kif għamlu s-Soprani Ruth Portelli u Patricia Buttigieg. Il-pittur Anthony Caruana pinġa l-atmosfera tal-pjazza u l-avveniment u fl-aħħar ippreżenta l-produzzjoni artistika tiegħu liċ-Ċerman tal-GIC.

Wara sar riċeviment fil-Pjazzetta San Ġużepp b'ikel u xorb tradizzjonali.

## *Ikkomemorat Jum il-Vittorji fir-Rabat*



*Il-Ministru Giovanna Debono tqim il-vittmi*

Il-poplu Għawdxi fakkar iż-żewġ assedji, dak tal-1565 tar-rebħa fuq it-Torok u tat-Tieni Gwerra Dinjija, 1940-43. Fi Pjazza Indipendenza, magħrufa aħjar bħala Pjazza t-Tokk, nhar il-Ħadd 6 ta' Settembru, filgħodu, saret ċerimonja ppreseduta mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono.

Il-Programm fetaħ bi preżentazzjoni ta' verzjoni animata tal-poeziji, 'L-Għanja tar-Rebħa' ta' Dun Karm Psaila, minn Julia Camilleri u Luke Azzopardi u 'Malta George Cross' ta' Ġuże' Chetcuti minn Vanessa Attard u Andy Fava.

L-avukatessa żagħżugħa Simone Grech żifnet 'It-Taqbida' waqt li l-kantanta sopran Ruth Portelli għanniet 'Bennejja tal-Istorja Maltija', kliem ta' Alfred Attard u mużika ta' Joellson Bezzina. Id-direzzjoni artistika ġiet fdata f'idejn George Mizzi fuq arranġement mużikali ta' Jamie Camilleri.

Wara il-Banda tal-Pulizija taħt id-direzzjoni ta' l-Ispettur Anzjan Anthony Cassar (Qormi, Malta) u d-*Drum Major* Kevin Vella (Żabbar, Malta), immarċjat minn Pjazza Savina għal Pjazza Indipendenza, fejn tat wirja ta' daqq mużikali. Aktar tard daħlu fil-Pjazza stakkament tal-Forzi Armati ta' Malta li tmexxa mis-Surġent Mario Muscat.



*Il-Banda tal-Pulizija fi Pjazza Indipendenza (It-Tokk)*



*L-avukatessa żagħżugħa Simone Grech tiżfen 'It-Taqbida'*

Imbagħad il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, f'isem il-poplu Għawdxi, qiegħdet kuruna f'riġlejn il-monument ta' Kristu Sultan, li jfakkar il-vittmi. Iċ-ċerimonja kommemorattiva spiċċat bid-daqq ta' l-innu Nazzjonali. Wara l-Banda tal-Pulizija immarċjat minn Pjazza Indipendenza għal Triq ir-Repubblika, b'daqq ta' marċi militari.

Preżenti kien hemm ukoll is-Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, l-Avukat Chris Said il-membru parlamentari Frederick Azzopardi (PN) is-Sindku tal-Belt Victoria, l-Avukat Samuel Azzopardi, iċ-Chairman tal-Kumitat Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali u Reġjonali Vincent Grech, iċ-Chariman tal-Kumitat Kulturali għal Għawdex, Kevin Sciberras, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex, Joe Xerri, Sindki ta' diversi lokalitajiet f'Għawdex, Diretturi fil-Ministeru għal Għawdex, Joseph Portelli u Joyce Dimech, Kapijiet ta' Dipartimenti u delegazzjonijiet minn Għaqdiet mhux Governattivi, fosthom membri tal-*Victoria Scout Group*.

## *... u fix-Xagħra*



Ir-raħal tax-Xagħra, nhar it-Tnejn 7 ta' Settembru, filgħodu, fakkar l-protezzjoni tal-Bambina fuq il-gżejjer Maltin.

Fil-Knisja Bażilika, fid-9.00 ta' filgħodu, E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof Emeritu tal-Arċidjoċesi ta' Malta, mexxa Pontifikal Solenni flimkien mal-Kapitlu u l-Kleru tal-Parroċċa. Wara t-tqarbin tkanta it-*Te Deum* bħala radd il-ħajr lil Alla. Anima l-Kor *Schola Cantorum Jubilate*. Fl-10.00, fi Pjazza Il-Vitorja saret it-Tifkira tal-Assedji ta' Malta, 1565 u 1942 u l-protezzjoni ta' Marija Bambina fuq il-Gżejjer Maltin.

Mons. Dr Joseph Bezzina għamel id-diskors tat-Tifkira dwar il-ġrajja tal-Assedji. Wara saret rappreżentazzjoni mill-Għaqda Storika Xagħrija tad-Daħla tal-Gran Mastru u l-Qari tal-Bandu segwita minn rappreżentazzjoni ta' attakk mill-ajru waqt it-Tieni Gwerra Dinjija. Imbagħad saret iċ-ċerimonja tat-tqegħid ta' Kuruni tal-Ward quddiem il-Monument tal-Assedju, minn diversi, fosthom l-Aġent President ta' Malta, Anton Tabone, l-iSpeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti, Dr Louis Galea u s-Sindku tal-Lokalità, Joe Cordina. Iċ-ċerimonja spiċċat bid-daqq tal-Innu Malti.

*Fil-Pjazza tax-Xagħra - tqegħid ta' kuruni tal-ward. Waħda minnhom mill-Aġent President ta' Malta, Anton Tabone*

## *Kunċert Mużikali fl-Oratorju*

Nhar is-Sibt 26 ta' Settembru fl-Oratorju Don Bosco, fir-Rabat, Għawdex, ittella' kunċert li ngħata l-isem ta' *What a Musical Evening*! Fost il-biċċiet mużikali li ndaqqu kien hemm fost l-aktar *musicals* li għadhom jagħmlu suċċess fil-*West End* u *Broadway*. L-orkestra, taħt id-direzzjoni ta' Mro Joseph Grech kienet tikkonsisti f'ħamsin mużiċist kif ukoll ingħaqdu magħhom uħud mill-kantanti Għawdxin li qed jistabilixxu ruħhom f'dan il-qasam mużikali, fosthom Jacqueline Vella, Marisa Galea, Mario Portelli, Fabian Galea u Rob Ricards.



*L-Orkestra fl-Oratorju Don Bosco.*







**RIFLESSI** — *Notamenti tal-Kav. Joe M. Attard*

# Meta l-Mulej isejjaħ... u kif!



Billi ninsabu fis-sena tas-Saċerdozju, illum f'din ir-rubrika xtaqt nitkellem magħkom dwar "Storja Interessanti ta' Vokazzjoni" ta' Saċerdot Ġdid — **Dun Frank Portelli** — bin emigranti Maltin li jinsabu f'Toronto l-Kanada (missieru Pawlu min-Nadur u ommu Doris mill-Mellieħa li kienu ltaqgħu u żżewġu f'Dundas, Toronto, fl-1972 u kellhom seba' wlied).

***Fr. Frank Portelli......minn żagħżugħ ifittex in-'night-clubs' għal saċerdot ifittex l-erwieħ.* Naħseb li hekk nista' niddeskrivih lil dan iż-żagħżugħ li wara esperjenza mħawda fil-'clubs' ta' divertiment, ġietu l-vokazzjoni saċerdotali u tefa' kollox wara spallejh għax irrealizza li l-veru ferħ ma tagħtihx id-dinja bit-tlellix kollu tagħha, u ħalla anke x-xogħol tajjeb li kellu u lill-Mulej qallu 'iva'. Ġie ordnat saċerdot ta' 33 sena f'St Michael's Cathedral f'Toronto mill-Arċisqof Thomas Collins iktar kmieni din is-sena, sewwa sew fid-9 ta' Mejju, 2009.**

Bla dubju mid-dar ra dejjem eżempji tajba. Missieru u ommu ltaqgħu flimkien fil-grupp taż-żgħażagħ fi ħdan il-knisja ta' San Pawl Appostlu ġewwa Toronto fdata f'idejn il-Patrijiet Franġiskani. Frank attenda l-iskola kattolika ta' Santa Ċeċilja u wara kompla japprofondixxi l-istudji tiegħu u jispeċjalizza fil-*Mathematics* u l-*Economics* fl-Università ta' Toronto u maljar sab impieg tajjeb mal-*Canadian Federal Government* fil-'*Bankruptcy Department*'. Wara x-xogħol kien isib ħin għad-divertiment imma din l-esperjenza ma wasslitu mkien u ma tagħtu l-ebda sodisfazzjon. Xebba żagħżugħa ħajritu jibda jgħin fil-knisja u hu beda jagħti daqqa t'id fix-xogħol tal-komunità, waqt li dik is-sieħba ma dehritx iktar. Iżda huwa kompla għaddej u stqarr ma' saċerdot ħabib tiegħu li hawn kien qed isib il-ferħ u s-sodisfazzjon tiegħu. Darba wera x-xewqa tiegħu li forsi xi darba jista' jsir qassis u mar f'Serra House fejn żgħażagħ f'salib it-toroq imorru biex jgħarblu sew il-vokazzjoni tagħhom. Ma kinitx faċli, jistqarr Frank, imma wara ħafna ħsieb u talb, kien iddeċieda u f'Awwissu tal-2003, daħal is-seminarju wara li telaq l-impieg tajjeb li kellu. Ħadem matul is-sajf f'xi *store* biex ikollu flus biżżejjed biex ikun jista' jixtri *card* għal *mobile* jew biex jikri xi *video*.

U hawn ħa nikkwota eżatt x'qal Fr Frank Portelli li issa jinsab jagħti sehmu fin-905 *area code* barra Toronto: - *"I don't know why, I don't know how, but I was called...if some people discover God and how much God loves us through me, then I have done my job."*

U dik hija l-istorja ta' dan iż-żagħżugħ li kellu jilħaq saċerdot propju matul din is-sena ddedikata lis-Saċerdozju Kattoliku. Għeżież qarrejja tagħna li fostkom hemm żgur ħafna ġenituri, oqogħdu attenti li l-Mulej ma jkunx iħabbat fuq il-bibien ta' darkom għal xi vokazzjoni u ma tindunawx! Għeżież żgħażagħ, sabiħa l-ħajja, sabiħa l-karriera, sabiħa l-familja, imma tgħaġġlux u tinfixlux; morru bil-mod u araw il-Mulej ikunx qed isejjaħ u ma tindunawx! Itolbu u ħallu lill-Mulej imexxikom Hu. Intelqu f'idejh u żgur li ma jiddispjaċikomx. **Il-Mulej ħareġ ifittex fil-belt kbira ta' Toronto fost l-għagħa u l-ġiri u t-tlellix tal-ħajja, u sab wieħed jgħodd għalih anke qalb in-'night-clubs'!. Attent li ma tiltaqax miegħu int ukoll u tagħlaqlu widnejk jew tagħtih dahrek. Jaf isibek kullimkien!**


Xerri l-Bukkett



Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iż-Żewwieqa Qala
Tel. 21553500

## DWAR GHAWDEX FIL-ĠURNALI

### *Ħidma mal-Kunsilli*

"Is-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni Chris Said nieda din l-iskema li permezz tagħha dawn il-Kunsilli Lokali se jkunu jingħataw 565,000 Ewro bħala parti mill-proġett ta' tiġdid tal-Kunsilli Lokali... Il-Kunsilli li se jgawdu minn dawn il-fondi huma l-Belt u r-Rabat Għawdex bħala bliet kapitali tal-gżejjer Maltin u l-Mellieħa, ix-Xlendi, Tas-Sliema. San Ġiljan, San Pawl il-Baħar, iż-Żebbuġ u Marsalforn bħala lokalitajiet turistiċi."

**Ingrid Fenech,** *In-Nazzjon, 8 ta' Settembru 2009*

### *Evviva bl-inbid Għawdxi*

"Wara s-suċċess li kisbu minn attività simili s-sena l-oħra, Anthony u Marisa Hili, il-propjetarji żgħażagħ ta' Tal-Massar *Winery*, reġgħu għal darb' oħra ħolqu attività unika għall-qtugħ tal-għeneb. Il-vinja *private* ta' din l-intrapriża serviet mhux biss ta' vetrina għall-pajsaġġ tar-raħal pittoresk tal-Għarb iżda wkoll ħolqot esperjenza interessanti għall-parteċipanti kollha. Permezz ta' din l-attività l-parteċipanti kellhom sehem dirett fil-produzzjoni tal-inbid li se joħroġ fuq is-suq is-sena d-dieħla. Għal din l-attività attendew diversi Maltin, numru ta' turisti u residenti barranin".

**Hermann Micallef,**
*maltarightnow.com 9 ta' Settembru 2009*




### *Ferħa bla temma?*

"L-Awtorità tad-Djar qalet ma' *KullĦadd* li kemm-il darba kienet se tkompli għaddejja bil-proġett ta' *housing* f'San Lawrenz, Għawdex, kienet se tkun qiegħda tberbaq miljuni ta' ewro minn flus il-poplu. Il-proġett inkwistjoni kien ippjanat mill-gvern ta' Lawrence Gonzi matul il-leġiżlatura li għaddiet u kien fi stadju avanzat, tant li 16-il koppja li sa dak iż-żmien kienu għadhom interessati fil-proġett tgħarrfu ftit tal-jiem qabel l-elezzjoni ġenerali, li kien irnexxielhom jikkwalifikaw għall-post".

*Rapport,* **KullĦadd,** *6 ta' Settembru 2009*

### *Għalenija!*

*"Eco-Gozo is everybody's project. The Government, the Opposition, the Church and all other entities have to shoulder the responsability to see Eco-Gozo happen".*
*– the Minister for Gozo, Giovanna Debono.*

*Interview with* **Marion Zammit,**
*The Sunday Times, 9th August 2009*

### *Għawdex jikkonferma u jissorprendi*

Servej mill-*MaltaToday*

**Mistoqsija :** *X'inhi l-akbar problema li għandu llum pajjiżna?*

Tweġiba tan-nies (%)

| | *Ambjent* | *Immigrazzjoni* | *Għoli tal-Ħajja* | *Qgħad* | *Triqat* | *Reċessjoni globali* | *Kontijiet Dawl u ilma* |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ***Sliema*** | 16 | 7.9 | 24.2 | 5 | 7 | 4 | 9.1 |
| ***M'Scala*** | 3.3 | 9.6 | 28.3 | 11 | 8.2 | 10.8 | 5 |
| ***Mosta*** | 2 | 11.2 | 38 | 12 | 7.3 | 4.1 | 7,9 |
| ***Qormi*** | 2 | 8.1 | 29 | 15.4 | 2 | 2.2 | 8.1 |
| **Għawdex** | **3.2** | **13** | **27.8** | **22.1** | **1.2** | **6** | **5.4** |

**Mistoqsija :** *Inti taqbel mad-divorzju?*

Tweġiba tan-nies (%)

| | dawk kollha li taw tweġiba | | | *dawk taħt 35 sena* | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Iva | Le | Ma nafx | *Iva* | *Le* | *Ma nafx* |
| Sliema | 44 | 46.5 | 9.5 | *66.7* | *33.3* | *0* |
| M'scala | 53.9 | 44 | 2.1 | *57.1* | *42.9* | *0* |
| Mosta | 47.7 | 51.4 | 0.9 | *58.3* | *71.7* | 0 |
| Qormi | 36 | 64 | 0 | *42.9* | *57.1* | *0* |
| **Għawdex** | **39** | **59.3** | **1.7** | ***47.4*** | ***52.6*** | ***0*** |

**James Debono,** *MaltaToday, 6 th September 2009*

# MILL-PARLAMENT

***Malta u Għawdex - prodott turistiku - fondi għar-riżorsi umani***

**7867. L-Onorevoli FREDERICK AZZOPARDI staqsa lill-Onorevoli LAWRENCE GONZI (Prim Ministru):** Jista' l-Prim Ministru jgħid xi proġetti, kemm b'fondi nazzjonali u fondi Ewropej, hemm maħsub bħala viżjoni fit-tul fuq il-prodott turistiku kemm f'Malta u f'Għawdex fl-aspett tar-riżorsi umani u dan sabiex nibqgħu niffukaw fuq il-ħtieġa li Malta u Għawdex ikunu dejjem aktar destinazzjonijiet li joffru valur tajjeb għall-flus li jħallsu t-turisti biex jiġu fostna? *20/04/2009*

**Tweġiba:** It Taqsima għall Iżvilupp tar-Riżorsi Umani fl-Industrija fi ħdan l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta, tinvesti fi proġetti ta' taħriġ u motivazzjoni ta' nies li jaħdmu fl-industrija tat-turiżmu, u biex tattira persuni sabiex jagħżlu l-industrija tat-turiżmu bħala karriera b'bosta prospetti.

Dan isir bi proġetti u attivitajiet varji f'Malta u f'Għawdex fl-oqsma ta' Taħriġ u Żvilupp tar-Riżorsi Umani, u l-Promozzjoni ta' l-Impjiegi fit-Turiżmu u l-Edukazzjoni bħal:

1. Proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea
   - I. FSE 7 – *Tourism and Support Services Training Programmes* (Merħba);
   - II. FSE 2.11 – *Developing Leaders for Change and Innovation in Tourism*;
   - III. Applikazzjoni għall-Proġett mill-FSE *'Retaining and Attracting People within Tourism through Diversity Management'*
2. Proġetti ffinanzjati b'fondi nazzjonali
   - I. *Seminars* u *Workshops*
   - II. *Tourism In-Service Programme* għall-għalliema;
   - III. Il-programm *CHOICE*;
   - IV. 'L-Impjegati' – *Documentary style TV series*; *Tourism Career Week* f'Għawdex

*11/05/2009*

***Għawdex - enerġija alternattiva***

**10287. L-Onorevoli FREDERICK AZZOPARDI staqsa lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Tista' l-Ministru tagħti tagħrif dwar xi proġetti huma maħsuba għal Għawdex għall-enerġija alternattiva li jikkontribwixxu għall-ħarsien tal-ambjent u biex jitwettqu proposti li jkunu żgur vantaġġjużi fil-fehma għall-Għawdxin infushom f'dan il-qasam? *06/07/2009*

**Tweġiba:** Jiena nfurmata li l-Ministeru għal Għawdex se jkabbar is-sistema ta' pannelli fotovoltajċi tiegħu permezz tal-fondi ffrankati mill-kont tad-dawl permezz ta' din is-sistema stess. Jiena nfurmata wkoll li bħalissa għaddejjin preparazzjonijiet preliminari dwar numru ta' inizjattivi f'dan il-qasam. *14/07/2009*

***Għawdex - pjanijiet ta' live saving/life rescue***

**9225. L-Onorevoli JUSTYNE CARUANA staqsiet lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Tista' l-Ministru tgħid xi pjanijiet għandu l-Gvern għal Għawdex ta' *live saving/life rescue* f'inċidenti tal-baħar? *03/06/2009*

**Tweġiba:** Ninsab infurmata li s-servizzi ta' *live saving/life rescue* hu provdut mill-AFM flimkien mas-*Civil Protection* is-sena kollha kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. *08/06/2009*



***Speċjalista tat-tfal bid-dijabete f'Għawdex***

**8952.L-Onorevoli JUSTYNE CARUANA staqsiet lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Peress li ġenituri tat-tfal bid-dijabete qed jilmentaw persistentement minħabba n-nuqqas ta' speċjalista tat-tfal bid-dijabete, u peress li dan l-ispeċjalista ilu jiġi mwiegħed imma minn dan għadu ma seħħ xejn, tista' l-Ministru tindirizza din il-ħtieġa immedjatament? *28/05/2009*

**Tweġiba:** Ninsab infurmata li bħalissa f'Għawdex hawn erbat itfal dijabetiċi. Dawn qed jingħataw servizz mill-ispeċjalisti pedjatriċi fl-Isptar ta' Għawdex. Meta u fejn ikun hemm bżonn, dawn it-tfal jintbagħtu għand l-ispeċjalista ta' l-edokrinoloġija tat-tfal fl-*Isptar Mater Dei.* *02/06/2009*

***Test tal-iSleep Apnea - waiting list***

**9369. L-Onorevoli JUSTYNE CARUANA staqsiet lill-Onorevoli JOHN DALLI (Ministru għall-Politika Soċjali):** Jista' l-Ministru jwieġeb mistoqsijiet parlamentari 8972 u 8439 u jgħid kemm hija l-*waiting list* fil-preżent għat-test tal-i*Sleep Apnea* u kemm hi l-medja ta' żmien ta' stennija biex dan it-*test* isir? *08/06/2009*

**Tweġiba:** Ninsab informat li bħalissa hemm 650 pazjent li qegħdin jistennew għal dan it-test. Informat ukoll li minħabba n-nuqqas ta' *technicians* speċjalizzati biex jagħmlu dawn it-testijiet tas-*sleep studies*, bħalissa qegħdin isiru medja ta' 7 fix-xahar. Sadanittant qed jiġu mħarrġa żewġ *technicians* oħra li meta jispiċċaw mit-taħriġ tagħhom ikunu jistgħu isiru madwar 20 *overnight sleep* studies fix-xahar.
Hemm il-ħsieb ukoll li jiġi ntrodott servizz ta' *sleep studies* fid-dar tal-pazjenti (*Domiciliary Diagnostic procedure*) biex b'hekk titnaqqas il-lista ta' stennija għal dan it-test.

*12/06/2009*

***Servizzi innovattivi fis-servizz tat-trasport pubbliku***

**9885. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Tista' l-Ministru tgħid x'sar s'issa matul din il-leġiżlatura biex titwettaq riforma u jiġu introdotti servizzi innovattivi fis-servizz tat-trasport pubbliku f'Għawdex? Meta huwa mistenni li tiddaħħal din ir-riforma? Qed jittieħdu in konsiderazzjoni l-interessi ġenwini tas-sidien tax-xarabanks u fl-istess waqt ikun hemm servizz li jagħmel sens soċjali u ekonomiku għal Għawdex? *23/06/2009*

**Tweġiba:** Nitlob lill-Onorevoli Nterpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru konċernat. *07/07/2009*

Kummentarju (2)

# Il-Ħolqien ta' Aktar Impjiegi f'Għawdex



kitba ta' MICHAEL GRECH

**Il-kriżi finanzjarja u r-reċessjoni globali ħallew l-effett tagħhom fuq is-sitwazzjoni tax-xogħol f'Għawdex. Bħalissa n-numru ta' nies f'Għawdex jirreġistraw għax-xogħol huwa 730 – l-ogħla ċifra sa mis-sena 2001. Dan in-numru ma jinkludix għadd żgħir ta' nies li għal raġuni jew oħra ma jindenjawx ruħhom biex jirreġistraw mal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ (ETC).**

**Sabiex nifqulha lil din is-sitwazzjoni, jeħtieg li jkun hemm sforz kollettiv mill-gvern, minn min iħaddem, mill-intraprendituri, mill-ħaddiema u minn dawk stess li qegħdin ifittxu x-xogħol.**

L-ewwelnett jeħtieġ li l-gvern jinvesti b'mod qawwi f'Għawdex fi proġetti infrastrutturali li għandhom valur miżjud għoli. It-triqat prinċipali għandhom ikunu fost il-proġetti li jingħataw prijorità. Il-ħtieġa ta' *airfield* għall-ajruplani *fixed wing*, ta' *yacht marina*, (b'investiment privat jew pubbliku), ta' facilitajiet fejn jistgħu jsorġu *cruise liners*, ma jistgħux jibqgħu aktar aġenda għad-diskussjoni u l-evalwazzjoni taħt it-theddida ta' politika influwenzata ġmielha mill-*lobby* ambjentali. It-tneħħija tal-burokrazija u aktar investiment dirett għar-reklamar ta' Għawdex bħala destinazzjoni distinta huma wkoll meħtieġa b'mod urġenti. Il-gvern għandu jieħu politika soda ta' diskriminazzjoni pożittiva lejn Għawdex billi jagħti inċentivi fiskali lill-investituri, lokali u barranin – inċentivi li jkunu lil 'l hinn minn dawk li joffri lil min jinvesti f'Malta.

Min-naħa l-oħra, in-nies tan-negozju f'Għawdex jeħtieġ li jikkoperaw ma' xulxin biex ikunu jistgħu jippreżentaw front komuni għat-theddid tar-reċessjoni li qegħdin iħabbtu wiċċhom miegħu. Għaldaqstant, hemm bżonn li aktar intraprendituri jissieħbu maż-żewġ assoċjazzjonijiet ewlenin, il-*Gozo Business Chamber* u l-*Gozo Tourism Association*. Hemm probabbiltà li b'għajnuna mill-gvern u mill-UE flimkien mas-sehem tal-intraprendituri, ir-reġjun ta'Għawdex ikun jista' jirreklama l-gżira fis-suq internazzjonali f'dawk l-oqsma speċjalizzati tat-turiżmu, bħalma huma d-*diving*, il-gastronomija, l-agro-turiżmu, ir-reliġjon, il-wirt kulturali – ilkoll oqsma li fihom Għawdex għandu x'joffri.

Fl-aħħarnett imbagħad, għandu jkun hemm sforz mill-ħaddiema, kemm dawk li qegħdin jaħdmu, u kemm l-oħrajn li qegħdin ifittxu x-xogħol. Huwa importanti li dawk li qegħdin fl-impjieg iħarsu lejn intrapriża li magħha qegħdin jaħdmu bħallikieku kienet tagħhom stess. Għaldaqstant



għandhom jagħtu l-aħjar li jistgħu fil-ħidma tagħhom, kien x'kien l-impjieg tagħhom. B'hekk ibaxxu l-ispejjeż għalmin ikun iħaddimhom u jkunu jgħinu biex pajjiżna isir aktar kompetitiv kemm fil-prezzijiet u kemm fil-kwalità. Dawk li qegħdin ifittxu x-xogħol, imbagħad, għandhom isibu r-rieda li meta tinqala' l-opportunità, jaċċettaw l-impjieg mingħajr ma joqogħdu jġibuha bi kbira għax forsi ma jkunx dak li tabilħaqq jogħġobhom. Dak l-impjieg jista' jservi bħala l-ewwel pass lejn opportunità ta' xogħol aħjar, b'paga ogħla u b'aktar sodisfazzjon.

**M'għandniex għalfejn nivvintaw ir-rota mill-ġdid. Kull ma neħtieġu huwa ftit tas-sens komun u impenn minn dawk kollha li għandhom x'jaqsmu f'dan il-qasam.**

*(Michael Grech huwa konsulent finanzjarju u viċi-president tal-Gozo Business Chamber.)*

BOGI AUTO LTD

■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

*Anniversarji*

# L-ORATORJU DON BOSCO
## ... sittin sena żagħżugħ!



*kitba ta'* JOHN CREMONA

**Jekk wieħed ikollu l-grazzja li joqrob lejn is-sittin sena, jibda, mingħajr ma forsi jrid, jaħseb fl-irtirar mix-xogħol u fit-tgawdija tal-pensjoni..... Jgħidu li min jaħdem maż-żgħażagħ jibqa' żagħżugħ, jekk tal-anqas mhux fiż-żmien, fl-ispirtu. L-Oratorju Dun Bosco fir-Rabat ukoll għaddew sittin sena minn fuqu, sittin sena li matulhom baqa' żagħżugħ u jiġġedded skond iż-żminijiet għalkemm baqa' fidil lejn it-tagħlim ta' Dun Bosco u l-għan li għalih ġie mwaqqaf f'Għawdex minn Dun Pawl Micallef.**

**Aktar kmieni din is-sena l-Oratorju ċċelebra għeluq l-75 sena mill-ftuħ ta' l-ewwel Oratorju li kien sar fl-1 ta' April 1934, dar ċkejkna fi Triq il-Karità, fl-istess jum li Dun Bosco ġie dikjarat qaddis mill-Papa Piju XI, u fit-8 t'Ottubru l-Oratorju preżenti ċċelebra għeluq is-60 sena mill-ftuħ tiegħu.**

Mhux l-għan tiegħi f'din il-kitba li noqgħod nirrakkonta x'għadda minnu l-Oratorju f'dawn is-snin; dwar dan ġie



*Ix-xogħol fil-pedamenti tal-bini tal-Oratorju - 1940*

ppubblikat ħafna materjal, iżda ser nitkellem ftit dwar ir-relevanza ta' l-Oratorju l-lum kemm fil-Knisja kif ukoll fis-soċjetà.

Li l-Oratorju Dun Bosco ħalla l-marka tiegħu tul is-snin ta' l-eżistenza tiegħu, kemm fil-Knisja lokali kif ukoll fis-soċjetà jixhduh il-ħafna li jafu l-edukazzjoni u l-formazzjoni tagħhom lill-Oratorju. Bosta Salesjani, qassisin u persuni impenjati fis-soċjetà Għawdxija kienu f'xi żmien jew ieħor jattendu l-Oratorju ta' Dun Bosco.

Dun Bosco sejjaħ l-Oratorji tiegħu, il-parroċċi taż-żgħażagħ, għaliex l-għan tagħhom kien u għadu li jiġbor u jifforma tfal u żgħażagħ minn kull qasam tas-soċjetà u jifforma nsara tajbin u ċittadini onesti. L-Oratorju, fir-realtajiet ta' diviżjoni u piki li jeżistu fir-Rabat, serva ta' post newtrali fejn tfal u żgħażagħ kif ukoll adulti, irrispettivament minn ma' liema partit jew każin iżommu, jistgħu jiltaqgħu f'ambjent ta' ħbiberija, jaħdmu flimkien, jitgħallmu flimkien u jiddevertu flimkien.

Is-sistema edukattiva ta' Dun Bosco kienet bbażata fuq tliet pilastri ewlenin li kienu s-suċċess tagħha u li għadhom validi l-lum li s-soċjetà u l-mod ta' għixien tbiddel mil-lejl għan-nhar. Il-grawnd, il-kappella u l-palk (tagħlim) huma t-tliet ċwievet tas-suċċess tas-sistema edukattiva tiegħu.

Fuq dawn l-istess pilastri huwa bbażat dak kollu li jsir ġewwa l-Oratorju Dun Bosco tar-Rabat u għalkemm il-mezzi nbidlu drastikament tul dawn is-sittin sena ta' l-eżiżtenza tiegħu, madanakollu fis-sustanza għadhom dawk li ppropona u ħaddem b'suċċess Dun Bosco stess.

Biex jibqa' rilevanti, l-Oratorju ħtieġlu li jinbidel maż-żmien biex jibqa' jattira żgħażagħ u tfal li l-lum għandhom ferm aktar attivitajiet u aljenazzjonijiet li jbiegħduhom aktar milli jressquhom lejn l-Oratorju. L-Oratorju l-lum joffri għadd ta' attivitajiet u proposti imġedda skond il-ħtiġijiet taż-żmien. Matul dawn l-aħħar snin sar tiġdid ukoll tal-post biex ikun f'pożizzjoni aħjar li jaqdi l-ħtiġijiet tal-lum, dan mhux mingħajr sforzi kbar u sagrifiċċji biex jinġabru l-flus meħtieġa biex



*Dun Pawl Micallef mat-tfal tal-Oratorju - 1938*



*L-Oratorju, kif jidher illum*

dan it-tiġdid ikun jista' jsir. Forsi hemm min jikkritika li ħafna mmodernizzar huwa tberbiq ta' flus fil-vojt. Il-post huwa l-ewwel ħaġa li tattira liż-żgħażagħ, għax kif tista' tiġbidhom lejn post antik u antikwat meta s-soċjetà qed toffrilhom elf mod ta' divertiment u aljenazzjoni f'ambjenti aktar attraenti u akkoljenti?

Mat-tiġdid tal-post, imbagħad, hemm it-tiġdid ukoll tal-mod kif teduka ż-żgħażagħ u t-tfal, il-lum żgur mhux aktar fuq il-fillieri tal-bankijiet bir-reċitar ta' talb bl-amment, imma b'tagħlim attwali u fattwali li jgħin lit-tfal u ż-żgħażagħ jiffaċċjaw l-isfidi li toffrilhom il-ħajja tal-lum.

**L-Oratorju l-lum joffri diversi inizzjattivi u proposti immirati għall-edukazzjoni soċjali, fiżika u reliġjuża ta' dawk kollha li jiffrekwentawh. Fost l-attivitajiet li jsiru fl-Oratorju regolarment insibu laqgħat ta' formazzjoni u diskussjonijiet dwar suggetti attwali, laqgħat soċjali, ħarġiet u kamping għaż-żgħażagħ, nursery tal-futbol, summer club u attivitajiet tal-palk għat-tfal, laqgħat ta' formazzjoni għall-koppji miżżewġa, parteċipazzjoni fil-karnival u attivitajiet kulturali oħra flimkien ma' servizzi reliġjużi fil-kappella.**

***Ħarsa 'l quddiem....***

L-Oratorju jħares lura lejn il-75 sena ta' l-eżistenza tiegħu ġewwa Għawdex, lejn is-suċċessi u r-reputazzjoni li kiseb mas-snin biex iħares 'il quddiem b'impenn u determinazzjoni biex dak li ħolom bih Dun Bosco aktar minn mija u ħamsin sena ilu, u dak li ħolom bih il-fundatur ta' l-Oratorju f'Għawdex, Dun Pawl Micallef aktar minn sebgħin sena ilu jibqa' jagħti l-frott u jilħaq l-għanijiet li għalihom ġie mwaqqaf. L-isfidi huma kbar, forsi akbar minn qatt qabel. Fejn fil-passat l-Oratorju kien tista' tgħid l-uniku żvog għal ħafna, il-lum irid jikkompeti bl-aħrax ma' diversi possibiltajiet ta' rikreazzjoni. Ir-realtajiet tal-ħajja jeħtieġu li jkun hemm nies imħarrġa biex ikunu ppreparati kif jiffaċċjaw il-problemi li jħabbtu wiċċhom magħhom dawk li jiffrekwentaw l-Oratorju. Jekk taħseb li tirranġa jew



*Ritratt ieħor antik ta' Dun Pawl mat-tfal tal-Preċett u tal-Griżma*





timmodernizza, jinħtieġlek tara minn fejn ser iġġib il-flus...insomma problemi kull fejn iddawwar wiċċek...

Għal dan kollu, Dun Bosco kellu soluzzjoni waħda, jafda kollox f'idejn il-Madonna, Marija Għajnuna ta' l-Insara, u l-għajnuna kontinwa tagħha f'dawn il-75 sena li għaddew jagħmlu kuraġġ lil dawk li jmexxu u jaħdmu fl-Oratorju biex iħarsu 'l quddiem b'kuraġġ u determinazzjoni.








*Attwalià*



# Fuq l-Art, bl-Ajru u bil-Baħar

*notamenti ta'* **SAVIOUR GRECH**

***It-trasport pubbliku***

F'Lulju li għadda l-Gvern Malti, permezz tal-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni nieda ir-riforma tant mistennija fit-trasport pubbliku. F'dawn l-aħħar jiem l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku ħabbret li tmien konsorzji, komposti kemm minn interessi Maltin kif ukoll minn interessi minn pajjiżi oħra, urew li huma interessati li jagħmlu offerta biex joperaw it-trasport pubbliku f'Malta għall-għaxar snin li ġejjin.

F'kummenti uffiċjali li saru, intqal li din ir-riforma għandha twassal biex tiġi rriformata mill-qiegħ nett is-sistema tat-trasport pubbliku kollu, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Permezz tar-riforma se jiġu introdotti servizzi ġodda, aktar faċilitajiet għall-passiġġieri u fuq kollox il-pubbliku se jkun moqdi aħjar.

Fil-kas ta' Malta, minbarra li ser ikun hemm żieda sostanzjali ta' rotot bejn id-diversi rħula u bliet ser ikun hemm żieda ta' servizzi iktar mgħaġġla (hekk imsejħa *express*) u diretti bejn destinazzjonijiet importanti. Skont il-pjanti ppubblikati jidher li fost dawn is-servizzi ser ikun hemm servizzi diretti (u mgħaġġla) bejn iċ-Ċirkewwa u l-Belt Valletta kif ukoll bejn iċ-Ċirkewwa u l-Ajruport Internazzjonali. Għalina l-Għawdxin, dan interessana daqs ir-residenti li joqgħodu f'Malta u iktar. Għalina li għandna r-residenza tagħna f'Għawdex hu essenzjalissimu li jkun hemm servizzi bħal dawn. Barra l-Belt u l-ajruport wieħed jispera li jiġu msaħħa s-servizzi eżistenti ta' trasport dirett bejn iċ-Ċirkewwa u destinazzjonijiet bħal l-Università u l-isptar Mater Dei u għala le hemm bżonn jiżdiedu oħrajn lejn iż-żoni industrijali. B'hekk ħaddiem Għawdxi li jaħdem f'Malta jiffranka xi ftit mill-ħin twil li preżentament irid juża biex imur lejn il-lant tax-xogħol tiegħu u biex jirritorna d-dar fil-għaxija. M'għandux ikun iktar tollerat li biex persuna taqsam miċ-Ċirkewwa għan-naħa l-oħra ta' Malta tieħu iktar minn biex wieħed jasal minn Malta sa' Ruma.

Fir-rigward t'Għawdex, ir-riforma, barra li taħseb għal trasport aħjar għal matul il-jum, taħseb ukoll, bħal f'Malta, għal sistema ta' trasport għal matul il-lejl. Żgur li sistema ta' transport li hi iktar effiċjenti u li tipprovdi trasport għal ħin itwal milli hemm illum, tgħin biex jitkattar l-iżvilupp ta' Għawdex. J'Alla dak kollu li hemm ippjanat jiġi implimentat.

***It-trasport bl-ajru bejn il-gżejjer Maltin***

Għal bidu ta' Settembru li għadda, ġriet l-aħbar li l-kumpanija *Eagle Heli Tours* ingħatat il-permessi meħtiega mid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili biex tibda topera servizz ta' helikopter bejn l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u l-Heliport tax-Xewkija. Ħafna kienu dawk li ħadu nifs kbir 'il ġew. Dawk midħla tal-industrija turistika Għawdxija, b'mod partikolari sidien ta' restoranti, lukandieri u kumpaniji li joffru servizzi turistiċi, imtlew b'tama ġdida għax servizz li kien waqaf ħesrem fis-sena 2006 kien jidher li se jerġa' jibda jitħaddem. Ittamaw li wara xhur ta' qtigħ il-qalb u żmien kemmxejn diffiċli deher xaqq ta' dawl għal bidu ġdid u żminijiet aħjar.



Iżda l-ferħa, kif ngħidu kienet *'shortlived'*. It-tamiet malajr taru mar-riħ. Dan għaliex is-servizz offrut la ser ikun wieħed regolari u lanqas ser ikun wieħed bi prezz li jħajjar dak li jkun li juzah. Barra minnhekk il-ħelikopter li ser ikun użat huwa ta' daqs żgħir u fuqu ma jistgħux jitilgħu iktar minn tliet passiġġieri.

Żgur li bil-prezz offrut ta' 65 ewro għal vjaġġ wieħed u bi prezz ta' 105 ewro ta' vjaġġ bir-ritorn ftit ser ikunu dawk li se jitħajru jużawh biex jiġu Għawdex. Wieħed għad irid jara kemm dan is-servizz ser iżid in-numru ta' turisti li jiġu Għawdex. B'inqas minn 40 ewro illum tmur Sqallija u tiġi lura, u bi ftit iktar tmur iktar 'il bogħod. Barra minn hekk, l-iskeda li qed tkun offruta hija limitata ħafna. Veru li qed jingħad li l-kumpanija li qed toffri s-servizz se tkun flessibbli u lesta li jekk ikun hemm it-talba, toffri servizzi barra mill-iskeda. Iżda bi skeda li turi li hemm ippjanati żewġ vjaġġi biss kuljum ma naħsibx li se jkun hemm wisq turisti li jkunu lesti li jużawh biex jaqsmu lejn Għawdex.

Għamlu sew l-awtoritajiet tal-Avjazzjoni Ċivili li taw il-permessi meħtieġa biex il-kumpanija msemmija toffri

dan is-servizz ġdid. Wara kollox, min hu lest li jħallas għandu jinqeda. Iżda dawk li jaħdmu fl-industrija tat-turiżmu u anke f'oqsma oħra, kif ukoll dawk li jkollhom bżonn isiefru sikwit, mhux dan is-servizz li kienu qed jistennew. L-inqas li kienu qed jistennew mill-Gvern kien, li la dan, għal raġunijiet tiegħu ddeċieda li ma jibqax isostni is-servizz tal-ajru, li jiddeċiedi li jżid biċċa tarmak oħra mal-*airstrip* li diġà hemm fil-ħeliport tax-Xewkija. B'hekk min qed jgħid li lest joffri servizz b'ajruplan żgħir ikun jista' jagħmel dan. L-aħħar li nstema' f'dan ir-rigward kien li l-Gvern qiegħed jistenna xi studji minn għand l-Awtorita tal-Avjazzjoni Ċivili. Sew li qabel ma jitfattru l-affarijiet, isiru dawk l-istudji kollha possibbli li hemm bżonn, iżda ma jistax ikun li wieħed ikompli jistudja għal żmien twil iż-żejjed, speċjalment meta s-sitwazzjoni tkun qalbet għall-agħar.

Tajjeb li wieħed jirreferi għall-istqarrija li kienet għamlet l-Assocjazzjoni tat-Turiżmu f'Għawdex, wara l-waqfien tas-servizz tal-ħelikopter bejn Malta u Għawdex, li fiha sostniet li l-interessi tal-gzira Għawdxija huma mhedda, u li Għawdex qatt ma jista' jkun reklamat bħala destinazzjoni separata mingħajr servizz bl-ajru bejn il-gżejjer.

***Toroq prinċipali u sekondarji***

L-Awtorita tat-Trasport Malti għada kemm ħabbrett il-ħruġ tal-offerti biex jitwettaq proġett ta' 45 miljun Ewro biex jiġu rranġati, u fejn hemm bżonn jiġu mibnija mill-ġdid erba' toroq prinċipali f'Malta u Għawdex. Sa 85% tal-ispejjeż se jiġu kkofinanzjati min fondi Ewropej waqt li l-Gvern Malti se jiffinanzja il- kumplament ta'l-ispejjeż. Hu stmat li l-Gvern Malti se jonfoq 12 il-miljun Euro oħra ħalli jiġu rranġati toroq sekondarji biex ikunu jistgħu jiġu użati bħal toroq alternattivi waqt li jkun għaddej il-bini tat-toroq prinċipali. Il-fondi Ewropej jistgħu jiġu użati f'dan il-proġett għax l-erba' toroq li fihom ser isir ix-xogħol jifformaw parti minn dik li tissejjaħ in-*Network* Trans-Ewropea tat-Toroq (TEN-T). Hu mistenni li x-xogħol fuq dawn it-toroq jibda għan-nofs tas-sena d-dieħla bil-ħsieb li jitlestew għall-użu sal-aħħar tal-2011.

Fost it-toroq li se jiġu rranġati hemm dik li mill-port tal-Imġarr tieħu lejn ir-Rabat. Wara li saret il-parti tat-triq li mir-Rabat tieħu lejn l-Għarb, issa kien xieraq li ssir il-parti li mir-Rabat tieħu lejn il-lvant tal-Gżira. Wieħed jispera li l-proġett jitwettaq fil-ħin u li jkun ikopri l-parti kollha tat-triq, jiġifieri minn naħa t'isfel tal-port tal-Imġarr, tgħaddi minn ġor-Rabat u twassal sat-Triq Papa Ġwanni Pawlu II biex tingħaqad mal-parti tat-triq li tieħu lejn il-punent t'Għawdex u li kienet tranġat ukoll b'fondi Ewropej.

Wieħed jawgura wkoll li jinstabu fondi biex titlesta dik il-parti li mill-Għarb twassal lejn id-Dwejra. Sadanittant jidher li se jibda x-xogħol fuq it-triq li tieħu mid-daħla tal-Għarb lejn Ta' Pinu. Hasra li jidher li għal xi raġuni ġie sospiż ix-xogħol fuq it-triq li mir-Rabat tieħu lejn ix-Xlendi. Jidher li ma hemmx li dan il-proġett partikolari jitwettaq. Din it-triq, flimkien ma' dik li tieħu lejn Marsalforn huma fi stat ħażin, barra li huma essenzjali għall-industrija tat-turiżmu. Wieħed isibha diffiċli biex jifhem kif waqt li jingħad li hemm bżonn li jsir dak kollu possibbli biex din l-industrija tingħata l-għajnuna kollha possibbli, jittieħed daqshekk żmien biex jitwettqu ċerti proġetti.

Ma nistax ma nsemmix il-bżonn li jsir *bypass* madwar ir-Rabat, biex tispiċċa l-ħtieġa li biex wieħed jgħaddi minn parti għall-oħra t'Għawdex irid bilfors jidħol ir-Rabat, bil-konsegwenza li llum fit-toroq tar-Rabat hemm *traffic jam* kontinwu matul is-sena kollha, b'dannu kbir għas-saħħa tar-residenti kif ukoll b'dannu kbir għall-ambjent. Jekk fil-pjanijiet tat-toroq li ser isiru b'fondi Ewropej dan il-*bypass* mhux inkluż, ikun ifisser li fir-Rabat ser ikollna konġestjoni permanenti tat-traffiku.



***It-turiżmu permezz tal-'cruise liners'***

F'dawn l-aħħar snin, madwar il-Mediterran sar żdied bil-kbir in-numru ta' dawk li jieħdu l-vaganza tagħhom permezz ta' ġita fuq *cruise liners*. Malta, għax kienet ippreparata gawdiet bil-kbir. L-investiment li sar biex il-moll u l-imħażen ta' Pinto fil-Port il-Kbir ġie żviluppat il-*Valletta Water Front,* ħalla mpatt kbir. Il-Port il-Kbir sar wieħed miċ-ċentri ewlenin fil-Mediterran għat-turiżmu tal-*cruise liners*.

Tant kiber dan il-kummerċ f'dan is-settur li saħansitra kien hemm ġranet meta ma kienx qed ikun hemm wisa' biex jidħlu iktar *'cruise liners'*. Biex jilqa' għal dan u anke biex, kif intqal fi stqarrija uffiċjali, titkabbar l-attivitá ekonomika ta' l-hekk imsejħa Tliet Ibliet (l-Isla, Bormla u l-Birgu), il-Moll ta' l-Isla (*ex-Boiler Wharf*) inbidel minn moll tat-tarznari f'moll li jista' jilqa' fih l-isbaħ *Cruise Liners* u vapuri lussużi. Dan il-proġett twettaq f'inqas minn tliet xhur u sewa 566,500 ewro.

Fil-każ t'Għawdex, l-industrija turistika permezz tal-'*Cruise liners*, ukoll ġiet indikata bħala industrija li għandha tkun ukoll wieħed mill-mezzi li jistgħu jixprunaw l-ekonomija Għawdxija. Iżda sfortunatament il-pjanijiet li ġew proposti biex dan iseħħ kienu ħafna inqas ambizzjużi u l-investiment li ġie propost kien ħafna iżgħar. Kien tħabbar li ser tintefa' baga 'l barra mill-bajja tax-Xlendi. L-ispejjeż biex isir dan ġew stmati li jkunu madwar 70,000 ewro. Iżda għaddew ix-xhur, anzi is-snin u l-anqas dan għadna ma wasalna għalih. Se nibqgħu noħolmu?

*Kummentarju (3)*

***Fil-Gżejjer Maltin hawn biss żewġ teatri liriċi; dawn it-tnejn issibhom f'Għawdex, imma hemm raġuni biżżejjed biex dawn jibdew jitqiesu bħala***

# It-Teatri Nazzjonali għal Opri Liriċi



*kitba ta'* **FRANCO MASINI**

**Meta tħabbru u ġew murija l-pjanti tant mistennija tad-dħul tal-Belt Valletta disinjati mill-famuż perit Renzo Piano kulħadd stenna li kellu jkun hemm pjanta tat-teatru nazzjonali, suċċessur tar-*Royal Opera House* li ġġarrfet fis-7 ta' April tal-1942. B'sorpriża għal kulħadd il-pjanta tal-hekk imsejjaħ teatru kienet tikkonsisti filli l-fdalijiet ta' dak antik jiġu nkorporati f'bini li jista' jiġi utilizzat bħala post ta' attivitajiet teatrali iżda bl-ebda mod ma jista' jissejjaħ teatru, tant li lanqas saqaf m'hu se jkollu. Għad li d-disinn huwa mmaġinattiv u mfassal b'mod intelliġenti qatt ma jista' jieħu post it-teatru li kien hemm. Dan ifisser illi l-ħolma ta' eluf kbar ta' Maltin u Għawdxin li fl-aħħar bħal kull pajjiż, Malta jkollha Teatru Nazzjonali, sfumat fix-xejn.** Mhux għal kollox, għaliex f'pajjiżna għandna żewġ teatri liriċi, attrezzati b'palk imdaqqas, bi platea deċenti u fuq kollox mgħottijin b'saqaf! Dawn huma t-teatri Aurora u Astra, it-tnejn fil-Belt Vittorja li ilhom snin jippreżentawlna opri liriċi ta' l-aqwa kwalità. Dax-xahar stess qegħdin jagħtuna opri famużi ta' Giuseppe Verdi.

Kif svolġew l-affarijiet jidher li fuq il-gżira ta' Malta ftit baqa' tama li jerġa' jinbena teatru liriku. It-teatru Manoel, ġojjell tas-seklu sbatax, jibqa' hemm iżda ma jistax jakkomoda rappreżentazzjonijiet operistiċi minħabba ċ-ċokon tiegħu. Il-*Mediterranean Conference Centre*, tajjeb għar-rappreżentazzjonijiet kbar, imma mhux adegwat biex jospita opri liriċi. Għalhekk loġikament it-teatri liriċi ta' Għawdex se jibqgħu għal ġejjieni l-uniku postijiet fejn jistgħu isiru opri. Irridu ngħidu li dan mhux dovut biss għall-għamla tat-teatru fih innifsu iżda huwa frott ta' organizzazzjoni ta' volontarjat iddedikat u appassjonat li tagħmilha possibbli li jsiru l-opri. Il-konkorrenza kbira li jkun hemm, speċjalment minn dilettanti Maltin ta' l-opri hija risposta ċara lill-awtoritajiet li hemm domanda kostanti u dejjem tikber għal dan it-tip ta' mużika.

**Ikun hemm min forsi jaħsibha li t-teatru nazzjonali għandu jkun fil-belt kapitali tal-pajjiż. Dan mhux dejjem huwa rikjest. Teatri kbar ta' fama mondjali issibhom fi bliet kbar, mhux neċessarjament kapitali. Per eżempju La Scala fil-belt ta' Milan, il-*Metropolitan* fi New York huma tnejn mit-teatri famużi li mhumiex fil-bliet kapitali ta' l-Italja u l-Istati Uniti. Barra minn hekk Għawdex bħala parti importanti mit-territorju nazzjonali għandu tradizzjoni mużikali ta' ħafna snin. U kien hawn li twaqqfu snin ilu b'sagrifiċċji mhux żgħar dawn it-teatri.**

Jekk dak li qed nissuġġerixxi, voldieri li t-teatri liriċi ta' Għawdex jiġu kkonsiderati bħala t-Teatru Nazzjonali allura l-pass li jkun imiss huwa li l-istat iżid il-kontribuzzjoni tiegħu. Ifisser illi l-piż ta' l-investiment kapitali kbir fil-qasam ta' l-opra ma jibqax iktar fuq spallejn il-Gvern għax ġa sar miż-żewġ soċjetajiet Għawdxin. Ifisser illi l-istess Gvern ikun jista jalloka somom deċenti kull sena sabiex ikun jista' jsir staġun ta' opri liriċi fuq bażi annwali. Bil-formula ta' *public private partnership* it-teatri flimkien mal-Gvern ikunu jistgħu jaqsmu l-piż bejniethom biex ikollna staġun operistiku mifrux ngħidu aħna fuq xaharejn li matulhom jistgħu jiġu ppreżentati erbgħa, sitt opri. Dawn ikunu jistgħu jiġu kumplimentati minn serati ta' *ballet,* kunċerti eċċ. Naturalment l-element ta' volontarjat irid jibqa' sod u fuq quddiem nett għaliex huwa l-pern ta' kollox. **Irid ukoll ikun hemm fuq kollox kollaborazzjoni sħiħa bejn iż-żewġ teatri. Ukoll it-tmexxija, d-dedikazzjoni u l-impreża jridu jibqgħu f'idejn il-*management* taż-żewġ teatri.**

Il-vantaġġi ta' dan kollu jinkludu tisħiħ tas-suq turistiku intern fix-xhur batuti tas-sena, il-promozzjoni ta' interess ikbar mużikali f'pajjiżna, il-possibbiltà li dawn ir-rappreżentazzjonijiet jiġbdu interess turistiku anke minn barra pajjiżna, mezz biex l-orkestra filarmonika nazzjonali tkabbar is-sehem tagħha fil-mużika lirika, utilizzar aħjar taż-żewġ teatri u tkabbir ta' l-edukazzjoni mużikali għaż-żgħażagħ tagħna.

**Nittama li din l-idea tiġi promossa mir-rappreżentanti tagħna fil-Parlament kif ukoll mis-soċjetà ċivili Għawdxija biex forsi ssir realtà għall-ġid ta' Għawdex u ta' Malta stess.**

**KOTBA**
*Minn Għawdex*

# *Eku tas-Sena Pawlina fl-Evanġelizzazzjoni*

***Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof Emeritu ta' Għawdex, "Il-Ministeru tal-Kelma", Gozo Press, 2009, pp. 195, 7 Ewro.***




Bħal daż-żmien sena ilu l-Knisja Lokali kienet ġa għaddejja b'tant tħejjijiet għall-bidu tal-Missjoni Djoċesana, u ħafna kienu dawk li ħarġu b'entużjażmu nisrani għall-katekeżi mal-familja. Għalkemm l-għeluq ġie ċċelebrat fil-vġili tal-Pentekoste, soltu ngħidu li l-ħidma tkun għadha qed tibda. L-istess ħaġa tapplika għas-Sena Pawlina, li minkejja t-tmiem taċ-ċelebrazzjonijiet f'Ġunju li għadda, il-messaġġ ta' l-Appostlu Missierna bħala xandar tal-Vanġelu ma jieqaf qatt.

Bħala għodda siewja u ta' għajnuna kbira għax-Xandir tal-Kelma u għall-formazzjoni fl-appostolat kateketiku fil-ħajja tan-nisrani, għandna f'idejna l-ktieb li jittratta dwar *"Il-Ministeru tal-Kelma"*, edizzjoni aġġornata u mkabbra ta' dak li qabel kien *"Ħjiel ta' Kateketika"*, bil-għan li tilħaq iktar oqsma marbuta ma' l-evanġelizzazzjoni.

Din il-pubblikazzjoni toffri qabel xejn tagħrif dwar l-importanza u l-ħtieġa ta' l-appostolat tal-kelma mwettaq fi ħdan il-Knisja, anki mil-lajċi, skont iċ-ċirkostanzi li jistgħu jiġu fihom ta' spiss. Illum jeżistu ħafna kotba u anki rivisti kattoliċi ta' pedagoġija u metodoloġija, barra minn tagħlim u eżerċizzju ieħor li wieħed jista' jakkwista anki mill-għaqdiet reliġjużi. Iżda min hu diġà midħla ta' kotba jew pubblikazzjonijiet oħra ta' Mons. Isqof Emeritu Nikol Cauchi, għandu idea biżżejjed dwar l-istil u l-mod ħafif kif iwassal il-messaġġ tiegħu fuq pedamenti sodi aktar milli fuq ideat esperimentali.

Fost is-suġġetti ttrattati f'rabta mal-appostolat tax-xandir tal-kelma ta' Alla, l-awtur imiss aspetti li jvarjaw mill-istorja għall-metodu tat-tagħlim, mill-fini għall-għamliet ta' predikazzjoni, mill-omelija għall-katekeżi mat-tfal. Jinsisti wkoll dwar il-fonti u l-kontribut li toffri l-Iskrittura, il-Konċilju Vatikan II u dokumenti oħra tal-Maġisteru tal-Knisja. Jittratta wkoll dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-mezzi awdjo-viżwali, inkluża l-*Mass Media,* kif ukoll it-tagħlim fl-iskejjel u postijiet oħra ta' laqgħat.

Mons. Isqof Cauchi jfisser kemm dan il-ministeru tal-kelma jinvolvi numru kbir ta' kollaboraturi kif ukoll firxa sħiħa li tinkludi lit-tfal, żgħażagħ u adulti, permezz tal-kuntatti, bix-xhieda nisranija, u ma jħallix barra l-istess imġiba minsuġa mar-reliġjożità popolari. Punti oħra jmissu l-istrutturi djoċesani u parrokkjali, il-kompjuter u l-internet, is-sillabu tat-tagħlim, il-formazzjoni tal-kuxjenza, il-films u l-*question box,* id-dixxiplina u tips għall-għalliema tar-reliġjon, u tant punti oħrajn.

Wieħed jista' jkejjel fejn ikun wasal ir-riżultat tal-Missjoni Djoċesana skont kemm il-ministeru tal-kelma jitqies bħala għajn ta' ħajja f'kull komunità nisranija, flimkien mal-Liturġija li tiċċelebra l-Knisja. Mingħajrhom tinħass l-apatija u t-telqa u n-nuqqas ta' ħeġġa bħala dixxipli awtentiċi tal-Mulej. Il-ktieb ta' Mons. Cauchi jista' jservi bħala manwal ta' gwida biex joktor l-impenn ta' l-appostolat, kemm individwali kif ukoll jekk ikun organizzat fi gruppi, fl-evanġelizzazzjoni mill-ġdid tant meħtieġa f'pajjiżna.

Dan il-ktieb ġie ppubblikat b'tifkira ta' l-okkażjoni tal-25 sena tas-saċerdozju tal-Kan. Dun Karm Curmi mill-Munxar u jinsab għall-bejgħ f'numru limitat ta' kopji fil-*Lumen Christi Bookshop,* Victoria, jew għand il-librara ewlenin tal-kotba reliġjużi f'Malta u Għawdex, għall-prezz ta' 7 ewro. Nittamaw li jekk tikber id-domanda għalih, toħroġ malajr it-tieni edizzjoni tiegħu.

***Mons. Salv Grima***

*Ħsibijiet mill-ktieb "Dio in Campo", Don Luigi Gugliemonti, Sport e Fede, Ediz. Elle D.C. Torino*

# L-ISPORT MAGĦMU U MHUX IL-BNIED



## 1 ID-DEKALOGU TAL-ISPORTIVI

1. Mhux bl-isports **biss** jgħix il-bniedem.
2. La titlobx lil Alla biex tirbaħ, iżda biex jgħinek tkun aħjar fil-ħajja.
3. Ħares il-Jum tal-Ħadd. Taħlihx kollu fl-isports.
4. La titkabbarx b'li taf. Dak li taf, agħtih bil-qalb.
5. Qatt tuża l-vjolenza fi kliemek jew f'għemilek. L-isports hu laqgħa bejn l-aħwa.
6. Tabbużax minn ġismek. U rrispetta l-ġisem tal-oħrajn.
7. La tmaqdar lil ħadd. L-avversarju tiegħek għandu l-istess dinjità tiegħek.
8. Tiħux sustanzi illeċti, biex mingħalik se tirbaħ.
9. La tintefaħx bis-suċċessi. Kun ekwilibrat.
10. La tgħirx għalmin hu aħjar minnek. L-importanti hu li tagħti l-aħjar li tista'.

## 2 GĦALL-ATLETI

1. Jekk tirbaħ, taħsibx li lħaqt is-sema.
2. Meta tiskorja gowl, m'hemmx għalfejn jagħtik "ferħ' ta' ġenn.
3. Meta titlef, m'għandekx minn xiex tistħi – basta tkun għamilt dmirek.
4. Irrispetta lill-avversarju. Mingħajru ma tistax tilgħab.
5. Tagħmilhiex 'fatta' qabel il-partita. Ħalli l-logħba tiddeċiedi r-riżultat.
6. Kun lest li tagħmel awtokritika. Li tikkritika lilek innifsek hu parti mit-tħejjija għad-darba li jmiss.
7. Qatt tinsulta lill-uffiċjali jew lir-referì.
8. Ftakar li m'intix etern. Xi darba trid tieqaf mill-isport.
9. Dak li tgħallimt bl-esperjenza tiegħek għallmu lil min ma jafx.
10. Tqisx lilek innifsek espert f'kollox. Dejjem baqagħlek x'titgħallem.

**Dawl għall-Ħajja** *Riflessjonijiet miġbura mill-Arċipriet C. Mercieca*

# L GĦALL-BNIEDEM
# EM GĦALL-ISPORT

## 3 FL-ARENA U BARRA MINNHA

1. Hu l-isport bis-serjetà. Iżda kun dejjem sportiv.
2. La tippretendix li int xi *champion*.
3. Fil-logħba uża mhux biss il-muskoli, iżda wkoll moħħok u qalbek.
4. Trid kuljum titgħallem tirbaħ u titlef.
5. Irrispetta lill-avversarju. Mingħajru ma tistax tilgħab.
6. La temminx fid-destin.
7. Hu gost li qed tagħti gost lill-oħrajn.
8. Faħħar lil Alla bil-logħob.
9. Kun dixxiplinat fi kliemek u f'għemilek fil-grawnd u barra.
10. Kun lest li tissagrifika ruħek għat-*team*.




## 4 GĦAS-*SUPPORTERS*

1. Tħallix ir-riżultati sportivi jikkondizzjonawk iżżejjed.
2. Fil-ġurnal taqrax biss il-paġna sportiva.
3. La temminx li l-isport hu kollox.
4. La tippretendix riżultati mingħand Alla.
5. F'telfa, tagħmilx l-affarijiet bi kbar; mhux se taqa' d-dinja.
6. Kun ġentili. Fil-manjieri tiegħek tkunx goff jew baxx.
7. Wara l-logħba, oħroġ mill-grawnd bi tbissima, biex l-affarijiet jikkalmaw.
8. Wara l-partita, ġara x'ġara, ħbieb konna u mija nibqgħu.

## 5 XI ĦSIBIJIET

*minn* "L-Isport u l-Ħajja Kristjana"
***nota pastorali tal-Konferenza Episkopali Taljana***

- "Il-Knisja tinteressa ruħha fl-isport għax tinteressa ruħha fil-bniedem, għaliex għandha x'taqsam profondament fil-ħajja tiegħu, u hija mpenjata b'vokazzjoni u b'missjoni fis-salvazzjoni tiegħu".
- "Mingħajr dubju, l-isport imiss aspetti li huma fundamentali għall-formazzjoni tal-persuna, fil-modi tagħha kif tesprimi lilha nfisha u fl-imġiba tagħha mal-oħrajn u mal-ħolqien".
- "L-isport huwa konness ma' skala ta' valuri bħalma huma l-primat ta' Alla, ir-rispett tal-persuna u tal-ħajja, l-osservanza tal-ħtiġijiet familjari, il-promozzjoni tas-solidarjetà. L-isport mhuwiex għan fih innifsu, iżda lanqas hu mezz sempliċi – pjuttost hu valur tal-bniedem u tal-kultura, lok ta' umanità u ċiviltà, li madankollu jista' jsir lok ta' taħsir personali u soċjali".
- "Il-fatt li matul is-sekli, it-tixrid tal-ideal qawwi tal-isport rebaħ fuq l-interessi ta' xi parti jew oħra, huwa konferma tal-orjentament tal-ispirtu uman lejn dak li hu veru, dak li hu tajjeb u dak li hu sabiħ, minkejja l-waqgħa tal-bniedem fid-dnub".

Solidarjetà Nisranija (3)



# L-Għamliet ta' Ġustizzja



kitba ta'
MONS. ISQOF EMERITU
NIKOL Ġ. CAUCHI

*(1) Il-ġustizzja distributtiva*

Il-ġustizzja distributtiva hija dik li tobbliga lill-kapijiet u s-superjuri sabiex bħala rappreżentanti tas-soċjetà kollha kemm hi, jippromovu l-ġid u jħarsu l-jeddijiet tal-membri kollha tagħha. Tissejjaħ "distributtiva", għaliex hija tmexxi lil min ikun superjur, sabiex iqassam b'mod xieraq fost dawk li jiddependu minnu, il-piżijiet u l-vantaġġi li jkun hemm disponibbli.

**Il-ġustizzja distrubuttiva tinqasam f'żewġ għamliet: il-ġustizzja "rimunerattiva" li tippremja lit-tajbin u l-ġustizzja "punittiva" li tikkastiga lil min ikun ħati tal-ħażen.**

Il-ġustizzja distributtiva tirrigwarda l-komunità u tirregola r-relazzjonijiet bejn min imexxiha u l-membri tagħha, fit-tqassim ta' vantaġġi soċjali bħal ma huma unuri, għotjiet, privileġġi u għajnuniet, kif ukoll f'dak li s-soċjetà teżiġi minnhom, ngħidu aħna kontribuzzjoni tat-taxxi u difiża fil-perikli.

*(2) Il-ġustizzja legali*

Għandha x'taqsam mal-liġi, u nistgħu ngħidu li hija **l-virtù li tiggwida l-leġiżlaturi sabiex jagħmlu liġijiet tajbin li jwasslu għal ġid komuni, kif ukoll li ddarri liċ-ċittadini jobdu dawn il-liġijiet.**

Minħabba l-ġustizzja legali s-sudditi huma obbligati li jaqdu dmirijiethom lejn is-soċjetà li tagħha jkunu membri, u li jħarsu d-dmirijiet li għandhom lejn il-mexxejja tagħha; fuq kollox, billi jobdu l-liġijiet ġusti li bihom jista' jintlaħaq il-ġid komuni.

*(3) Il-ġustizzja kommutattiva*

Hija l-ġustizzja li tirrigwarda lill-individwi, fir-relazzjonijiet li jkollhom bejniethom, skont il-prinċipju ta' l-iskambju jew bdil onest, bħal meta jiġri fit-tpartit, meta dak li tagħti jeħtieġ li jkun jiswa daqs dak li tieħu.

**Il-ġustizzja kommutattiva tobbliga lill-membri tas-soċjetà, bħala ċittadini privati, li għandhom jagħtu lil kull wieħed dak li hu dritt strett tiegħu għax huma ndaqs quddiem il-Liġi. Id-dritt jista' jkun attiv jew passiv. Huwa jedd passiv dik il-ħaġa jew oġġett li għandha tingħata lil ħaddieħor, bħal flus mislufin li għandhom jintraddu lil sidhom. Il-jedd attiv, huwa s-setgħa mogħtija mil-liġi, li biha wieħed ikun jista' jikseb xi oġġett jew li jitlob u jingħata kwalunkwe ħaġa jew għemil għal vantaġġ tiegħu. Il-ġustizzja kommutattiva toħloq armonija fis-soċjetà u tiggarantixxi r-rispett lejn id-drittijiet kif ukoll il-ħarsien tad-dmirijiet ta' l-individwi.**

Il-ġustizzja kommutattiva teżisti bejn tnejn li huma ugwali, bejn bniedem u bniedem ieħor, jew bejn żewġ gruppi ta' bnedmin li jaġixxu, daqs li kieku kienu persuni privati li qegħdin jinnegozjaw "*on equal terms*." Hemm tliet kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jidħol id-dmir tal-ġustizzja stretta li hija l-ġustizzja kommutattiva. Jeħtieġ li:

i. Jkun hemm iktar minn persuna waħda għax propjament il-bniedem ma jistax ikollu drittijiet miegħu nnifsu.
ii. Tirrigwarda materja ta' obbligu strett u mhux sempliċement xi ħaġa li wieħed jagħmilha bħala favur jew b'att ta' karità,
iii. Ikun hemm ugwaljanza bejn dak li tagħti u dak li tieħu, bħaż-żewġ kefef tal-miżien li jkunu bilanċjati.

**Il-ġustizzja kommutattiva hija l-bażi tal-kuntratti kif ukoll ta' kull ftehim ta' tpartit, ta' bejgħ u xiri, u tal-impjieg tal-ħaddiema ma' min iħaddimhom.**

Il-ġustizzja kommutattiva, jekk tiġi miksura tobbliga għar-restituzzjoni. It-tort li jsir lil ħaddieħor meta xi ħadd jisraqlu xi ħaġa, jew jagħmillu ħsara fil-propjetà tiegħu, ma jistax jiġi riparat ħlief bir-restituzzjoni jiġifieri, meta l-ħaġa misruqa tintradd lura jew tissewwa l-ħsara li tkun saret. **Meta wieħed jonqos kontra l-ġustizzja kommutattiva mhux biżżejjed li jindem u jitlob maħfra lil Alla, iżda meħtieġa wkoll ir-restituzzjoni jiġifieri wieħed irid irodd dak li seraq u jirripara l-ħsara li jkun għamel.**

*Il-ġustizzja soċjali*

Skont l-opinjoni l-iktar komuni, il-ġustizzja soċjali, tfisser dik "il-virtù li tgħin u tmexxi lill-bnedmin biex jippromovu l-ġid komuni."

Imma nistgħu ngħidu li **ġustizzja soċjali tista' tfisser kemm il-ġid komuni nnifsu kif ukoll dik il-virtù li tqanqal il-bniedem biex iħabrek għal ġid komuni.**

"Il-ġustizzja soċjali" huwa terminu relattivament modern u l-awturi kattoliċi ma jagħtuhx l-istess tifsira. Xi wħud jidentifikaw il-ġustizzja soċjali mal-ġustizzja legali. Iżda il-ġustizzja soċjali għandha sfera wisq iktar wiesgħa mill-ġustizzja legali, għax għandha l-għan li toħloq ordni soċjali, li jeżiġi l-impenn mhux biss soċjali tal-leġiżlatur, iżda wkoll il-kooperazjoni taċ-ċittadini u tal-istituzzjonijiet kollha. Il-ġustizzja tikkonċerna r-relazzjonijiet taċ-ċittadini mal-ġid komuni, kemm fejn jidħlu d-dmirijiet kif ukoll fejn jidħlu d-drittijiet tagħhom.

Il-ġustizzja soċjali tmexxi liċ-ċittadin, sabiex waqt li jitħarsu l-jeddijiet naturali ta' kull wieħed, huwa jkun jista' jwettaq dmirijietu, u tagħtih dak li jeħtieġ biex jiżviluppa l-personalità tiegħu u jtemm il-funzjoni soċjali li għandu.

**Il-ġustizzja soċjali hija magħmulha minn tliet elementi: in-natura soċjali tal-bniedem, il-konċett ta' soċjetà organizzata tajjeb, u l-għan soċjali tal-ġid materjali, jiġifieri li l-ġid tan-nazzjon għandu jitqassam fost kulħadd, b'mod ġust u kif imiss.**

Il-ġustizzja soċjali tidħol anki fir-relazzjonijiet bejn il-ħaddiema u l-komunità, u għandha quddiemha l-problemi soċjali, kemm dawk tal-pajjiż, bħal ma huma l-assigurazzjonijiet, il-pensjonijiet, id-djar, u r-riformi soċjali, kif ukoll ir-relazzjonijiet bejn in-nazzjonijiet, għalhekk wieħed jista' jitkellem anki fuq ġustizzja soċjali internazzjonali.

**Skont San Tumas, il-ġustizzja soċjali hi l-virtù li għandu jkun hemm fil-mexxejja, bħal "arkitetti" jew bennejja tal-ġid komuni, bl-attività tagħhom li jgħassu, jħeġġu u jikkontrollaw l-andament tas-soċjetà; jeħtieġ li jkollhom ukoll din il-virtù tal-ġustizzja soċjali, ċ-ċittadini bħala amministraturi u dawk li jużaw il-ġid li għalih għandhom jedd. Bħal eżempju nistgħu ngħidu li l-mexxejja jibnu d-dar u l-poplu jgħix fiha u jużaha sewwa.**

*L-edukazzjoni għall-ġustizzja*

Is-Sinodu tal-Isqfijiet fl-1971, jgħallem li "l-ewwel edukazzjoni għall-ġustizzja, tingħata qabel xejn fil-familja. Nafu tajjeb li għal dan, jgħinu mhux biss l-istituzzjonijiet tal-Knisja iżda wkoll l-iskejjel, it-*trade unions*, u l-partiti politiċi." **L-ewwel kundizzjoni biex isseħħ l-edukazzjoni għal ġustizzja huwa r-rispett lejn il-persuna umana u d-dinjità tagħha. Aħna nitħarrġu fil-virtù tal-ġustizzja, billi nobdu l-liġi u nappoġġjaw il-ġid komuni f'soċjetà ġusta, kif ukoll billi nħarsu, nirrispettaw il-jeddijiet, il-fama u l-propjetà ta' l-oħrajn, anki billi nitkellmu dwarhom skont il-verità. Jeħtieġ ukoll li ma nqarrqux bil-proxxmu tagħna u li nimxu miegħu onestament.**

Fit-taħriġ tal-virtù tal-ġustizzja, tidħol ukoll il-ħidma għall-paċi għaliex l-inġustizzja hija dejjem għadu tal-paċi, u jkun jaħdem għall-paċi min iħabrek biex jonqsu u jiġu eliminati l-inġustizzji.

*Sintomi ta' soċjetà inġusta*

Is-soċjetà nsejħulha inġusta meta sezzjoni tal-komunità tkun sfruttata sistematikament fl-interess ta' xi sezzjoni oħra iktar għanja u potenti jiġifieri li għandha aktar ġid u saħħa. Għad li għandna nużaw kull mezz leġittimu biex is-soċjetà tkun liberata mill-inġustizzji, aħna nafu li minħabba d-dnub oriġinali, kull soċjetà minn aspett jew ieħor dejjem jibqa' fiha xi nuqqasijiet ta' ġustizzja u qatt ma hi għal kollox perfetta qabel ma tasal u sseħħ fiha s-Saltna t'Alla.

Id-dokument tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet tas-Sinodu 1971, jagħmel dan l-ilment: "**Aħna naraw fid-dinja għadd ta' inġustizzji li jifformaw il-qalba tal-problemi tallum u biex jinħallu jeħtieġ it-taħbit u l-piż tar-responsabbiltà tas-soċjetà, fuq il-livelli kollha saħansitra fuq il-livell tas-soċjetà dinjija** li qegħdin nersqu lejha f'dan l-aħħar kwart tas-seklu għoxrin." Id-dokument isemmi wkoll xi wħud mill-vittmi ta' l-inġustizzji, bħalma huma l-emigranti, ir-rifuġjati, l-ippersegwitati, il-priġunieri politiċi u dawk li qegħdin isofru minn xi għamla ta' vjolenza.

"Il-fatt li l-bnedmin kollha għandhom dinjità ndaqs għandu jwassal biex ikun hemm qagħda ta' ħajja iktar ġusta u aktar tixraq lill-bniedem. **Id-differenzi ekonomiċi u soċjali kbar li jeżistu bejn il-membri jew il-popli kollha tal-familja waħda tal-bnedmin huma skandlu kbir. U huma kuntrarji għall-ġustizzja soċjali, għall-ekwità f'kollox, għad-dinjità tal-persuna umana, u ukoll għall-paċi soċjali u internazzjonali**" (*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 1938).

*(jissokta)*

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

Cafe & Wine Bar
KAPUTA
Pizza & Local Dishes
60 St. Joseph Square Qala, Gozo,
Tel: 27201355, Mob: 99272074




# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(It-Tlieta u Għoxrin Parti )*

## *IX-XOGĦOL TAL-BIZZILLA F'GĦAWDEX (1)*

**Jekk hemm sengħa partikulari marbuta b'mod intimu u speċjali mal-gżira Għawdxija, din hija l-industrija tal-bizzilla. Naħseb li ftit huma dawk l-Għawdxin li ma kellhomx lil xi ħadd fil-familja jew qarib tagħhom li kien jaħdem il-bizzilla. Għax il-bizzilla dari kienet għajn ta' qligħ tal-flus, l-iżjed għan-negozjanti, imma wkoll, għalkemm ħafna inqas, għal min jaħdimha.**

Qabel xejn x'inhi l-bizzilla? Il-bizzilla hija drapp, minflok maħdum bit-tilar tan-newl, ikun maħdum jew bil-labar, inkella biċ-ċombini, u li jkun fih disinni partikulari, skont kif isir ix-xogħol. Hemm bizzilla li tinħadem bil-labar u hemm dik li tinħadem biċ-ċombini. Fil-każ ta' bizzilla li tinħadem bil-labar, ix-xogħol isir b'ħajta waħda. Fil-każ ta' bizzilla li tinħadem biċ-ċombini, din tinħadem b'ħafna ħjut skont kemm ikun hemm ċombini.

F'din il-kitba m'aħniex se nitkellmu mill-bizzilla li tinħadem bil-labar, imma minn dik li tinħadem biċ-ċombini fuq l-imħadda jew fuq it-trajbu.

### *Għodda u materjali meħtieġa*

Qabel ma nitkellmu fuq ix-xogħol proprju tal-bizzilla, naraw liema għodod u liema materjali jkunu meħtieġa biex ix-xogħol ikun jista' jsir sewwa.

***Ħajt/ħjut.*** Mingħajr ħajt ma tistax taħdem bizzilla. Hemm diversi tipi ta' ħajt li bihom tista' tinħadem il-bizzilla: ***ħajt tat-tajjar (fil), tal-għażel, tal-ħarir, tal-fidda, tad-deheb, ħajt abjad, ħajt krema, ħajt iswed,*** u rari ***ħajt isfar***. L-aħjar ħajt għall-ġmiel u l-ħeffa huwa l-ħarir għal ilbies li ma jitkagħbarx u ma jinħasilx. Il-***ħajt tal-għażel*** jintuża l-aktar għal ilbies li jitkagħbar u jinħasel. Il-***ħjut tal-fidda u tad-deheb*** iridu paċenzja kbira waqt ix-xogħol u disinn mhux fin wisq għax il-ħjut iridu jkunu rqaq mhux ħażin, jiltwew u ma jitqaċċtux. Disinni b'***ħajt tal-metalli, deheb*** u ***fidda***, aktarx jinħadmu għall-knejjes.

Il-ħajt kien jinżamm f'***irkiekel*** u ***minċotti*** apposta, skont il-ħajt li jkollha bżonn il-mara li taħdem il-bizzilla. Kull negozjant kien ikollu l-ħajt għalih skont liema xogħol kien imexxi.

***L-imħadda*** jew ***it-trajbu.*** Dawn ikunu magħmulin minn biċċiet ta' xkora mimlijin sewwa bit-tiben u meħjutin bid-drapp skont il-forma li wieħed ikun irid jaħdem fuqha. Imbagħad fuq barra jinkullawhom sewwa bil-karti kannella biex il-mara li taħdem il-bizzilla tkun tista' twaħħal id-disinn fuq l-imħadda u anki ddaħħal il-labar fiha waqt ix-xogħol.

Il-forma l-aktar popolari ta' l-imħadda tal-bizzilla hija dik li tkun twila xi tlett ixbar u li min-naħa ta' fuq tkun wiesgħa xi xiber u min-naħa ta' isfel tkun ftit idjaq. Hemm ukoll imħaded li jkunu qishom romblu kbir u li fuq waħda bħal din jistgħu jaħdmu aktar minn waħda.

L-imħadda tal-bizzilla komuni tissejjaħ ukoll ***trajbu*** għax għandha sura ta' tarbija tat-tiben minn dawk li dari kienu jitfgħu fil-ħuġġieġa ta' San Ġwann. It-trajbu tal-bizzilla hawn min isejjaħlu 'bizzilla' u f'dal-każ il-plural tal-kelma huwa ***bziezel***.

***Iċ-ċombini.*** Dawn jistgħu jkunu ta' l-injam jew tal-għadam. Ikunu twal ftit inqas minn xiber jew sitt pulzieri. Iżda għal xogħol differenti tal-bizzilla, hemm ukoll daqsijiet differenti ta' ċombini. Ikollhom ras in-naħa ta' fuq, għonq li jimtela bil-ħajt imkebbeb u n-naħa ta' isfel ikun hemm disinn għall-gost. F'Għawdex iċ-ċombini l-aktar popolari huma dawk ta' l-injam. Kienu jsiru fuq it-torn minn injam tal-lewż, tal-għajnbaqar u ta' siġar oħra. Kien ikun fihom ġmiel ta' disinni, għalkemm jingħad li

ċ-ċombini lixxi kienu aħjar għax jiġbru magħhom inqas trab. Iċ-ċombini żejda kienu jinżammu f'*qoffina* żgħira apposta jew anki *kaxxa*, imsejħa l-*kaxxa taċ-ċombini*.

Dwar iċ-ċombini f'libretti dwar it-tagħlim tal-bizzilla nsibu li l-bizzilli ta' Għawdex jinħadmu b'ħajt, għażel jew ħarir, imkebbeb ħjut ħjut f'ċombini, li jiddendlu b'labra fuq l-imħaded magħmulin għal ta' l-apposta, billi bit-tlett iswaba', l-oħxon, il-werrej u tan-nofs taż-żewġ idejn ta' min jaħdem jiġu mibrumin, jew kif jingħad ukoll milwijin il-fili, magħqudin flimkien u spiss meħmużin b'labar tar-ras fuq id-disinn kif jitlob ix-xogħol. Għalkemm il-għażel u l-ħarir huma wkoll ħajt, fi lsien il-Għawdxin il-kelma ħajt tiftiehem ħjut tat-tajjar, u għalhekk tingħażel minn tal-għażel u minn tal-ħarir.

***Ir-Raddiena.*** Din kienet raddiena apposta biex biha jimlew iċ-ċombini bil-ħajt. Ir-raddiena kienet trid tkun waħda tajba biex iċ-ċombini jimtlew watjin u sewwa ħalli waqt ix-xogħol ma jittantawx.

***Labar tar-ras.*** L-aħjar labar tar-ras kienu dawk b'rashom xi ftit kbira u kkulurita. Il-labar żejda, il-mara li taħdem kienet iżżommhom imwaħħlin f'*kuxxinett*, li kien ikun qisu mħadda żgħira taċ-ċarruta li kienet tħitu l-mara stess.

***Xifa,*** jew ***splengun*** biex bihom isir it-titqib meta u fejn ikun hemm bżonn.

***Imqass.*** Il-mara kien ikollha wkoll imqass żgħir għal meta jkollha bżonn taqta' xi ħajta.

***Disinni.*** Il-bizzilla tinħadem fuq id-disinni. Hemm disinni komuni li fuqhom tinħadem bizzilla li meta tkun lesta tinħat ma' drappijiet oħra skont il-ħtieġa: puntina u finimenti, u borduri. Hemm ukoll disinni għall-bizzilla ta' l-ordni, meta xi ħadd jordna biċċa bizzilla għal xi użu partikulari, imkatar, ilbies, għenuq, *doilies*. Kull negozjant kellu d-disinni tiegħu u l-ħajt tiegħu skont liema xogħol kien imexxi u jordna.

***Investa kbira*** jew ***biċċa drapp nadifa.*** Din tintuża biex biha titgħatta l-imħadda jew it-trajbu bil-bizzilla u ċ-ċombini meta l-mara ma tkunx taħdem biex kollox jibqa' nadif. Fix-xogħol tal-bizzilla l-indafa hija importanti ħafna għax ħafna mill-bizzilel li jinħadmu ma jkunux jistgħu jinħaslu biex jindafu.

### *X'inhi l-bizzilla?*

**Skont Consiglia Azzopardi, esperta f'din is-sengħa, ix-xogħol tal-bizzilla huwa xogħol ta' l-insiġ fuq disinn bil-ħajt jew aħjar xogħol minsuġ bit-tislib taċ-ċombini skont id-disinn meħmuż bil-labar fuq it-trajbu u**



**prodott finali jiġi jixbah lir-rakkmu, bid-differenza li filwaqt li r-rakkmu jibqa' mwaħħal mad-drapp, il-bizzilla tinqala' għaliha minn mad-disinn. Mela, il-bizzilla hi għamla ta' drapp maħdum għal skop ta' tiżjin, minsuġ ħajta ħajta, taħt forma ta' punti diversi imma li kollha jinħadmu billi tilwi u/jew issallab il-ħajt.** Dawn il-punti sbieħ joħolqu disinn fin-nisġa tal-bizzilla u, naturalment, biex disinn bħal dan jinħadem u jitqassam tajjeb, il-mara li taħdmu trid tkun tas-sengħa. Xi punti speċjali huma dawn: **ċumbatur,** pont li jinħadem b'erba' ħajtiet fil-bizzilla taċ-ċombini u li jiġi qisu malja; **moska,** punt karatteristiku tal-bizzilla ta' Malta u Għawdex li jinħadem b'erba' ħajtiet.Il-moski kienet bdiethom Marjanna bint l-ispettur tal-Pulizija u ġuljanist Feliċ Attard u kompliethom oħtha Ġinesja. Sistemi oħra huma tat-**tornetti** u t-**tejjel** (sing. tila). Hemm ukoll is-sistema tal-**festuni**.

Bċejjeċ ta' bizzilla differenti maħdumin u lesti jissejħu ***bizzilli*** jew **bizzilel**. Il-mara kienet ħafna drabi taħdem għal iktar minn negozjant wieħed biex fil-każ li jfalli wieħed tkun tista' tibqa' taħdem ma' l-ieħor.

*(Jissokta)*


# Imperial Eagle

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**

Gozo Truck Transport

Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

*Esperjenza*

# *Pellegrinaġġ Nazzjonali għal Fatima u Santiago de Compostela organizzat mid-Djoċesi t'Għawdex u mmexxi mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof t'Għawdex*



*kitba ta'* MARY XUEREB

Kull nisrani veru, matul il-ħajja tiegħu, ikollu xewqa li jagħmel vjaġġ lejn post qaddis bil-għan li jagħti iktar sens lill-mixja tal-ħajja tiegħu li bħall-pellegrinaġġ trid twasslu fil-belt tiegħu, is-Sema. Bejn il-25 t'Awwissu u l-1 ta' Settembru 2009, 70 pellegrin Għawdxi flimkien ma' 70 pellegrin Malti mmexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof t'Għawdex ingħaqdu flimkien biex jagħmlu esperjenza ta' pellegrinaġġ ġewwa Fatima fejn Ommna Marija dehret lil Franġisku, Ġaċinta u Luċija, tlett itfal ragħajja u li permezz tagħhom xtaqet twassal messaġġ ta' paċi lid-dinja kollha. Kellna x-xorti wkoll li nżuru Santiago de Compostela, il-Belt fejn skont it-tradizzjoni, instabu l-fdalijiet tal-Appostlu San Ġakbu.

**• *Fatima b'messaġġ attwali***

Ma kienx hemm post ġewwa Fatima li fi ftit ġranet li kellna għad-dispożizzjoni ma żorniex għax kellna programm mimli daqs bajda. L-ewwel ġurnata kienet iffokata ġewwa Fatima fejn il-pellegrini żaru s-Santwarju tal-Madonna u għamilna d-devozzjonijiet tagħna fil-kappella tad-Dehriet, il-post fejn il-Madonna dehret għall-ewwel darba ġo Fatima nhar it-13 ta' Mejju 1917. Wara mmeditajna it-Triq tas-Salib. Kien hawn li rajna il-post fejn deher l-Anġlu tal-Paċi lit-tlett itfal u l-post fejn il-Madonna dehret fir-raba' dehra. Imbagħad morna Valinhos u Aljustrel il-post fejn kienu jgħixu t-tfal ta' Fatima u rajna d-djar ta' Luċija, Franġisku u Ġaċinta. Żorna wkoll il-knisja parrokkjali fejn ġew mgħammda t-tfal filwaqt li ġeddidna l-wegħdiet tal-Magħmudija. Qrib din il-knisja hemm ukoll iċ-ċimiterju fejn huma midfuna l-ġenituri tagħhom.

Fil-ġranet li segwew żorna diversi postijiet oħra kemm reliġjużi u kemm kulturali fosthom il-Bażilika fejn huma midfuna t-tlett itfal ta' Fatima, il-Monasteru Dumnikan ta' Santa Maria de Victoria f'Batalhà, il-Monasteru Gotiku ta' Santa Marija ta' Alcobaca mibni mir-Re Alfonsu I, il-Knisja ta' Santa Maria de Nazarè, il-knisja fejn hemm il-miraklu Ewkaristiku tat-XIII-il seklu ġewwa Santarem, il-knisja u l-post fejn twieled Sant'Antnin ta' Padova, il-katidral ta' Lisbona, il-Bażilika ta' Estrela, il-Monasteru ta' Jeronimo, l-istatwa impotenti ta' Kristu Re ġewwa Lisbona, il-knisja tat-Trinità li nbniet fiż-żona tas-Santwarju ta' Fatima, il-kastell tat-Templari u l-kunvent tal-Ordni tal-Kavallieri ta' Kristu, żewġ postijiet storiċi ġewwa l-belt ta' Tomar u l-Katidral ta' Sè u l-Knisja ta' Santa Klara ġewwa Porto.

Kull post li żorna seta' jħalli fina messaġġ biex inġorruh u ngħixuh f'ħajjitna għax ma kull post hemm marbut messaġġ li wieħed jista' jaqra.

**• *Santiago de Compostela u ċensier enormi***

L-aħħar jum ta' dan il-pellegrinaġġ għaddejnieh ġewwa l-belt ta' Santiago. Wara Ruma u Ġerusalemm, din hija t-tielet l-iktar belt li fiha jmorru pellegrini biex iżuruha. Sa mit-XII-il seklu, meta nbena l-katidral attwali, miljuni ta' pellegrini għamlu 'l hekk imsejjaħ *Camino de Santiago*, fost l-oħrajn San Franġisk t'Assisi u l-Papa Ġwanni Pawlu II. F'moħħ il-pellegrini tibqa' x-xena ta' ċensier kbir li l-Isqof tagħna kellu x-xorti jpoġġi l-inċens li mela l-knisja kollha waqt li b'forza kbira 8 irġiel imbuttawh biex jinċensa lill-knisja kollha.






• ***X'ser jibqa' minn dan il-pellegrinaġġ nazzjonali?*** Għalkemm il-programm kien mimli bi żjajjar f'postijiet ta' interess kulturali, madankollu l-esperjenza spiritwali kienet iċ-ċentru ta' dan il-pellegrinaġġ. Ta' min jinnota li ta' kuljum kien Mons. Isqof li jmexxi l-Konċelebrazzjonijiet flimkien ma' disa' saċerdoti oħra li kienu qed jieħdu sehem magħna fil-pellegrinaġġ. Il-messaġġi tiegħu kienu jgħinu lill-pellegrini jirriflettu s-sitwazzjoni preżenti tal-ħajja tagħhom.

Il-quddiesa *De Angelis* li kienet tiġi esegwita, kienet tkompli tgħin lil dawk preżenti jidħlu iktar fl-ispirtu ta' talb. Ta' kull filgħaxija konna nieħdu sehem fit-talba tar-Rużarju fil-kappella tad-dehriet u fil-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna ta' Fatima. Okkażjoni unika li nisslet ferħ fil-qalb tagħna kien meta rreċitajna t-talba tar-Rużarju bil-Malti flimkien ma' pellegrini ta' nazzjonalitajiet differenti u meta l-E.T. Mons. Isqof mexxa l-purċissjoni u l-Barka Sagramentali fil-





Kappella tad-Dehriet ta' Fatima. Il-Ħadd filgħodu ssir dik li tissejjaħ il-quddiesa internazzjonali mal-pellegrini ġewwa l-pjazza ewlenija u li għaliha wkoll konna mistednin.

Kienu diversi l-mumenti fejn stajna nitolbu bħala grupp. Apparti l-quddies, kellna mumenti ta' adorazzjoni f'riġlejn Ġesù Ewkaristija li komplew jagħtu timbru lil dan il-pellegrinaġġ. Żgur li jibqa' mmarkat il-mument ta' adorazzjoni ġewwa Santiago de Compostela fejn Mons. Isqof stieden lill-pellegrini biex nitolbu għar-ruħ għażiża ta' Fr. Joshua Muscat waqt it-talba tar-rużarju.

Minkejja li l-grupp kien kbir u konna tliet *coaches*, l-affarijiet imxew ħafna b'mod pożittiv. Kulħadd ta l-għajnuna meħtieġa tiegħu. Nirringrazzja lil Dun Ġwann Sultana, il-koordinatur ta' dan il-pellegrinaġġ li ħadem bis-sħiħ biex stajna ngħixu esperjenza ta' din ix-xorta flimkien mal-għajnuna indispensabbli ta' Fr. Eddie Zammit u Dun Giovanni Curmi li animaw fil-*coaches* rispettivi. Radju Marija wkoll tana l-opportunità li nwasslu sitt kollegamenti li kienu jinkludu aġġornamenti, messaġġi mill-E.T. Mons. Isqof u esperjenzi varji tal-pellegrini preżenti.

Ma tistax tmur pellegrinaġġ mingħajr ma jħalli impatt fuq il-pellegrin. In-nies għall-adorazzjoni fis-skiet, in-nies biex jiċċelebraw is-sagrament tal-qrar, dawk li jmorru għarkopptejhom tul il-pjazza biex jirringrazzjaw jew jitolbu xi grazzja bl-interċessjoni ta' Ommna Marija, in-nies li jinġabru ta' kull filgħaxija biex jitolbu t-talba tar-rużarju, kollha juru fiduċja f'din l-Omm li tinterċedi għalina quddiem Binha Ġesù u lesta tkun qrib dawk li jitolbuha.

**• *Minn tal-ewwel …***

Żgur li dan kien wieħed mill-ewwel pellegrinaġġi nazzjonali ta' din ix-xorta li ta l-possibbiltà biex ikun ta' eżempju għal ħafna organizzaturi ta' pellegrinaġġi għal mod singulari u partikulari li bihom għandhom jiġu organizzati l-pellegrinaġġi lejn il-postijiet qaddisa. Nawguraw li ma jkunx tal-aħħar bħala pellegrinaġġ għaliex l-esperjenza pożittiva u l-ġid spiritwali li wieħed jirċievi ma jintesew qatt!! Inti li qed taqra nistiednek biex ma titlifx li tagħmel esperjenza ta' pellegrinaġġ simili fil-ħajja tiegħek.

RAYMOND CEFAI
TAL-KELBA LTD.
• BUILDING CONTRACTOR
• CRANE &
GENERATOR HIRE

"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.
Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169

Mil-Lenti tat-Telekamera — Esperjenzi miksuba f'pajjiżi tat-Tielet Dinja

# PERNAMBUCO... isem ta' post familjari li jinsab dinja 'l bogħod



kitba u ritratti ta' **ALVIN SCICLUNA**

Fid-diversi artikli u programmi li jiġu ppreżentati fil-medja lokali matul is-sena dwar il-Brażil, kemm-il darba smajna min jikkummenta li minkejja li ġeografikament il-pajjiż huwa wieħed, hemm ħafna brażilijiet. Kollha joffru wċuħ differenti u distinti minn ta' xulxin. Dawn id-differenzi ma nsibuhomx biss fl-ambjent, fin-natura u fl-iżvilupp, iżda wkoll fil-qagħda soċjali tal-abitanti, minkejja li dawn kollha jxejru l-istess bandiera. Tkun din in-nuqqas ta' ugwaljanza li toħloq stat ta' ħajja li aħna ta' spiss nlaqqmu bħala missjoni.

L-avventura tagħna llum qegħdha teħodna fi stat tan-Nordest li huwa relattivament żgħir meta mqabbel ma' reġjuni oħra Brażiljani. Din il-parti tal-Brażil rat żvilupp kbir iseħħ mal-medda tas-snin. Iżda, fl-istess waqt, stajna naraw wiċċ il-faqar u allura napprezzaw il-ħidma tal-missjunarju.

Aktarx li l-isem tal-istat ta' Pernambuco mhuwiex għal kollox ġdid għalina l-Maltin. Mhux l-ewwel darba li smajna b'appelli għal għajnuna ndirizzata lejn ħidma missjunarja f'dan l-istat. Jinsab f'dik il-parti tal-Brażil li hi maħsula mill-oċean Atlantiku u li hi l-iktar qrib tal-Afrika. Il-belt kapitali jisimha Recife u hi waħda mill-ikbar u l-iktar magħrufa f'dan il-pajjiż ġgant tal-Amerika t'Isfel b'iktar minn tlett miljun u nofs abitant. Hija mlaqqma "Venezja tal-Brażil" minħabba l-ħafna kanali li jaqsmuha. Mhemmx għalfejn ngħidu: Recife hi waħda mill-isbaħ bliet tal-Brażil. Iżda, kif jispjegalna Salvu Dimech, Għawdxi li ilu jgħix f'dawn l-inħawi sa mis-sena 1959, teżisti differenza kbira bejn in-Nordest u r-reġjuni t'isfel tal-pajjiż bħal dak tal-Parana li aħna diġà żorna iktar kmieni din is-sena. Skont Dimech, filwaqt li fis-sud tal-pajjiż, inbniet infrastruttura kbira u moderna fuq stil Ewropew, in-Nordest għadu kkaratterizzat minn meded kbar ta' raba fejn jiġu mkabbra l-kannamieli. Din it-tip ta' biedja ftit tħalli spazju biex il-bdiewa żgħar ikabbru wċuħ oħra li huma meħtieġa għall-bilanċ san fl-ikel.





Salvu Dimech, oriġinarjament miż-Żebbuġ Għawdex, ġie l-Brażil fis-sena 1959. Kien żmien meta l-moviment missjunarju lejn dan il-pajjiż minn Monsinjur Jose' Galea minn Sannat, kien qabad l-għeruq. F'dawk is-snin ġew diversi Għawdxin u Maltin sabiex iwettqu ħidma missjunarja fost l-emigranti Ewropej u nies foqra u emarġinati. L-ewwel snin għex il-missjoni bħala reliġjuż. Wara, baqa' attiv. Flimkien ma' John Muscat li wasal f'Pernambuco min-Nadur, huma ħadu ħsieb li jgħallmu l-katekeżi u bdew joħolqu infrastruttura bl-għajnuna li kienet tasal minn pajjiżna. Din il-ħidma għadha sejra sal-ġurnata ta' llum. Kisbu l-fiduċja tan-nies tal-post u ftit ftit bnew koperattiva sabiex it-tfal ta' familji foqra jkunu jistgħu jirċievu edukazzjoni bażika. Fil-ftit siegħat li aħna domna f'Paulista, żorna klassijiet speċjali fejn anke tfal bi problemi jingħataw taħriġ u terapija permezz ta' attivitajiet edukattivi sempliċi u divertenti. Bl-għajnuna li waslet minn Għawdex, Salvu Dimech u John Muscat waqqfu klinika żgħira fejn il-fqar, minkejja li m'għandhomx flus, ikunu jistgħu jinqdew bis-servizzi ta' tabib u dentist. Dimech jistqarr li f'din il-parti tad-dinja, kulħadd huwa intiż mill-qagħda soċjali mħallta li tispikka f'kull rokna tal-post.

Għalhekk, dawk li jistgħu jagħtu milli għandhom, jgħinu sabiex min m'għandu xejn, jingħata l-opportunità li jgħix



ħajja diċenti u li tixraq lill-persuna umana. It-tagħlim jibqa' prijorità u f'dan ir-rigward, iż-żewġ Għawdxin - li llum m'għadhomx żgħar fl-età anke jekk qalbhom hi żagħżugħa - jaħdmu biex iwasslu l-katekeżi, stat ta' fatt li ilhom sejrin bih għal dawn l-aħħar ħamsin sena. Anke l-istess familji tagħhom huma involuti bi sħiħ. Mart Dimech hi kap ta' skola filwaqt li mart Muscat tgħin bla waqfien fil-programm ta' tqassim ta' ikel lill-foqra.

Salvu Dimech u John Muscat jgħixu f'Paulista, subborg kbir li llum jgħodd 'l fuq minn tlett mitt elf abitant. B'differenza għad-distretti sinjuri ta' Recife, f'Paulista niltaqgħu ma' familji ta' klassi medja u fqira.

Fiż-żoni li fihom dawn iż-żewġ Għawdxin iwettqu ħidma soċjali volontarja, stajna ninnutaw in-nuqqas ta' infrastruttura xierqa, b'mod speċjali fit-toroq. Dan minkejja l-fatt li wara l-bibien magħluqa, id-djar tal-klassi medja huma sbieħ u komdi. Iżda, kif nisimgħu jingħad ta' spiss, l-ewwel li tiekol hija l-għajn... u f'Paulista, id-dehra ta' toroq mhux asfaltati f'malajr twarrab kull forma ta' ħolm jew illużjoni.

Mhux il-bogħod minn dawn l-inħawi, żorna l-belt qadima ta' Olinda li toffri kuntrast tabilħaqq kbir. L-istess isem li għandha, jixhed is-seħer tal-belt kolonjali. Il-parti storika hija meqjusa bħala wirt dinji mill-Unesco. Twaqqfet bħala raħal fis-sena 1535 u rat storja mqallba fejn it-tribù tal-post sfaw maħkuma mill-Franċiżi, Olandiżi u Portugiżi.

Fil-ħidma li Salvu Dimech u John Muscat iwettqu fost il-fqar u l-familji fil-bżonn, hija fundamentali l-għajnuna li huma jirċievu minn pajjiżna. Jirringrazzjaw lill-għaqdiet kollha missjunarji f'Malta u f'Għawdex li qatt ma jinsewhom meta jqassmu l-flus li jirċievu bħala għajnuna għall-missjoni. Iżda, jirringrazzjaw lill-Moviment Missjunarju Ġesù Fil-Proxxmu li jaħdem bla waqfien f'din il-parti ta' Pernambuco. Salvu Dimech stqarr li kienet kumbinazzjoni li ltaqa' ma' Dun Ġorġ Grima meta darba kien qed iżur lil Għawdex u sar jaf bih fuq il-vapur ta' bejn il-gżejjer. Stieden lil Dun Ġorġ iżur din il-parti tal-Brażil u minn dakinhar, l-għajnuna u l-kollaborazzjoni ma waqfet qatt. Stajna naraw b'għajnejna ċ-ċentri soċjali mibnija bil-flus li waslu minn Malta u minn Għawdex, l-ikel li jingħata ta' kuljum lit-tfal fqar kif ukoll il-*hampers* ta' ikel bħar-ross, għaġin, *mais* u ħalib li jitqassmu b'mod regolari lill-familji l-aktar fil-bżonn. Trid tkun hemm biex tintebaħ li l-għotjiet tagħna, anke jekk modesti u żgħar, jissarrfu f'għajnuna li ssostni lil mijiet ta' nies.

Fl-istati tal-Parana u San Paolo, stajna nosservaw il-kontribut li l-awtoritajiet taw lill-għaqdiet mhux governattivi mpenjati f'ħidma ta' volontarjat. F'Paulista, minkejja li l-awtoritajiet ma kkontribwewx fit-twaqqif tal-infrastruttura li aħna żorna, tingħata għajnuna sabiex skejjel jibqgħu miftuħa u tfal li ġejjin minn familji foqra jieklu platti sħan, sustanzjużi u diċenti. Salvu Dimech jistqarr li tant hemm bżonn ta' għajnuna li l-awtoritajiet jippreferu jinvestu l-flus fi proġetti li jirrendu l-aktar. Iżda l-proġetti maħluqa minn flus li waslu minn pajjiżna llum huma rikonoxxuti mill-awtoritajiet tal-post li fejn jistgħu, joffru daqqa t'id.

Salvu Dimech ilu ħamsin sena jgħix f'Pernambuco. Iżda lil Għawdex ma nsieh qatt. Kull tant żmien, meta jħoss is-sejħa, isib ħin biex iżur raħal twelidu, iż-Żebbuġ, fejn jiltaqa' ma' familjari u ħbieb, u fejn ikun jista' jara mill-ġdid id-dehriet sbieħ tal-madwar fejn trabba u kiber ftit iktar minn nofs seklu ilu. Meta tkellimna miegħu dwar raħal twelidu, għajnejh xegħlu b'tifkiriet tal-għolja ta' Kuljat. Jistqarr li baqa' f'kuntatt kontinwu ma' familjari u ħbieb.

Din ta' Pernambuco kienet żjara li permezz tagħha stajna naraw mill-qrib il-ħidma li qed titwettaq mill-missjunarji lajċi. Ta' spiss, il-kelma missjoni nassoċjawha ma' reliġjużi. Iżda anke fejn teżisti rieda tajba u altruiżmu lejn min jinsab fil-bżonn, il-lajċi kapaċi jkunu missjunarji mill-aqwa, kif għallmuna Salvu Dimech u John Muscat fl-istat ta' Pernambuco.

*Alvin Scicluna hu l-producer u d-direttur tal-programm* ***Għawdex Illum*** *li minn żmien għall-ieħor itella' dokumentarji televiżivi minn artijiet imbiegħda tal-missjoni sabiex iwassal il-messaġġ ta' ħbiebna l-missjunarji lill-poplu ta' Malta u Għawdex.*

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE
FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

*APPREZZAMENT*

# Dun Joshua Muscat

07-02-1982 - 31-08-2009



Forsi misteru tal-kif u għaliex! 'Miskin! Fr Joshua ħalliena...!'. Hekk lissnu ħafna, tnikktu, u waqfu hemm. U ma fehmux il-preżenza tal-Misteru fil-misteru tal-ħajja... Biex nifhmu l-misteru fil-ħajja qasira ta' Dun Joshua, irridu nagħmlu qabża mhux żgħira fil-moħħ ċkejken tagħna. L-esperjenza li għex fuq l-art, hi waħda li iktar tappartjeni lid-Divin milli lill-bnedmin. Għax il-Misteru tad-Divin jista' jidher aktar ċar fil-misteru tad-dgħufija umana.

U sakemm aħna ma nsirux safja bħat-tifel żgħir tal-Vanġelu, ma nifhmu xejn minn dak li għadda minnu Joshua speċjalment fl-aħħar sena u erba' xhur tal-ħajja tiegħu, żmien il-kalvarju li Alla, fil-pjan ta' l-imħabba tiegħu, ħejjielu sa mill-eternità... għax ħabbu bħal ma ħabb lil Ibnu l-Waħdieni.

Ikun wisq fqir il-profil tiegħu kieku kellna nħarsu lejh prinċipalment bl-għajnejn umani, bħala ġrajja kronoloġika u daqshekk; Dun Joshua jixraqlu profil ieħor, li jixhed għan-nobbiltà tal-karattru tiegħu, għall-ġenwinità tal-persuna tiegħu, għall-qdusija ta' ruħu. Dun Joshua, aktar milli tagħna, kien rigal speċjali ta' Alla lilna.

Tnax-il sena ta' konoxxenza, mill-preseminarju fejn kont għalih direttur tal-ħajja, sal-jum tal-mewt fejn hu kien għalija direttur tar-ruħ, mhux biss bix-xhieda imma wkoll bil-kelma. Niftakar mument partikulari fejn f'ċarezza interjuri kbira, bil-ftit vuċi li kien baqagħlu, spjegali kif għandi nagħmel, akkost ta' kollox, ir-rieda ta' Alla, hu li tagħha kien sar espert bil-fatti. Għalhekk kien kapaċi jsir offerta safja u sħiħa f'żogħżitu!

Kliemu u ħajtu kienu saru ħaġa waħda, ħajtu kienet titkellem u kliemu kien jixhed. Bħal Kristu, li meta ma seta' jagħmel xejn iktar, għamel l-ikbar opra, il-fidwa, hekk Joshua minn fuq is-sodda tal-mewt ta ħajtu għall-ħajja ta' bosta. Fi ħsieb Mons Isqof, waqt l-omelija tal-funeral kbir tiegħu, Joshua rnexxielu jinterpella l-kuxjenza lajka dwar is-sens veru tal-ħajja. U dan huwa wieħed mill-ikbar frott li saċerdot jista' jagħmel, għax mentalità ma tibdilhiex kif ġieb u laħaq. Mhux ta' b'xejn it-tnehida ta' Ġesù: 'Għandhom għajnejn u ma jarawx...'.

Ma naħsibx li kien diffiċli għall-Mulej li jtennilu: 'Ejja qaddej għaqli u fidil, idħol fil-ferħ ta' Sidek'. U dan għaliex, jekk kien hemm karatteristika li tiddistingwi lil Dun Joshua, din kienet id-doċilità tiegħu, għal dak li hu tajjeb, sabiħ, veru, prezzjuż... tassew dak kollu li aħna nattribwixxu lil Alla kien jidher f'wiċċ Joshua. Joshua kien miġnun fuq Alla! U dan Alla kien jafu u għalhekk sejjaħlu, imma qabel ħadu riedu jduq l-esperjenza sagrifikali ta' Ibnu l-Maħbub!

Niftakar bosta mumenti fejn konna kważi nintilfu nitkellmu fuq Alla u hu jisma' u jixrob qisu sponża bil-għatx. Sa l-aħħar jiem, fejn darba minnhom il-preżenza ta' Alla kienet tant qawwija fil-kamra tiegħu li ndunajna iktar biha milli bil-limiti umani tal-marda tiegħu – li kienet avanzat sewwa – u tad-diqa tal-firda, li konna nafu li kienet imminenti. F'qalbna kien hemm il-milja, espressa f'kommozzjoni kbira u nazzarda ngħid, f'ferħ... forsi tas-Sema. Dik il-kamra ċkejkna ma kinitx ambjent kiefer ta' mewt, għax il-mewt kienet ġa mirbuħa... Il-kamra mtliet bl-atmosfera ta' dak il-Misteru li San Pawl kien raħ u ddeskrivih f'sitt kelmiet: 'X'lesta Alla għal dawk li jħobbuh!'.

***Dun Joe Zammit***
***Arċipriet tal-Qala***




*Passiġġata Biblika - 49*

*"Kull ma ġara lili safa biex jiġi aktar 'il quddiem l-Evanġelju" (Filippin 1:12).*

# Mil-Liġi Fariżajka għal-Liġi ta' Kristu L-Evanġelju li xandar San Pawl

minn Fr. Charles Buttigieg

### *Il-Ġrajja tal-Konverżjoni*

Sawlu ta' Tarsu kien bniedem intelliġenti u mimli ħeġġa, imħarreġ taħt il-Liġi tal-Fariżej. Imma fil-fond ta' qalbu kien għadu ma skopriex il-verità sħiħa ta' Kristu bħala t-Triq, il-Verità u l-Ħajja. Kien proprju f'din il-fehma ta' persekuzzjoni li ltaqa' ma' Ġesù Kristu fi Triq ta' Damasku: "Huwa u sejjer, kif qorob lejn Damasku, f'daqqa waħda idda madwaru dawl mis-sema. Waqa' fl-art u sema' leħen igħidlu: 'Sawl, Sawl! Għaliex qiegħed tippersegwitani?' Hu wieġeb: 'Min int Mulej?' u l-leħen wieġbu: 'Jiena Ġesù, li int qiegħed tippersegwitah.' (Atti 9:3-5; ara ukoll Atti 9:1-20; 22:1-21; 26:2-23; Gal 1:11-17; Fil 3:4-17; 1 Tim 1:12-16 u Rum 7:7-25). Din il-laqgħa ma' Kristu, tbiddel b'mod radikali l-ħajja ta' Pawlu. Esperjenza tassew kbira li ħalliet influss kbir fuq it-tixrid tal-Kristjaneżmu.

Din l-esperjenza għal Pawlu timplika żewġ sejħat profondi. L-ewwelnett is-sejħa personali tiegħu għall-konverżjoni u t-tieni nett is-sejħa bħala appostlu ta' Kristu. Huma ħafna l-interpretazzjonijiet varji ta' din il-ġrajja ta' Damasku li ngħataw matul is-snin; tradizzjonalment l-istudjużi jħarsu lejn din l-esperjenza ta' Pawlu bħala ġrajja ta' konverżjoni, oħrajn però bħal K. Stendahl sostnew li hija sejħa, iktar milli bħala konverżjoni, għaliex skont dan, Pawlu ma bidilx ir-reliġjon tiegħu. Illum bosta biblisti jħarsu lejn din il-ġrajja bħala mument ta' konverżjoni u sejħa bħala appostlu. Dan huwa l-mod l-iktar komplut li jiddeskrivi din il-ġrajja ta' Pawlu fit-triq ta' Damasku, fejn huwa ġie msejjaħ għall-konverżjoni, l-ewwelnett dik tiegħu sabiex imbagħad ukoll huwa jikkonverti lill-oħrajn: "Pawlu qaddej ta' Kristu Ġesù, imsejjaħ biex ikun appostlu, maħtur għall-Evanġelju ta' Alla" (Rum 1:1). L-Imħabba ta' Alla ssuq lil Pawlu għad-dawl tal-verità: "Ma tafx li b'din il-ħniena tiegħu Alla jrid iwasslek għall-indiema?" (Rum 2:4).

### *Esperjenza Paskwali*

Żgur li għal Pawlu l-ġrajja ta' Damasku, kienet bidla kbira, konverżjoni fil-ħsieb tiegħu (bil-Grieg: *metanoia*) ta' kif iħares lejn il-Liġi u l-Kelma ta' Alla fl-Antik Testment mhux iktar bil-lenti fanatiku tal-fariżej imma bil-lenti ta' Kristu, il-Messija li l-Lhud kienu għadhom qed jistennewh. Il-ġrajja ta' Damasku kienet tassew esperjenza ta' mogħdija, passaġġ (bl-Ebrajk: *pesach*), magħmudija mill-bniedem il-qadim għal dak ġdid, u għalhekk għalih kienet tassew l-esperjenza tal-Għid, esperjenza paskwali, kienet laqgħa ma' Kristu Rxoxt: "Ma tafux li aħna li tgħammidna fi Kristu, tgħammidna fil-mewt tiegħu? Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-magħmudija sabiex kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida" (Rum 6:3-4). F'din il-laqgħa ma' Kristu, miet il-bniedem il-qadim ta' Sawlu u qam il-bniedem ġdid ta' Pawlu. Esperjenza ta' dawl ġdid, li tissarraf fil-ħidma fejjieda tiegħu li jxandar akkost ta' kollox dan il-feħ ta' l-Evanġelju tal-Messija rebbieħ fuq il-mewt darba għal dejjem (ara 1 Kor 15:1-8).

Għalhekk din il-ġrajja timplika s-sejħa ta' Pawlu għall-konverżjoni fl-ideat tiegħu bħala fariżew u fuq kollox is-sejħa sabiex ikun l-appostlu tal-ġnus u fuq kollox appostlu ta' Kristu (ara 1 Kor 1:1). Dak li qabel kien: "dagħaj, persekutur u żeblieħi tiegħu" (1 Tim 1:13) issa Kristu sar kollox għalih: "Għalija l-ħajja hi Kristu" (Fil:1:21); "Dak kollu li għalija kien qligħ (bil-Grieg: *kerdos*), jien għaddejtu bħala telf (bil-Grieg: *zemia*) minħabba Kristu. Jiena ngħodd kollox bħala telf ħdejn il-qligħ kbir li hemm filli nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi; minħabba fih ridt li nitlef kollox, u ngħodd kollox bħala knis (bil-Grieg: *skubalon*) biex nirbaħ lil Kristu, u nkun ninsab fih" (Fil 3:7-9). Mela dak li qabel għal Pawlu kien tant importanti għalih biex jgħix, issa sar għalih ta' telf anzi ta' ħsara, saħansitra bħala knis u ħmieġ jew 'żibel' kif tfisser eżattament il-kelma Griega '*skubalon*'. Pawlu jwarrab dan kollu biex issa jimtela bi Kristu. Pawlu jħossu għalhekk salvat minn Kristu, Kristu li ħatfu sabiex issa huwa jaħtaf lil Kristu għall-oħrajn: "Inross 'il quddiem biex naħtaf dan, bħalma Kristu Ġesù ġa ħataf lili" (Fil 3:12). Huwa għalhekk isir dik l-għodda jew strument tassew magħżul minn Alla għax-xandir tal-Evanġelju ta' Kristu: "Kull ma ġara lili safa biex jiġi aktar 'il quddiem l-Evanġelju" (Fil 1:12); u "Jien magħżul biex niddefendi l-Evanġelju" (Fil 1:16).

### *Il-Missjunarju ta' l-Evanġelju ta' Kristu*

Wara l-konverżjoni u s-sejħa tiegħu, Pawlu jsir ħolqien ġdid fi Kristu, 'irxoxta' billi tgħammed minn Ananija wara tlitt ijiem 'midfun fid-dlam', u mar jagħmel żmien irtirat fid-deżert fl-Arabja fejn kellu diversi rivelazzjonijiet. Lura f'Damasku kellu jaħrab fejn riedu joqtluh u mar Ġerusalemm għal ħmistax-il ġurnata fejn iltaqa' ma' Pietru u d-dixxipli. Iżda anke hawn kellu jaħrab u għalhekk mar Tarsu. Hawnhekk San Pawl jagħmel diversi snin ta' silenzju, żmien twil ta' purifikazzjoni u meditazzjoni, jipprepara għall-ministeru tiegħu. Huwa proprju wara madwar għaxar



snin (is-snin il-moħbija ta' San Pawl) li jitfaċċa Pawlu l-missjunarju ta' l-Evanġelju ta' Kristu, li sa minn meta għamel l-ewwel vjaġġ missjunarju minn Antijokja fis-Sirja fis-sena 45 W.K. sal-martirju tiegħu ġewwa Ruma, ħadem, bata u stinka kemm felaħ biex ixandar lil Kristu Msallab u Rebbieħ: "...Tliet darbiet rajt il-għarqa; għaddejt lejl u jum f'nofs il-baħar. Għamilt safar bla għadd; sibt ruħi f'perikli ta' xmajjar, perikli mill-ħallelin, perikli min-nies ta' ġensi, perikli mill-pagani, perikli fl-ibliet, perikli fid-deżert, perikli fil-baħar..." (2 Kor 11:25-26).

Din hija l-Aħbar it-Tajba (bil-Grieg: *euangelion*) li jrid ixandar San Pawl, il-proklamazzjoni (bil-Grieg: *kerygma*): "li Kristu miet għal dnubietna, skont il-Kitba, u kien midfun u qam it-tielet jum skont il-Kitba, u deher lil Kefa, imbagħad lit-Tnax. Imbagħad deher lil aktar minn ħames mija aħwa f'daqqa, li ħafna minnhom għadhom ħajjin sal-lum, oħrajn mietu. Imbagħad deher lil Ġakbu, imbagħad lill-appostli kollha. Fl-aħħarnett deher lili, bħala rimi" (1 Kor 15:3-7).

Dan huwa mela l-Evanġelju, li għalih ġie msejjaħ San Pawl sabiex ixandar, huwa l-Evanġelju Ħaj ta' Kristu: "Imma meta Dak li għażilni sa minn ġuf ommi, u li sejjaħli permezz tal-grazzja tiegħu, għoġbu jirrivelali lil Ibnu biex inħabbru fost il-ġnus..." (Gal 1:15-16). Huwa l-Evanġelju li jissupera l-liġijiet tal-bnedmin għaliex huwa ġej minn Alla li jrid is-salvazzjoni ta' kulħadd. Huwa l-Evanġelju li jxandar lil Kristu Rxoxt u għalhekk San Pawl irid iwassal din il-verità ta' ħelsien li ġab il-qawmien mill-mewt ta' Kristu: "Ngħid għalija ma jkun qatt li niftaħar jekk mhux bis-salib ta' Sidna Ġesù Kristu..." (Gal 6:14). Dan huwa mela l-iskop ta' l-Evanġelju li xandar San Pawl, sabiex nikbru fil-fidi u nagħrfu lil Kristu, kif qalilna l-Papa Benedittu XVI fl-Udjenza Ġenerali tat-2 ta' Lulju 2008: *"...imparare da san Paolo, imparare la fede, imparare il Cristo."*

***Biblijografija***


BRUCE, F.F., *Paul. Apostle of the Heart set Free*, Grand Rapids (MI) 1977.

BUCKLEY, T.W., *Apostle to the Nations. The Life and Letters of St. Paul*, Boston (MA) 1981.

*Dizionario di Paolo e delle sue Lettere*, G.F. HAWTHORNE - R.P. MARTIN - D.G. REID (eds.), Torino 2000.

GHIDELLI, C., *Un Anno con San Paolo*, Lettera dell'Arcivescovo di Lanciano – Ortona per l'anno dedicato a San Paolo, Torino 2008.

GIORDANI, I., *St. Paul. Apostle and Martyr*, Boston (MA) 1981.



**LUMEN CHRISTI BOOKSHOP**

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

*Fil-għodu: 10.00am - 1.00pm Fil-għaxija: 6.00pm - 9.00pm*



*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*



**Għawdex Qabel ir-Ritratti (18)** minn **JOHN CREMONA**

# Bejn sema u ilma għall-mediċina mirakoluża



*Vue de l'Ecueil aux Champignons.*

Fil-bidu ta' din is-sensiela ta' artikli kont għedt li wieħed mill-aktar suġġetti popolari wara l-Ġgantija fost dawk li ħallewlna inċiżjonijiet ta' Għawdex hija l-Ġebla tal-Ġeneral fid-Dwejra. Il-lum qed nuri l-ewwel inċiżjoni li qatt saret ta' dan il-post magħruf u mfittex sal-ġurnata tal-lum. L-inċiżjoni hija meħuda minn waħda mill-akbar u l-aktar ġabriet importanti ta' veduti ta' Malta u Għawdex li ġew ippubblikati bħala inċiżjonijiet bejn is-sekli tmintax u dsatax.

Naħseb li din hija l-ewwel pittura li qatt saret jew għall-anqas li nafu biha tal-Ġebla tal-Ġeneral. Saret mill-pittur Franċiż Jean Pierre Louis Laurent Houel li twieled f'Rouen fl-1735 u miet f'Pariġi fl-1813. Houel, li tkellimt dwaru f'artikli li dehru qabel żar lil Malta u Għawdex flimkien ma' Sqallija u Lipari u ħallielna erba' volumi monumentali bid-deskrizzjoni tal-vjaġġi tiegħu li huwa ppubblika bejn l-1782 u l-1787 intitolati *'Voyage pittoresque des isles de Sicile, de Malte et de Lipari'.*

Id-diskrizzjoni li jagħti tal-post allura hija wkoll fost l-aktar importanti għalkemm qabel kienu dehru diġà diskrizzjonijiet dwar Għerq is-Sinjur li jikber fuq din il-blata. Houel jgħid li huwa pitter il-veduta eżattament kif raha u fil-fatt, l-inċiżjoni tiegħu hija l-isbaħ waħda u l-aktar waħda preċiża li qatt saret.

Houel jiddiskrivi wkoll fid-dettall il-mod kif wieħed seta' jaqsam min-naħa għall-oħra biex jitla' fuq din il-blata; *"Mill-ogħla parti tal-blat hemm marbuta żewġt iħbula sodi li jaslu sal-blata fejn huma wkoll marbuta. Imdendla magħhom hemm kaxxa kbira (immarkata bl-ittra A) li tixbah lill-kaxxi li fihom jitħawlu s-siġar tal-laring. Il-ħbula jgħaddu minn ġo tarjoli li huma mwaħħla ma' l-erba kantunieri alzati tal-kaxxa, li tesa' raġel jew tnejn; meta wieħed jiġbed it-tielet ħabel li huwa anqas stirat, ir-roti jimxu fuq il-ħbula u b'hekk il-kaxxa timxi 'l quddiem; hekk ikunu jistgħu jaqsmu minn fuq l-art għal fuq il-gżira u lura..."*

Dan it-taħbit u sogru kollu kien minħabba pjanta li kienet maħsuba li hija fungu u li kienet tikber biss fuq din il-blata. Din il-pjanta li ġiet imsejħa *Fungus Melitensis* kien maħsub li għandha propjetajiet kurattivi kbar u għalhekk ġiet protetta malli saret magħrufa; *"il-ħsad ta' dawn il-pjanti huwa pprojbit; il-Gran Mastru rriserva għalih id-dritt li jqassam din il-pjanta u fuq ordni tiegħu dan il-passaġġ jinżamm imsakkar; huwa jappunta persuna fdata minnu biex tiġbor dawn il-fungi u jħarishom. Huwa maħsub li dan it-tip ta' fungu ma ġiex skopert qabel l-1674, u mkien ma hemm miktuba data qabel din".*

Houel li kien jinteressa ruħu f'bosta ħwejjeġ, jagħtina wkoll deskrizzjoni dettaljata tal-Għerq Sinjur li nġibu f'artiklu ieħor u wkoll dwar ix-xhur meta tinbet u timmatura lesta għall-ħsad.

*"Il-kwalitajiet importanti u rari ta' dan il-fungu jagħmluh imfittex ħafna. Il-Gran Mastru ta' Malta, minbarra li ħa r-responsabbilta' li jaħsad din il-pjanta, jqassam minnha lill-Kavallieri, lill-isptarijiet ta' Malta kif ukoll lin-nies tal-gżira li jkunu morda; huwa jibgħat ukoll minnha lil pazjenti f'pajjiżi oħra li jkunu talbu li jingħataw minnha".*

Il-pittura oriġinali ta' Houel, bħal sħabha l-oħra nxtraw minn Katerina l-Kbira tar-Russja u l-lum jinstabu konservati fil-Mużew tal-Hermitage f' St Petersburg. L-inċiżjoni, madanakollu fiha l-valur tagħha peress li saret mill-artist innifsu u mhux minn xi ħadd ieħor li rriproduċa x-xogħol tiegħu.

L-inċiżjoni hija intitolata *'Vue de l'Ecueil aux Champignons'* u ġġib in-numru CCLIII. Għandha qisien ta' 255 x 375 mm.




# *Is-Surmast Agostino de Bono*

**Id-dokument numru mija u sitta u sebgħin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu l-ħlas tas-surmast tal-iskola f'Ottubru ta' tliet mitt sena ilu. Tinsab fil-għaxar volum tal-*Acta* tal-*Universitas Gaudisii,* il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1709–1710), folju 18r (NAG, UG, *Acta,* 10/1709–1710, f. 18r). Ta' min jinnota li, b'dan id-dokument, qegħdin nibdew manetta ġdida peress li s-sena amministrattiva tal-Universitas Gaudisii kienet tibda fl-ewwel ta' Settembru.**



Din hi t-traskrizzjoni tal-awtorizzazzjoni tal-ħlas:

*Pro Litterarum Magistro.*

*Magnifico Notaio GioFrancesco de Bono, Tesoriere di questa'Università del Gozzo, pagarete al Sacerdote Don Agostino de Bono, maestro di scuola, Scudi dieci di moneta se gli devono per suo salario di mesi quattro incominciati il primo di settembre per scorso e da finire l'ultimo dicembre prossimo venturo a ragione di Scudi trenta l'anno gli da dett'Università per suo trattenimento di che tirando nostra cautela ponerete a nostri conti; lì 20 ottobre 1709.*

L-Università ta' Għawdex kienet sa minn mijiet ta' snin toħroġ parti mill-ispejjeż biex iżżomm skola Għawdex. Hu probabbli li l-iskola kienet tiffunzjona sa minn qabel l-assedju ta' Għawdex ta' Lulju 1551. Dan kien ġab fi tmiem ħesrem il-ħajja f'Għawdex. Kull istituzzjoni ekkleżjastika u ċivili ntemmet għal xi żmien. Wara t-traġedja tas-sena 1551, l-iskola tal-Università tissemma għall-ewwel darba f'Diċembru 1573. Minn dakinhar baqgħet teduka lil dawk il ftit li xtaqu jitgħallmu sas-sena 1795 meta kienet trasformata f'Kulleġġ.

L-iskola għal xi żmien kienet iffinanzjata wkoll mill-Knisja Matriċi u Kolleġġjata ta' Għawdex. Il-Knisja Matriċi kienet toħroġ parti mill-ispejjeż tas-surmast għax l-iskola kienet isservi wkoll biex il-kjeriċi li xtaqu jsiru qassisin jitgħallmu xi ħaġa. Ħafna drabi, is-surmast kien ikun jew xi qassis jew xi patri Agostinjan.

Is-surmast tal-iskola tliet mitt sena ilu kien il-qassis Dun Wistin de Bono. Kellu salarju ta' tletin skut (5.82 ewro) fis-sena. Dak iż-żmien, sittin skut fis-sena kienu bejn wieħed u ieħor paga ta' ħaddiem għal sena. Dan ifisser li l-qassis kellu wkoll xi salarju ieħor mill-Matriċi.

Nhar l-20 ta' Ottubru, 1709, in-Nutar ĠannFranġisk de Bono, it-teżorier tal-Università, għamel ħlas ta' għaxar skuti (1.94 ewro) lis-surmast. Dan kien is-salarju ta' erba' xhur, mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru, 1709. Jiġifieri tħallas parzjalment minn qabel għal xogħlu.

Din l-iskola aktarx li ma kinitx tikkonsisti f'iktar minn kamra waħda. Sa tliet mitt sena ilu, jidher li t-tagħlim kien isir f'parti mis-sagristija tal-Matriċi. 'Il quddiem beda jsir f'post li għadu mhux identifikat fir-Rabat. L-iskola kienu jmorru subien biss. Kienu jkunu ftit ħafna, taħt tletin. Dak iż-żmien ix-xogħol fir-raba' u tal-bhejjem kien irid ħafna idejn u l-ġenituri kienu jippreferu li uliedhom jaħdmu magħhom milli jmorru l-iskola. Dan kien anki bi ħtieġa, għax il-familji kienu kbar u kien hemm ħafna ħluq x'jitimgħu.

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GHAWDXIJA

# Dun Mikiel Attard

## 3. L-ispiritwalità fil-prattika



Dun Mikiel kellu spiritwalità prattika, jiġifieri dak li kien jippriedka kien attwali u adattat għal kull min jisimgħu.

L-ewwelnett, huwa kien iħobb ħafna lil Ġesù. Għalhekk kellu ħafna għal qalbu l-Ewkaristija. Meta kien ikun is-Seminarju biex jagħti direzzjoni lis-seminaristi, il-ħin liberu li kien ikollu kien jgħaddih quddiem l-Ewkaristija. Barra din l-adorazzjoni li kien jagħmel waħdu, kien jattendi għal diversi adorazzjonijiet, anki bil-lejl. Infatti, qabel ma kien jorqod kien jagħti titwila mit-tieqa tad-dar lejn il-knisja tan-Nadur u hekk ikellem lil Ġesù.

Fl-1986, waqt żjara fir-Russja Sovjetika, li dakinhar kienet taħt il-ħakma komunista, kellu qalbu mnikkta għax ma setax iżur xi knisja fejn kien hemm is-Sagrament Imqaddes, u għalhekk ħass in-nuqqas tal-preżenza ta' Kristu. Fil-parroċċa tan-Nadur ta bidu għal adorazzjoni qasira għaż-żgħażagħ fl-aħħar tas-sena, li għadha ssir sa llum. Kellu mħabba kbira lejn l-Inkarnazzjoni ta' Kristu. Fil-konferenzi tiegħu kien jitkellem b'ħeġġa dwar dan is-suġġett. Kien sikwit jilmenta li l-Milied sar festa tan-negozju.

Kellu mħabba kbira lejn il-proxxmu. U dan kien il-motiv ewlieni biex jagħmel diversi żjajjar f'pajjiżi tal-missjoni. Darba xi ħadd irrimarkalu biex imur fl-Art Imqaddsa, jiġifieri l-post fejn twieled u għex Sidna Ġesù Kristu. Iżda huwa kien pront wieġbu li kien imur fil-pajjiżi tal-missjoni peress li fil-proxxmu l-batut kien jara lil Kristu. Kien iħobb jikkwota din is-sentenza ta' George Bernanos: "Hemm f'kull qatra ilma l-istess ilma fl-oċean, f'kull ġamra l-istess nar li hemm fix-xemx, u f'kull bniedem l-istess Bin il-bniedem li hemm f'Ġesù."

Kien iħobb ħafna lill-Verġni Marija. Kien iġib fuqu kontinwament il-labtu tal-Madonna tal-Karmnu, kif ukoll għen ħafna lil-Leġjun ta' Marija. Kien jieħu sehem ukoll fil-Mariapoli, meta kienet issir Malta. Barra minn hekk, kellu devozzjoni kbira lejn il-Madonna ta' Pinu u min jaf kemm talab b'mod ħerqan quddiem ix-xbieha li minnha Karmni Grima semgħet il-leħen tal-Verġni Marija. Lis-Santwarju kien isejjaħlu *"a supernatural spot"*, u kien jinsisti ħafna biex fid-diffikultajiet kulħadd jirrikorri lejn Marija f'dan is-Santwarju.

Lil min ikun ser isiefer kien jgħidlu biex meta jħalli lill-gżira Għawdxija jagħti ħarsa lejn ix-xbieha tal-Madonna ta' Lourdes li hemm fil-port tal-Imġarr u jafda l-vjaġġ tiegħu fiha. Meta kienet tkun ferja, kien iqaddes il-quddiesa tal-Verġni Marija jew għall-Missjonijiet.

Kien jara kollox b'viżjoni ta' fidi. Jiġifieri kien jara d-dispożizzjonijiet ta' Alla f'dak li jkun għaddej minnu u kien iħeġġeġ lil oħrajn biex jagħmlu hekk ukoll. Kien ukoll bniedem ta' sagrifiċċju kbir; u dan narawh minn kemm kien jgħaddi ħin jisma' lil dawk li kienu jmorru jkellmuh, kif ukoll fiż-żmien li qatta' fl-artijiet tal-missjoni, fejn wieħed ikollu jgħaddi mċaħħad minn dak li f'pajjiżna huwa ordinarju.

Kien iħobb jgħid: *"Our disappointments are his appointments"* jiġifieri b'dak li ma neħdux gost bih tkun qiegħda titwettaq ir-rieda ta' Alla. Ħsieb ieħor li tambar fuqu kien li wieħed irid isofri xorta waħda: sewwa jekk jagħmel dak li jrid Alla u sewwa jekk jaqbad it-triq il-ħażina.

Kien konvint li mit-tbatijiet li wieħed isib ma' wiċċu ser joħroġ il-ġid. Kien jesprimi dan permezz tal-kelmiet *"no redemption without blood"*; din kienet frażi li qraha f'xi ġurnal Awstraljan fiż-żjara li għamel madwar sena fl-1970, biex iżur l-emigranti. Kien iħobb jgħid li n-nisrani għandu jsallab l-egoiżmu tiegħu.

Kien bniedem ta' talb: kien iqaddes b'devozzjoni kbira, kif ukoll jirreċita l-Liturġija tas-Sigħat b'ċerta ħeġġa. Ta' kull xahar kien jimmedita sewwa l-fuljett "Il-Kelma tal-Ħajja', li hija riflessjoni fuq vers tal-Bibbja miktuba minn Chiara Lubich u maħruġa mill-moviment tal-Fokolarini f'Malta. Fil-konferenzi tiegħu kien iħeġġeġ għat-talb, għalkemm kien jinsisti wkoll li t-talb mhux xi maġija.

Dun Mikiel qatt ma kien motivat mill-qligħ tal-flus, anzi kien jikkontribwixxi b'mod ġeneruż meta kien hemm il-bżonn; filwaqt li kien jagħmel diversi karitajiet mal-proxxmu u mal-missjonijiet.

Fuq kollox kien saċerdot umli u eżemplari f'kollox. Kien, kif sejjaħlu Mons.Isqof Nikol Cauchi fl-omelija tal-funeral tiegħu, "ġawhra tal-kleru Għawdxi".

***Angelo Xuereb***

*(Din is-sensiela hi bbażata ħafna minnha fuq il-ktieb 'Dun Mikiel Attard' (Ħjiel fil-qosor dwar Ħajtu 1933-2004) miktub mill-Isqof Emeritu ta' Għawdex Mons. Nikol Ġ. Cauchi).*

*Għawdex Online (12)*



# Kappelli Għawdxin Online (6)

# Il-Kappella ta' San Ġużepp fiċ-Ċittadella



*riċerka u kitba ta'* **SALVU FELICE PACE**, sfelicepace@mail.global.net.mt

Iċ-Ċittadella m'għandha bżonn ta' ebda introduzzjoni. Impressjoni ta' ħafna Għawdxin u Maltin. Iżda meta tibda tfittex u ssib ġawhar moħbija f'dan il-Gran Kastell, malajr tinduna li hemm ħafna aspetti taċ-Ċittadella li għadhom mistura. Indunajt b'dan meta sibt tagħrif dwar il-kappella ta' San Ġużepp fil-websajt *www.kappellimaltin.com*. Nistqarr li ma kontx naf b'din il-kappella storika. Nixtieq ngħid li l-appell tiegħi biex aktar kappelli Għawdxin isibu posthom f'din il-websajt intlaqa' tajjeb. Naf b'żewġ retturi li qed jaħdmu biex il-kappelli li jindukraw huma, jiġu miżjuda mal-lista ta' kappelli Għawdxin fis-sit.

L-indirizz sħiħ biex tidħol direttament fis-sit b'tagħrif dwar din il-kappella hu: *http://kappellimaltin.com/html/san_guzepp.html*. L-ewwel ħaġa li laqtitni dwar din il-kappella kienet l-antikità tagħha. Nafu li din il-binja kienet hemm qabel l-Assedju l-Kbir tal-1565. Għaxar snin wara kien hemm viżta minn Monsinjur Dusina li kien sab erba' kappelli fiċ-Ċittadella. Waħda minnhom, dedikata lil San Nikola, kienet f'kundizzjoni tajba ħafna u frekwentata minn ħafna fidili, avolja la kellha rettur u l-anqas dħul ta' flus.

Din l-istess kappella aktar tard kienet ġiet iddedikata lil San Ġużepp mill-Isqof Baldassare Cagliares. Dan l-isqof, li kellu omm Għawdxija, kien jiffrekwentaha meta kien ikun Għawdex. L-ewwel ma għamel Cagliares kien li ordna li l-binja tingħata għamla ġdida, xogħol li kien tlesta mas-sena 1625. Kien jonqos naturalment il-kwadru titulari. Kien il-pittur magħruf Filippo Paladini (1544-1616) li pinġa dan il-kwadru li jirrappreżenta l-ħarba tal-Familja Mqaddsa lejn l-Eġittu. Illum fil-kappella hemm ir-replika fidila ta' dan il-kwadru magħmula minn Ċensu Cordina, għax il-pittura oriġinali tinsab fil-Mużew tal-Katidral t'Għawdex 'l bogħod minn xi possibbiltà ta' serq, vandaliżmu jew ħsarat naturali. L-Isqof Cagliares ħalla wkoll legat lil din il-kappella biex tiġi ċċelebrata quddiesa kull nhar ta' Sibt. Aktar tard kienet ħarġet ordni li għall-festa ta' San Ġużepp, nhar id-19 ta' Marzu, fil-kappella kellu jitkanta kemm l-Għasar kif ukoll quddiesa. Din kienet l-ewwel kappella/knisja ddedikata lil San Ġużepp fil-gżira Għawdxija, sa fejn nafu.

It-terremot li kien laqat il-gżira fl-1693 kien ħalla warajh tiġrif fiċ-Ċittadella, kien ikkawża wkoll ħsarat f'din il-kappella. Jingħad li dan kien ġie restawrat. L-akbar ħsara li kienet saret lil din il-kappella kienet mill-



Kapitlu tal-Katidral li kien abbunduna l-osservanza tal-legat tal-Isqof Cagliares u anke falla milli jżomm il-festa għażiża ta' San Ġużepp ta' kull sena. Din l-attitudni wasslet biex din il-kappella kienet ġiet abbandunata għal snin twal. Fil-fatt, għal madwar mitejn sena. Fl-1930 kien inħatar Logutenent Gvernatur ta' Malta Sir Harry Luke. Dan kien għamel programm għar-restawrazzjoni ta' diversi binjiet fiċ-Ċittadella, fosthom il-kappella ta' San Ġużepp. Iżda xorta waħda reġgħet waslet għal stat ta' abbandun kbir aktar tard meta kienet ġiet ivvandalizzata u fl-aħħar spiċċat bħala maħżen għall-bżonnijiet tal-katidral. Kien l-att ġeneruż ta' grupp ta' voluntiera Għawdxin li fl-1975 naddfu din il-kappella u raw li jsir ir-restawr li kien hemm bżonn. L-ismijiet ta' dawn jinsabu fis-sit. Nhar id-19 ta' Marzu 1975 reġgħet kienet miftuħa u ġiet imbierka s-sena ta' wara mill-Isqof Nikol Cauchi. Ir-rettur preżenti huwa Mons Joe Bezzina. Ikun jixraq li din il-kappella tingħata aktar pubbliċità bħala teżor moħbi fiċ-Ċittadella.

TIEQA FUQ L-AMBJENT (11)

# IL-MERILL



*(L-ewwel artiklu minn sensiela dwar l-għasafar li jbejtu f'Għawdex)*

*kitba u ritratti ta'* **Joe Sultana**

Il-ħlejjaq kollha li jinsabu fil-kampanja ta' pajjiżna, kemm dawk tal-flora kif ukoll tal-fawna, huma parti importanti mill-wirt naturali. Fost dawn hemm ħafna speċi t'għasafar, kemm dawk li jpassu mill-Gżejjer Maltin, u iżjed u iżjed dawk li jbejtu f'pajjiżna. Dan hu l-ewwel artiklu minn sensiela dwar l-għasafar li jbejtu f'Għawdex u jixraq li l-ewwel wieħed ikun dwar l-Għasfur Nazzjonali, il-Merill. Matul il-milja taż-żmien kien hawn speċi li kienu jbejtu f'pajjiżna, bħaċ-Ċawla, il-Barbaġann u anke il-Bies li nqerdu. Hemm oħrajn li jippruvaw ibejtu iżda sfortunatament ma jingħatawx ċans. Dawk li huma mgħobbija bi żmien bħali żgur li jiftakru l-Barbaġann jissiefaħ u jittajjar wara nżul ix-xemx ifittex il-firien u l-ġrieden biex jitma' l-frieħ. Konna narawh bil-lejl anke fil-festi tar-Rabat, jitliegħeb mas-siġar tat-Tokk, biex inaqqi mill-għasafar tal-bejt li kienu jkunu reqdin hemm. Wieħed jispera li maż-żmien, b'aktar ħarsien tal-għasafar u b'iżjed rispett lejn in-natura f'pajjiżna, dawn l-għasafar li nqerdu minn pajjiżna jerġgħu jibdew ibejtu. Mill-banda l-oħra tkun ħasra li dak li ġara lill-Barbaġann jiġri lill-għasafar l-oħra li għadhom ibejtu f'pajjiżna, bħall-Merill.

L-isem xjentifiku tal-Merill huwa *Monticola solitarius*. *Monticola* tfisser "jgħammar fil-muntanji"; u *solitarius* tfisser "ta' waħdu". Għalkemm huwa l-għasfur nazzjonali ta' Malta din l-ispeċi ma tbejjitx biss fil-Gżejjer Maltin, imma tinsab tbejjet fil-pajjiżi tal-Mediterran, f'dawk tal-Lvant Nofsani, kif ukoll fil-pajjiżi tal-Lvant Imbiegħed.

Il-Merill fih madwar 22ċm, bejn wieħed u ieħor daqs Malvizz. Ir-raġel blu skur, b'denb u ġwienaħ skuri kważi suwed. Mill-bogħod jidher iswed. Il-mara kannellija griża mnaqqxa b'kannella skur. Ir-raġel għandu għanja melodjuża li jsemma' waqt li jkun imperreċ fuq il-blat jew fuq xi ħajt, kif ukoll waqt it-titjira tan-namra. Jiekol insetti, xagħat, dud, bebbux ta' l-art u rettili żgħar. Lill-frieħ ukoll bihom jitmagħhom.

Għalkemm għadu jinstab is-sena kollha, f'Għawdex m'għadux komuni daqs kemm kien fl-imgħoddi u fil-preżent jinstab ibejjet l-iżjed f'postijiet li ma tantx jintlaħqu, partikolarment fl-irdumijiet ta' madwar il-kosta. Jibni l-bejta b'għeruq u zkuk irqaq u bil-ħuxlief, kemmxejn ċatta, ġeneralment f'toqob jew xquq fis-sisien. Ġieli jbejjet anke f'xi ħajt, fi blat kbir qrib il-baħar jew f'xi binja diżabitata, u saħansitra anke fil-knejjes. Fis-Santwarju Ta' Pinu ġieli bejjet u fl-1996 u l-1997 par kien bejjet fil-koppla ż-żgħira ta' quddiem tal-knisja tax-




*Bolli u muniti bil-figura tal-Merill.*




*Mappa t'Għawdex li turi fejn l-iżjed li jinstab il-Merill.*



*Merill mara bl-ikel f'ħalqha għall-frieħ.*



*Merill raġel ħdejn il-bejta.*

Xewkija. Fi żmien il-bejta kont tara x-xjuħ deħlin fil-koppla minn tieqa miksura biex iżoqqu l-frieħ.

Il-mara tbid minn erba' sa ħames bajdiet, ċelesti, spiss b'tikek irqaq kannella madwar in-naħa l-wiesgħa. Il-mara biss issaħħanhom, imma r-raġel joqgħod fil-qrib u tgħidx kemm ilissen tisfir ta' nkwiet meta jara lil xi ħadd riesaq lejn il-bejta. Il-bajd jieħu xi tlettax-il jum biex ifaqqas u wara kemm ir-raġel kif ukoll il-mara jżoqqu l-frieħ. Il-frieħ itajru wara xi sbatax-il jum imma l-ġenituri tagħhom jibqgħu jakkompanjawhom u jżoqquhom għal xi żmien wara li jħallu l-bejta. Ġeneralment ibejjet darbtejn f'sena u jibda jibni l-ewwel bejta għall-Marzu.

Il-Merill ilu mħares bil-liġi sa mill-1911 iżda xorta waħda għad fadal min illegalment jisraq il-frieħ biex irabbihom jew ibiegħhom. Kieku mhux għax għad hawn min jisraq il-bejtiet, il-Merill huwa aktar komuni u mxerred f'Għawdex. Il-Merill minn dejjem kien għasfur popolari fi gżiritna. Fl-1970 ġie magħżul bħala l-għasfur nazzjonali ta' Malta. Fil-passat kien jidher fl-emblema tas-Soċjeta Ornitoloġika, u l-immaġni tiegħu dehret ukoll fuq żewġ muniti, kif ukoll fuq tlett bolli postali fl-Għarb. Lejn l-inħawi tad-Dwejra hemm erja magħrufa bħala "Wied il-Merill" li tissemma f'kuntratt magħmul għall-aħħar tas-seklu sittax (ara p. 581 fil-ktieb *Place-Names of the Maltese Islands* ta' Godfrey Wettinger (mitbugħ fis-sena 2000). F'San Lawrenz hemm triq imsemmiha Triq Wied Merill li x'aktarx twasslek sal-post imsemmi hawn fuq. Antonio Schembri li kien kiteb l-ewwel ktieb dwar l-għasafar ta' Malta fl-1843 minbarra l-isem "Merill" jagħtih ukoll l-isem vernakolu *Ċiccu di Diu* u jżid li kienu jsibuh iżjed hekk fi Sqallija.



LETTERATURA GĦAWDXIJA — *Poeżiji*

## NOVEMBRU WIEĦED

*minn* **J.W. Psaila**

Novembru wieħed,
Novembru tnejn,
jekk toqgħod taħseb
m'hemm ħin ta' xejn
bejn il-jum wieħed
u l-jum tnejn.

Novembru wieħed
tal-qaddisin,
Novembru tnejn
tal-midinbin,
huma tal-għaġeb
qrib ta' xulxin.

## MAĦBEŻ SAN GIUSEPPE (Sicilia)

*kitba ta' awtur anonimu, traduzzjoni mit-Taljan minn* **Michael Grech**

Ħobbuh il-ħobż
Il-qalb tad-dar
Fwieħa tal-mejda
Għaxqa tal-fuklar

'Tuh ġieħ lill-ħobż
Glorja tar-raba'
Benna tal-art
Festa tal-ħajja

Għożżuh l-ħobż
Għaraq tal-ġbin
Dekor tax-xogħol
Għanja tad-dmir

Taħlux loqma
Ġid ta' artna
Don wisq qaddis
Fl-għeja tal-ġnus.

## LI MA KIENX

*minn* **Alfred Grech**

Li ma kienx għall-ġejjieni!
Imma l-ġejjieni hu ċirku vizzjuż
Tbassir ta' temp idur ma' denbu
Żugraga ittemm is-saħħa ċentrifuga
Jew qabża fil-baħħ
Ta' wieħed mingħajr ġwienaħ.
Hekk nara t-tmiem tiegħi,
Bħal sifja tixxejjer mar-riħ;
Jew bħal omm li tagħraf il-wild tagħha
Fi program ġenetiku
Jiddistingwiha.
Dan hu l-ġejjieni :
Bħal kewkba feġġa
Skandlu ta' bil-lejl
Mixgħela fid-dlam li tintemm ma sbieħ il-jum.
L-għanja tar-rużinjol iddoqq f'widnejja,
Jew ħmar il-lejl
Li jimxi nkiss inkiss fuq xefaq kjaroskur;
Hekk nara t-tmiem tiegħi,
Li ma kienx għall-ġejjieni.

## FUQ QABRI

*minn* **Francis Sultana**

Għad jisbaħ jum li ma jżernaqx għalija,
Għad tasal siegħa li ma nismax iddoqq;
Għad xita traxxax u lil għadmi ssaqqi,
Għad-dud jikolni, u fit-trab indub.

'Mma fl-Aħħar Jum, Mulej, fittex eħlisni,
F'siegħet it-Tromba, Mulejja, għinni nqum;
Mid-dud u mit-tinwir erġa' għaġinni
U bi traxxix ix-xita nibbet ruħ għalik.

**Esperti fis-servizzi tal-vjaġġar...**

JPE Travel Services LIMITED
A member of the KDM Group

- Ġiti...
- *Cruises...*
- Titjiriet... anke tal-Low Cost
- ***Lukandi... u akkomodazzjoni oħra***
- Kiri tal-karozzi u ħafna servizzi oħra

Tel: Victoria Gozo: **21561212/3** Valletta: **21235772** or **info@jpetravel.net**

Letteratura • Profili (3)

# Ġużeppi Cassar 1877-1961 Poeta Minur Għawdxi



kitba ta' CHARLES BEZZINA

**Sa mill-bidu l-kitba tal-poeżija bil-Malti kienet toffri lill-qarrejja tema aktarx popolari, influwenzata fuq it-twemmin tagħna u mpittra b'kwadretti u drawwiet tal-ħajja Maltija fil-Gżejjer. F'din l-għamla ta' poeżija, għalhekk, ma kinitx tonqos l-għanja reliġjuża, patrijottika, patetika, ċajtiera, favolistika u ironika li matul is-seklu dsatax iddominat it-tematika tal-poeżija Maltija. Il-ġrajjiet li seħħu fl-Italja f'nofs is-seklu dsatax, l-influss ta' Taljani f'Malta u l-kitbiet rivoluzzjonarji għall-għaqda ta' l-Italja, qanqlu f'qalb il-kittieba Maltin ta' dak iż-żmien il-kixfa ta' l-identità nazzjonali mibnija fuq l-istorja twila u glorjuża tal-poplu.**

Dan it-trawwim daħal ukoll fil-moħħ ta' poeti Maltin ta' dawk iż-żminijiet, fosthom Ġan Anton Vassallo (1817—1868) li bħal oħrajn kiteb bosta versi patrijottiċi bħal: *Mannarino, Is-Sultan La Valette lill-Belt Valletta,* l-epilju *Il-Ġifen Tork,* u oħrajn. Kiteb ukoll versi patetiċi bħal *Iż-Żgħurija, l-Armla* u versi ċajtiera u favolistiċi bħal *Il-Fekruna u s-Serp, Il-Busuf u l-Bumunqar* u oħrajn. Ta' min jinnota li xi poeti ta' dawk iż-żminijiet kienu jinqdew b'oġġetti, b'annimali u ħxejjex, biex permezz tal-versi jwasslu messaġġ (aktarx b'ironija) lis-soċjetà. Insemmi li per eżempju *Il-Busuf u l-Bumunqar* hija poeżija li toqros: Kemm tassew il-bnedmin iħobbu lil xulxin?! Bħal dawn għandna ħafna u aktarx kienu l-aktar versi li jħobbu jaqraw in-nies.

**Tista' tgħid li l-poeżija reliġjuża kienet l-aktar tema li jħobb juża' kull poeta tas-seklu dsatax, u anki fil-bidu tas-seklu għoxrin. Il-Kan. Ludovik Mifsud Tommasi (1795c – 1879) kien wieħed minn dawk li ta spinta qawwija lill-kurunelli reliġjużi.** Fil-ktieb "Il-Kitbiet ta' Joseph M Mangion" hemm hekk dwaru: *Huwa jsawwar kwadretti tal-ħajja nisranija b'xejriet favolistiċi popolari daqskemm didattiċi u morali, filwaqt li jippreżenta mitoloġija sħiħa kristjana - l-protagonista hu l-eroj qalbieni li dejjem lest biex jissielet għal kawża ġusta.* **Il-ħsieb tal-kurunelli hu, kif ikompli jgħidilna Joseph M Mangion:** ***li jagħtu tifsira traxxendenti lid-dinja materjalistika, riċerka kontinwa għar-realtà "vera" u kristjana. B'hekk fihom insibu żewġ elementi paralleli – interpretazzjoni spiritwali tad-dinja u interpretazzjoni umana tal-qaddisin, għax għalkemm dawn jiġu ppreżentati bħala oġġett ta' qima, l-għan hu li jipprovdi mudell għall-bniedem.***

Iżda nħallu dan kollu, u naqa' għall-poeta minur Għawdxi li qatt jew ftit issemma. Dan hu Ġużeppi Cassar li twieled ir-Rabat, Għawdex, nhar il-21 ta' April 1877, bin Ġanni u Maria neè Mercieca. Huwa tgħallem l-iskola sekondarja u meta kiber daħal bħala għalliem. Żmien wara telaq u mar jaħdem bħala marixxall il-Qorti. Huwa żżewweġ lil Loreta Falzon fl-1913 u kellhom disat itfal li minnhom għexu erbgħa. Huwa miet fis-16 ta' Marzu 1961. Ġużeppi Cassar beda jikteb il-poeżiji bil-Malti fl-1910. Skont il-Manuskritt ta' Poeżiji *Ġabra ta' Fjuri, Ward u Ġiżimin,* li aktarx l-Għawdxi Ġużeppi Cassar kellu l-ħsieb li għad joħroġ għall-pubbliku, **l-eqdem poeżija hija dwar l-Assunta u tmur lura lejn Awwissu 1910. Hu stess jistqarr *"li dan l-Innu hu l-ewwel wieħed u ġie mxerred fl-10 ta' Awwissu 1910"*.** Dan l-awtur, mela, beda jikteb il-Malti meta l-lingwa Maltija sfortunatament kienet għadha meqjusa bħala lingwa inferjuri "La Lingua della Cucina". Huwa beda jikteb meta ma kellniex grammatika stabbilita kif għandu jinkiteb il-Malti u meta bosta kittieba kbar, fosthom Dun Karm, kienu għadhom ma bdewx jiktbu bil-Malti. Fil-manuskritt ta' Cassar, insibu tliet taqsimiet ta' poeżiji li hu għammidhom hekk:

1. Taqsima I – Sunetti u Innijiet Imqaddsa
2. Taqsima II – Poeżiji tad-Daħq
3. Taqsima III – Poeżija dwar Ħwejjeġ Astratti

**Skont l-introduzzjoni ta' l-awtur, il-poeżija hija vina li titwieled biha, li tħeġġeġ, tfarraġ u tħenn il-qalb ...**



**u li trid tinkiteb fis-skiet u l-ġabra. L-awtur stess jistqarr li bosta mill-poeżiji kitibhom ħdejn il-baħar u fuq l-għoljiet.** L-akbar għadd ta' poeżiji kitibhom bejn l-1920 u l-1930 u kien jippubblika l-poeżiji okkażjonali fuq karti volanti, rivisti bħall-"Il-Pronostku Malti" (li beda joħroġ fl-1898), "Il-Progess", "Il-Ħabib" u oħrajn. Jidher li l-isem Ġużeppi Cassar għall-ħabta tas-snin 1914 - 1920 kien jidher ta' sikwit fuq xi rivisti fosthom "Il-Ħabbar ta' Sant'Antin". Kien saħansitra jidħol għall-konkorsi tal-poeżiji, speċjalment f'dawk ta' Giovanni Muscat, kif jistqarr fil-poeżija tiegħu "*It-Tiġrija tal-Poeti*". Il-poeżija "*Storja fuq l-Erwieħ tal-Purgatorju*" ħadet l-ewwel premju fil-konkors imniedi mil-"Leħen is-Sewwa". Barra dan jidher li Cassar kien influwenzat minn awturi Taljani, fosthom Manzoni. Fil-manuskritt niltaqgħu ma' żewġ poeżiji (waħda minnhom "*Il-Pitirross*") fejn iqabbel l-għasfur ma' Renzo tal-"Promessi Sposi" kap XVI *: "Perche se posso essere uccel di bosco – aveva anche pensato - non volglio diventar uccel di gabbia".*

**Cassar bħal bosta oħra ta' żmienu wiret ħafna minn ta' qabel. B'hekk fil-manuskritt tiegħu ma tonqosx il-poeżija favolistika, ċajtiera u forsi xi ftit ironika bħal "*Il-Banka ta' Għawdex*" fejn l-awtur ironikament u anki bi ħlieqa jwassal l-istat tad-daħk tal-Banka b'gozz uffiċini tal-gvern u magħhom latrina ... attrazzjoni f'għajn it-turist! Jgħid għall-Banka Giuratale :**

***Għamla qisha nofs ta' ċirku,***
***B'żaqq sew donnha ta' bittija,***
***Minn kull naħa trid tixpakka,***
***Billi ż-żmien qed jagħmel biha.***

***Bieb bla sura f'nofsha tara,***
***Tant li jidher kollu werċ;***
***In-nies ġwejjef miegħu tpoġġi,***
***Nies bla sengħa, bla kummerċ.***

It-taqsima tal-poeżiji fuq ħwejjeġ astratti hija l-aħjar waħda. Fosthom insibu poeżiji sentimentali li jitkellmu ta' sikwit dwar l-emigrazzjoni barra minn Malta, bħal "*Tneħida lil Għawdex*", "*Ittra Miftuħa*" u oħrajn. Poeżiji li fakkruni f'poeżiji bħal "*L-Imsiefer*" ta' Ġan Anton Vassallo. Profs. Oliver Friggieri fil-ktieb tiegħu tal-Poeżija Maltija jsemmi li bejn l-1842 u l-1865 (jiġifieri ftit snin qabel twieled Cassar) kien hawn madwar 12,000 Malti li ħallew il-gżira biex imorru jfittxu xogħol fi mkejjen oħra. Fil-manuskritt ta' Cassar hemm ukoll poeżiji li jitkellmu dwar "*It-Tfajjel Iltim*" – tema li jitrattaħa f'diversi poeżiji bħal "*Fuq il-Qabar t'Ommi*", "*L-Aħħar Bewsa*", "*Storja ta' Tfajjel Iltim*" u "*L-Iltim fid-Dar ta' San Ġużepp*". Poeżiji li f'kelma waħda juru ħasra drammatika għall-iltiema. Lanqas jonqsu għal Cassar il-poeżiji patrijottiċi bħal "*Għanja lil Għawdex" "Jiena Malti", "Il-Malti lill-Bandiera Tiegħu"* u ħafna oħrajn.

**L-akbar taqsima hija dik tal-poeżija reliġjuża. Fiha hemm poeżiji lill-Madonna tal-Karmelu (tema ewlenija f'Cuschieri dik il-ħabta), L-Assunta, lill-Kunċizzjoni, lill-Bambina, lil San Ġwann Battista, lil San Lawrenz, kif ukoll lil San Duminku, lil San Pawl, lil San Franġisk t'Assisi, lil San Ġorġ fejn hemm għadd kbir, lil San Ġużepp, lil San Mikiel u anki poeżiji li jfakkru personaġġi tal-Bibbja bħal Sansun, ir-Re David u xi oħrajn. Għandu wkoll poeżiji dwar il-qalb ħanina ta' Ġesù, u t-tbatija li Ġesù ġarrab waqt il-Passjoni – bħal *Ġesù bil-Kuruna tax-Xewk*, *Ġesù mal-Kolonna*, *ir-Redentur* u l-bqija. F'din it-taqsima, jidher li Cassar l-aktar li kiteb kurunelli reliġjużi kienu dwar San Ġorġ u Santa Marija. Dan forsi, għaliex minħabba l-popolarità ta' dawn iż-żewġ festi fir-Rabat Għawdex, kellu aktar ċans li jxandar il-poeżiji tagħhom fuq karti volanti.**

Ta' min isemmi li Cassar kellu d-drawwa li jekk jikteb poeżiji lill-Assunta, hu jagħmilhom bi 15-il strofa għall-kwindiċina tal-Madonna u jekk dwar San Ġorġ, bejn 18 u 21 strofa, biex donnu jfakkar fl-età taż-żagħżugħ martri li nqatel fis-sena 303 AD. Tista' tgħid li l-ħsieb tal-poeżiji kollha reliġjużi huwa retoriku u ripetittiv, speċjalment meta hemm aktar minn poeżija waħda ddedikata lejn l-istess qaddis jew qaddisa. B'hekk bosta drabi l-poeżiji jitilfu ħafna mill-valur letterarju tagħhom u jsiru biss taqbiliet.

Cassar kien iħobb juża' ħafna l-vers popolari tat-tmienja (l-ottonarju), iżda fil-manuskritt jidher ukoll it-tħaddim tal-vers tal-ħdax u ta' l-għaxra. Kien juża wkoll il-vers doppju, is-saffika, is-sestina, sunetti petrarkjani, u oħrajn. Minħabba li Cassar kiteb ħafna innijiet u għanjiet reliġjużi u poeżiji okkażjonali, bosta drabi ma jilħaqx il-livell mixtieq fl-aspetti poetiċi mitluba. F'waqtiet fil-versi tiegħu, hemm nuqqas fl-għadd tas-sillabi u nuqqas ukoll fil-ħarsien ta' l-aċċenti mqiegħda f'posthom skont il-metrika.

**Biss wieħed irid jifhem li dawn il-poeżiji huma miktuba fi żmien meta l-apprezzament tal-poeżija Maltija kien għadu lura. L-influss ta' kliem rumanz fil-poeżija ta' Cassar huwa xhieda tal-ħakma tal-lingwa Taljana fuq dik Maltija ta' dak iż-żmien. Eżempju ċar huwa xi poeżiji bit-Taljan li huwa kiteb f'dan il-manuskritt. Barra minhekk it-titli tal-poeżiji huma xi drabi twal – drawwa ta' xi poeti ta' dik il-ħabta.** Iżda kollox ma' kollox wieħed irid iqis l-isforz li tikteb bil-Malti (speċjalment poeżiji) fi żminijiet meta l-Malti kien meqjus għal taħt is-saqajn u meta kien hawn ġlieda sfrenata kontra l-Malti min-nies għolja u ta' klassi – l-aristokratiċi Maltin. **Bla dubju ta' xejn Ġużeppi Cassar, huwa wieħed mill-ftit Għawdxin li fil-bidu tas-seklu għoxrin kien kapaċi jikteb bil-Malti u jikteb il-poeżija bil-Malti**... naturalment fuq temi l-aktar imħaddma f'dik l-epoka. Għalhekk ma tistax tiġġudika l-fatt għax Ġużeppi Cassar kiteb ħafna kurunelli u poeżiji okkażjonali u għax ma kienx daqshekk preċiż fil-prosodija, ma laħaqx il-livell meħtieġ. L-għarfien kien għadu lura ... il-poplu Għawdxi qajla kien jaqra għax ma kienx jaf, speċjalment poeżija, iżda Cassar, poeta li kważi qatt ma ssemma kien kapaċi joħroġ mill-qoxra ta' l-injoranza. **Huwa poeta minur li fil-bidu tas-seklu għażel din it-trejqa xejn watja u diffiċli tal-poeżija Maltija fi żmien meta Għawdex kien gżira minsija.**

MIX-XENA SPORTIVA F'GĦAWDEX *minn* **Joe Bajada**



# Otters ASC iżommu ħaj l-isport tal-Għawm u l-Waterpolo

Imwaqqfa fl-1971, *Otters Aquatic Sports Club* bħala l-uniku klabb Għawdxi tal-*Waterpolo* żammew ħaj f'Għawdex l-isport tal-Għawm u l-*Waterpolo*. Sa mill-1981 'l hawn huma dejjem ħadu sehem fil-kompetizzjonijiet nazzjonali organizzati mill-*Aquatic Swimming Association* (ASA) ta' Malta. Din hija parteċipazzjoni rekord ta' Għaqda Sportiva Għawdxija. Din is-sena *Otters* qegħdin jipparteċipaw fil-kategoriji kollha organizzati mill-ASA, jiġifieri b'erba' timijiet, dak tal-kbar li qed jilgħab fit-Tieni Diviżjoni, u dawk ta' taħt id-19, is-16 u l-14 il-sena.

Għal dak li huwa *pre-season training*, il-klabb ingaġġja lill-kowċ veteran, Alfred Cachia. Matul Ġunju huwa wettaq programm ta' taħriġ verament intensiv fejn kien jittrenja lill-plajers kemm fil-għodu kif ukoll fil-għaxija. Huwa kellu l-biċċa xogħol iebsa li jtejjeb il-livell tal-*fitness* tal-plajers fl-iqsar perjodu possibbli sabiex dawn ikunu f'pożizzjoni li jikkompettu ma' min kien ilu jitħarreġ sitt xhur jew iktar fil-kumdità tal-pixxini bl-ilma ħelu u msaħħan li hemm f'Malta.

It-tim tal-kbar qed jitmexxa minn Paul Dimech u Paul Saliba. Dan it-tim huwa ffurmat minn diversi *players* stabbiliti u li huma prodott tal-klabb, jiġifieri Reuben u Stephan Grech, George Louis Zammit, Kevin Mizzi, Marc Tabone, u Edward Farrugia, kif ukoll minn Darren Saliba u Leonard Cachia li ilhom għal diversi snin jilagħbu ma' Otters. Għal dan l-istaġun Otters kisbu b'self għal sena lil Alan Arrigo u David Caruana u ingaġġaw bħala plajers barranin lis-Slovakk Karol Baco u l-Ungeriż Peter Szabo. Ġew introdotti wkoll plajers ta' taħt id-19-il sena fl-iskwadra tal-kbar, dawn huma Christophe Martin, Stefan Xerri, Giles Xuereb, Steve Dimech u Karl Scicluna. Għalkemm s'issa *Otters* ma kisbux punti f'din il-kategorija kien hemm diversi logħbiet fejn kienu qrib ferm u spiċċaw tilfu fl-aħħar sekondi.

It-timijiet tal-*minors* kellhom prestazzjonijiet xi ftit aħjar, speċjalment fil-kategorija ta' taħt id-19-il sena fejn s'issa *Otters* kisbu erba' rebħiet. Dan it-tim qed jitmexxa minn Alfred Cachia.

Għal darba oħra qed tiġi organizzata l-iSkola tal-Għawm u tal-*Waterpolo* li qed titmexxa minn kowċis kwalifikati. Din bdiet fl-ewwel ġimgħa ta' Lulju u tintemm fl-ewwel ġimgħa ta' Settembru. It-taħriġ isir tlett darbiet fil-ġimgħa u qed jattendu numru sabiħ ta' bniet u subien minn seba' snin sa ħdax-il sena.

Kemm l-iSkola tal-Għawm u tal-*Waterpolo*, kif ukoll it-taħriġ tad-diversi timijiet isiru *fil-pitch* miftuħ tal-klabb fil-bajja ta' Marsalforn għax f'Għawdex għad mhemmx pixxina bl-ilma ħelu. In-nuqqas ta' tali pixxina, l-infestazzjoni tal-bram li ħakmet lil xtutna f'dawn l-aħħar snin, kif ukoll il-maltemp, qegħdin iħarbtu bil-kbir it-tħejjijiet tal-klabb fejn



saħansitra kien hemm diversi okkażjonijiet meta l-logħbiet fl-*Age Group* li kellhom jintlagħbu f'Għawdex ġew imħassra jew kellhom jintlagħbu f'Malta u għalhekk it-tim Għawdxi tilef il-vantaġġ li jilgħab f'daru.

L-*Otters Aquatic Sports Club* kemm-il darba ħareġ stqarrijiet fejn saħaq fuq l-urġenza li tinbena *Swimming Pool* f'Għawdex. Il-Klabb iħoss li wasal iż-żmien li f'Għawdex ikun hawn faċilità għall-għawm is-sena kollha. Il-bini ta' pixxina ikun ta' għajnuna għal kulħadd, u fuq kollox inkoraġġiment għall-atleti Għawdxin li jridu jikkompetu ma' atleti Maltin li ilhom igawdu minn tali faċilità għal dawn l-aħħar sittax-il sena. Jixraq li l-Għawdxin kbar u żgħar, b'saħħithom jew bi bżonnijiet speċjali, igawdu l-istess opportunitajiet bħall-Maltin. Barra minn hekk dan in-nuqqas ifisser ukoll li l-*waterpolo* u l-għawm f'Għawdex huma limitati għax-xhur tas-Sajf biss.

Dan l-appell b'mod partikolari ta' *Otters ASC* kien milqugħ mill-Ministeru għal Għawdex u anke dan kien ikkonfermat lilna mill-Ministru Giovanna Debono, li ġa saru l-applikazzjonijiet meħtieġa biex tinbena pixxina taħt it-*tennis courts* eżistenti li jinsabu fil-Kumpless Sportiv tar-Rabat. Dan kollu kien anke approvat mill-Kunsill Malti għall-iSport. J'alla li dan il-proġett ieħor sportiv f'Għawdex ikun realizzat fl-iqsar żmien possibbli għall-benefiċċju tal-isportivi Għawdxin.

Wedding pictures
by
**Ted Attard**



Please call
Ted on tel: 2156 1878
or mob: 9982 6269



# Għawdex max-Xhur

***Versi ta' Fr. Geoffrey G. Attard***



## 10. OTTUBRU

*Fost ix-xhur ta' Ruma antika*
*it-tmien wieħed kont miżmum*
*imma llum int l-għaxar wieħed*
*għar-Rużarju int meqjum!*

*Għax matul jiemek ninġabru*
*biex nitolbu lkoll flimkien*
*dik it-talba wisq għażiża*
*li fil-għan tiżboq iż-żmien!*

*Kien fis-seba' jum minn tiegħek*
*li l-Insara miġburin*
*rebħu fuq min ried l-Ewropa*
*issir kollha Misilmin!*

*Iġġib miegħek il-ħarifa*
*u lis-sajf tagħti t-tislima,*
*għalkemm kultant bir-riħ isfel*
*xi ftit ilma wkoll tagħtina!*

*Tifkiriet ukoll troddilna*
*ta' xi wħud mill-qaddisin*
*li bil-ħajja tagħhom tajba*
*jispiraw bosta bnedmin!*

*Ta' Lisieux Tereża ċ-ċkejkna*
*insellmulha f'dawn il-jiem*
*waqt li l-oħra bl-istess isem*
*aħna nfaħħru bl-oħla kliem!*

*Ejja mela Ottubru ejja*
*ħa tfakkarna f'Omm is-sliem*
*biex tkun hi li għand Bin Alla*
*twassal hienja tul iż-żmien!*

# Djamanti ta' Għawdex

*Ritratti ta' Richard Grech*

## NATURA U STORJA... IL-ĠAWHAR TAGĦNA





# Sena Saċerdotali 2009-2010

*F'għaqda mal-Knisja Universali, id-Djoċesi ta' Għawdex titlob u taħdem b'servizzi letterarji b'risq il-Qdusija tas-Saċerdoti kif mixtieq mill-Papa Benedittu XVI.*




€3




€7

ŻEWĠ KOTBA ĠODDA!



*"Biex is-saċerdoti jkunu xhieda aktar qawwija u ċara tal-Vanġelu fid-dinja tal-lum"*

*- Benedittu XVI*

LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS

Tel: 2156 0496